EU-MIDIS II



# It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni

## Il-Musulmani – Sejbiet magħżula

FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ritratt (qoxra u ġewwa): © Adobe Stock [mix-xellug għal-lemin: Jasmin Merdan; oneinchpunch; Rawpixel.com]

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

| | | | |
|---|---|---|---|
| FRA – print: | ISBN 978-92-9491-749-2 | doi:10.2811/868711 | TK-AN-17-001-MT-C |
| FRA – web: | ISBN 978-92-9491-754-6 | doi:10.2811/596781 | TK-AN-17-001-MT-N |


© l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2018

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tal-copyright għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti f'din il-pubblikazzjoni.

EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni

## Il-Musulmani – Sejbiet magħżula

# Daħla

Tiftakar l-aħħar darba li applikajt għal impjieg? Jaf inkwetajt għax il-ħiliet tal-kompjuter tiegħek ma kinux biżżejjed, jew qgħadt tfettaq fuq xi żball tal-ortografija fis-CV tiegħek. Madankollu, jekk int Musulman jew ta' oriġini Musulmana u qed tgħix fl-UE, ismek jista' jkun biżżejjed biex tiżgura li qatt m'int se tirċievi stedina għal intervista ta' impjieg.

Din hija biss waħda mis-sejbiet tat-tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni. U filwaqt li d-diskriminazzjoni hija problema partikolari meta tkun qed tfittex xogħol u fuq ix-xogħol, bl-ebda mod mhi limitata għal dan l-ambjent. It-trattament mhux ugwali huwa wkoll okkorrenza ta' kuljum meta tipprova taċċessa servizzi pubbliċi jew privati, bħal klinika ta' tabib jew restorant. In-nies li jilbsu simboli reliġjużi viżibbli, b'mod partikolari nisa li jilbsu velu, għandhom aktar probabbiltà li jesperjenzaw diskriminazzjoni u fastidju, li jvarjaw minn xi ħadd jiċċassa lejhom b'mod mhux xieraq għal attakk fiżiku.

Dawn huma biss ftit mis-sejbiet fir-rapport tal-istħarriġ tagħna, li jeżamina l-esperjenza ta' aktar minn 10,500 immigrant li jidentifikaw irwieħhom bħala Musulmani u d-dixxendenti tagħhom fi 15-il Stat Membru tal-UE. Is-sejbiet ta' dan l-istħarriġ juru n-nuqqas ġenerali ta' progress fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni u ta' delitti ta' mibegħda sa mill-2008, meta aħna għamilna l-ewwel European Union Minorities and Discrimination Survey tagħna.

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa unika lejn l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tat-tieni l-akbar grupp reliġjuż fl-UE, li jirrappreżenta madwar 4% tal-popolazzjoni totali tal-UE. Kif juru s-sejbiet, id-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza jistgħu jimminaw attitudnijiet pożittivi u jxekklu l-parteċipazzjoni sinifikanti fis-soċjetà. Barra minn hekk, in-nuqqas li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u t-tolleranza jagħmluha aktar diffiċli li tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-migranti u tar-rifuġjati li tul dawn l-aħħar snin bdew jaslu fix-xtut tal-Ewropa, bil-konsegwenzi kollha potenzjalment ta' ħsara.

Ir-rapport jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'sejbiet ibbażati fuq l-aktar sett tad-*data* estensiv disponibbli dwar il-Musulmani fl-UE, u jiffoka fuq kwistjonijiet li jvarjaw minn ċittadinanza, fiduċja u tolleranza, permezz ta' diskriminazzjoni u waqfien mill-pulizija bbażat fuq l-isfond etniku ta' individwu, għal sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet. Meħudin flimkien, is-sejbiet tal-istħarriġ u r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jipprovdu bażi tajba biex tappoġġja l-effettività ta' medda wiesgħa ta' miżuri fl-oqsma tal-integrazzjoni u tan-nondiskriminazzjoni kif ukoll tal-politika ta' sigurtà interna.

**Michael O'Flaherty**
*Direttur*

# Kodiċi tal-pajjiż u tal-grupp fil-mira

| Kodiċi tal-pajjiż | Stat Membru tal-UE | Kodiċi tal-grupp fil-mira tal-pajjiż | Grupp fil-mira |
|---|---|---|---|
| AT | L-Awstrija | AT - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| BE | Il-Belġju | BE - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| | | BE - NOAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq |
| CY | Ċipru | CY - ASJA | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Asja |
| DE | Il-Ġermanja | DE - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| | | DE - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| DK | Id-Danimarka | DK - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| | | DK - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| EL | Il-Greċja | EL - SASIA | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Asja t'Isfel |
| ES | Spanja | ES - NOAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq |
| FI | Il-Finlandja | FI - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| FR | Franza | FR - NOAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq |
| | | FR - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| IT | L-Italja | IT - SASIA | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Asja t'Isfel |
| | | IT - NOAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq |
| | | IT - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| MT | Malta | MT - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| NL | In-Netherlands | NL - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| | | NL - NOAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq |
| SE | L-Iżvezja | SE - TUR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija |
| | | SE - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |
| SI | Is-Slovenja | SI - RIMGR | Immigranti riċenti |
| UK | Ir-Renju Unit | UK - SASIA | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Asja t'Isfel |
| | | UK - SSAFR | Immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana |

# Werrej


DAĦLA ... 3

GĦALIEX HUWA MEĦTIEĠ DAN IR-RAPPORT? ... 7

1 SEJBIET EWLENIN U OPINJONIJIET TAL-FRA ... 11
- 1.1 L-għajxien flimkien fl-UE: ċittadinanza, fiduċja u tolleranza ... 11
- 1.2. Id-diskriminazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet ... 13
- 1.3. Fastidju u vjolenza motivati minn mibegħda ... 15
- 1.4. Waqfien mill-pulizija ... 17

2 X'JURU R-RIŻULTATI? ... 19
- 2.1. L-għajxien flimkien fl-UE: ċittadinanza, fiduċja u tolleranza ... 19
  - 2.1.1. Ċittadini ta' immigranti Musulmani u dixxendenti ta' immigranti ... 20
  - 2.1.2 Is-sens ta' appartenenza, l-irbit u d-distanza soċjali ... 21
  - 2.1.3. Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi ... 24
- 2.2. Id-diskriminazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet ... 26
  - 2.2.1. Rati ta' diskriminazzjoni globali ... 27
  - 2.2.2. Esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant ... 33
  - 2.2.3. Ir-rappurtar tad-diskriminazzjoni ... 36
  - 2.2.4. Is-sensibilizzazzjoni dwar organizzazzjonijiet ta' appoġġ, korpi tal-ugwalità u liġijiet li jindirizzaw id-diskriminazzjoni ... 38
  - 2.2.5. Diskriminazzjoni meqjusa għal raġunijiet tal-oriġini etnika, il-kulur tal-ġilda, u r-reliġjon jew twemmin reliġjuż ... 41
- 2.3. Delitti ta' mibegħda – fastidju u vjolenza ... 43
  - 2.3.1 Esperjenzi ta' fastidju motivat minn mibegħda ... 44
  - 2.3.2. L-esperjenzi ta' vjolenza fiżika motivata minn mibegħda ... 48
  - 2.3.3. Il-fastidju u l-vjolenza fiżika kontra il-familja jew il-ħbieb tar-rispondenti – inċidenti motivati minn mibegħda ... 51
  - 2.3.4. L-attitudnijiet lejn il-vjolenza ... 51
- 2.4. Waqfien mill-pulizija ... 53
  - 24.1. It-tlaqqigħ mal-infurzar tal-liġi ... 53
  - 2.4.2. Id-differenzi fil-waqfien mill-pulizija skont is-sess u l-età ... 55
  - 2.4.3. Iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-aktar waqfa riċenti mill-pulizija ... 57
  - 2.4.4. It-trattament mill-pulizija ... 57
- 2.5. L-effett tad-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni fuq is-sens ta' appartenenza u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi ... 58

ANNESS: METODOLOĠIJA TA' EU-MIDIS II ... 61

REFERENZI ... 67

# Figuri u tabelli

Figura 1: Musulmani b'permess ta' residenza validu għal inqas minn ħames snin jew bl-ebda permess ta' residenza, skont l-Istat Membru tal-UE (%) ... 21
Figura 2: Sentiment ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza, skont is-sess, iċ-ċittadinanza, l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (valur medju fuq skala ta' 5 punti) ... 22
Figura 3: Livell ta' aċċettazzjoni ta' ġirien bi sfondi differenti (fuq skala minn 0 sa 10) ... 23
Figura 4: Persuni mill-popolazzjoni ġenerali fl-UE li "ma togħġobhomx" li jkollhom Musulmani bħala ġirien, European Values Study (%) ... 24
Figura 5: Il-fiduċja fl-istituzzjonijet fost il-Musulmani fi 11-il Stat Membru tal-UE, skont it-tip ta' istituzzjoni (valur medju fuq skala minn 0 sa 10) ... 25
Figura 6: Raġunijiet għal diskriminazzjoni esperjenzata fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum (%) ... 28
Figura 7: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' tliet raġunijiet speċifiċi fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum, skont il-grupp fil-mira (%) ... 28
Figura 8: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' tliet raġunijiet speċifiċi fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum, skont l-Istat Membru tal-UE (%) ... 29
Figura 9: Diskriminazzjoni globali abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 5 snin u fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp fil-mira tal-istħarriġ (%) ... 30
Figura 10: Diskriminazzjoni globali abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 5 snin u fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp fil-mira tal-istħarriġ (%) ... 31
Figura 11: Diskriminazzjoni minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar, fost dawk li jilbsu/ma jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż, u skont is-sess (%) ... 32
Figura 12: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar u fl-aħħar 5 snin f'oqsma differenti tal-ħajja (%) ... 33
Figura 13: Raġunijiet ewlenin għall-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant f'dominji tal-ħajja differenti (tweġiba multipla) (%) ... 34
Figura 14: Numru ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar fuq ix-xogħol (%) ... 35
Figura 15: Numru ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar meta jkunu qed ifittxu xogħol (%) ... 36
Figura 16: Immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom li rrappurtaw jew li ppreżentaw ilment dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, skont is-sess (%) ... 37
Figura 17: Immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom li rrappurtaw jew ressqu lment dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, skont l-Istat Membru tal-UE (%) ... 37
Figura 18: Sensibilizzazzjoni fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom dwar organizzazzjonijiet li joffru appoġġ jew pariri lil vittmi tad-diskriminazzjoni (irrispettivament mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni), skont il-grupp fil-mira (%) ... 39
Figura 19: Għarfien fost rispondenti Musulmani ta' tal-inqas korp ta' ugwaljanza wieħed (%) ... 40
Figura 20: Sensibilizzazzjoni fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom dwar liġijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew ir-reliġjon (%) ... 41
Figura 21: Rispondenti Musulmani li jemmnu li d-diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon, l-oriġini etnika jew il-kulur tal-ġilda hija mifruxa ħafna jew pjuttost mifruxa f'pajjiżhom, skont l-Istat Membru tal-UE (%) ... 42
Figura 22: Il-prevalenza ta' fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) ... 45
Figura 23: Il-prevalenza ta' fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) ... 46
Figura 24: Rispondenti li tal-inqas xi drabi jilbsu ilbies tradizzjonali jew reliġjuż (inkluż velu jew niqab għan-nisa) fil-pubbliku u li esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) ... 47
Figura 25: Sfond ta' atturi tal-aktar inċidenti riċenti ta' vjolenza fiżika bbażata fuq l-isfond etniku jew ta' immigrant tar-rispondenti %) ... 49
Figura 26: Sodisfazzjon bil-mod ta' kif il-pulizija mmaniġġjat l-aktar inċident riċenti ta' vjolenza motivat mill-isfond etniku jew ta' immigrant tar-rispondenti wara r-rappurtar tal-inċident lill-pulizija (%) ... 50
Figura 27: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza għall-awtodifiża (%) ... 52
Figura 28: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza biex jiddefendu lil xi ħaddieħor (%) ... 52
Figura 29: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza meta jiġu insultati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom (%) ... 52
Figura 30: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza meta tiġi insultata r-reliġjon tagħhom (%) ... 52
Figura 31: Il-prevalenza ta' waqfien mill-pulizija fl-aħħar ħames snin, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (%) ... 54
Figura 32: L-aktar waqfa riċenti mill-pulizija li titqies bħala tfassil ta' profil etniku fost dawk li twaqqfu fil-5 snin qabel l-istħarriġ, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (%) ... 55
Figura 33: L-aktar waqfa riċenti mill-pulizija fl-aħħar ħames snin li titqies bħala li seħħet minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant, (a) fost dawk li jilbsu/ma jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż u (b) skont is-sess (%) ... 56
Figura 34: Fiduċja fil-pulziiaj, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (medja, fuq skala ta' 0-10, fejn 0 ifisser "l-ebda fiduċja" u 10 ifisser "fiduċja sħiħa") ... 58
Figura 35: Il-fiduċja fis-sistema legali u fil-pulizija, skont l-esperjenza ta' vittimizzazzjoni fl-aħħar 12-il xahar (valur medju fuq skala minn 0 sa 10, it-triangoli jindikaw xi forma ta' esperjenzi ta' vittimizzazzjoni, it-tikek ma jindikaw l-ebda esperjenza bħal din) ... 59

Tabella 1: L-esperjenzi tar-rispondenti bi pratiki diskriminatorji speċifiċi fuq ix-xogħol minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fl-aħħar 5 snin (%) ... 33
Tabella 2: Il-karatteristiċi demografiċi tar-rispondenti Musulmani ... 64
Tabella 3: Il-pajjiżi ewlenin tat-twelid ta' immigranti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni, skont il-grupp fil-mira u l-pajjiż ta' residenza ... 65

# Għaliex huwa meħtieġ dan ir-rapport?

Il-Musulmani jirrappreżentaw it-tieni l-akbar grupp reliġjuż fl-Unjoni Ewropea. Dawn jaffaċċjaw id-diskriminazzjoni f'medda wiesgħa ta' ambjenti – u partikolarment meta jfittxu impjieg, fuq ix-xogħol, u meta jippruvaw jaċċessaw servizzi pubbliċi jew privati. Karatteristiċi bħall-isem u l-kunjom tal-individwu, il-kulur tal-ġilda u l-ilbies ta' simboli reliġjużi viżibbli jistgħu jiskattaw trattament diskriminatorju u fastidju. Tradizzjonalment, in-nisa Musulmani jistgħu jilbsu velu li jgħatti r-ras, il-wiċċ jew il-ġisem. Dan jista' jkun hijab (li ma jgħattix il-wiċċ) jew niqab (li jgħatti l-wiċċ, iżda mhux l-għajnejn) jew burqa li tgħatti l-wiċċ kompletament. Dawn huma biss ftit mis-sejbiet deskritti f'dan ir-rapport. Abbażi tal-aktar sett ta' *data* estensiv fl-Unjoni Ewropea (UE), dan jippreżenta sejbiet dwar l-esperjenzi u l-opinjonijiet ta' immigranti u dixxendenti ta' immigranti Musulmani li qed jgħixu fl-UE.

Il-Musulmani huma taħlita diversa ta' etniċitajiet, affiljazzjonijiet reliġjużi, twemmin filosofiku, persważjonijiet politiċi, tendenzi sekulari, lingwi u tradizzjonijiet kulturali. Abbażi ta' stimi għall-2010 miċ-Ċentru ta' Riċerka Pew, fl-UE hemm jgħixu madwar 20 miljun Musulman, li jirrappreżenta madwar 4 % tal-popolazzjoni totali tagħha – b'varjazzjonijiet konsiderevoli bejn u fi ħdan l-Istati Membri tal-UE. L-akbar numru ta' Musulmani jgħixu fi Franza u fil-Ġermanja, b'madwar 4.7 miljun f'kull wieħed miż-żewġ pajjiżi li jammontaw għal 46 % tal-Musulmani kollha fl-UE.

Ir-riżultati ppreżentati f'dan ir-rapport juru li l-maġġoranza tal-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ huma marbutin ħafna mal-pajjiż ta' residenza tagħhom. Dawn jafdaw l-istituzzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżhom, ħafna drabi aktar mill-popolazzjoni ġenerali. Madankollu, dawn għadhom jaffaċċjaw ostakoli għall-inklużjoni sħiħa tagħhom f'soċjetajiet Ewropej. Dawn jinkludu diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza motivati minn mibegħda, kif ukoll waqfien frekwenti mill-pulizija. Maż-żmien, esperjenzi negattivi bħal dawn jistgħu jnaqqsu l-fiduċja tal-vittmi fil-pulizija, fil-ġuridikatura u fil-parlament, u l-irbit tagħhom mal-pajjiż fejn jgħixu.

Dawn is-sejbiet huma bbażati fuq l-istħarriġ tal-FRA ta' persuni b'minoranza etnika jew bi sfond ta' immigrant li jgħixu fl-UE – it-tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) – li sar fl-2015-2016. Dan ir-rapport jeżamina l-fehmiet u l-esperjenzi ta' immigranti Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni li jgħixu fi 15-il Stat Membru, b'fokus fuq id-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni razzista. Dan jipprovdi *data* f'waqtha u relevanti li attwalment mhijiex disponibbli fis-sistema statistika Ewropea jew fi stħarriġ ewlieni madwar l-UE.

Fihom infushom, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali huma objettivi tal-UE. Dawn huma marbutin mill-qrib ma' drittijiet fundamentali ewlenin, bħall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-dinjità tal-bniedem u d-dritt għal-libertà u s-sigurtà u r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tiddikjara li r-rispons tal-UE għall-estremiżmu "m'għandux iwassal għall-istigmatizzazzjoni ta' kwalunkwe grupp jew komunità" u għandu jiġi bbażat fuq valuri Ewropej komuni ta' tolleranza, diversità u rispett reċiproku, waqt li jippromwovi soċjetajiet liberi u pluralisti.[1] Il-Parlament Ewropew tenna t-tħassib tiegħu dwar id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-Musulmani f'Diċembru 2016, meta ddikjara li l-esklużjoni tal-komunitajiet reliġjużi u d-diskriminazzjoni kontrihom jistgħu joħolqu bażi għall-estremiżmu.[2]

Il-Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-mibegħda għall-Musulmani, li nħatar f'Diċembru 2015, jappoġġja l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-Koordinatur jaġixxi bħala punt ta' kuntatt dedikat għal komunitajiet Musulmani u NGOs li jaħdmu fil-qasam waqt li jikkontribwixxi għall-istrateġija ġenerali tal-Kummissjoni tal-ġlieda kontra delitt ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda, intolleranza u diskriminazzjoni, kif ukoll radikalizzazzjoni u estremiżmu vjolenti.

*Data* mill-EU-MIDIS II tista' tinforma dwar it-tfassil u l-valutazzjoni ta' politiki tal-UE dwar medda wiesgħa ta' kwistjonijiet – mill-integrazzjoni tal-immigranti, in-nondiskriminazzjoni u delitti ta' mibegħda sas-sigurtà interna u r-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-komunità. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sejbiet tal-istħarriġ biex jiżviluppaw integrazzjoni nazzjonali tal-immigranti u politiki ta' sigurtà interna li jpoġġu r-riżorsi fil-mira tagħhom b'mod aktar effettiv u li huma proporzjonali u komprensivi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. Dan ir-rapport ma jiffukax fuq Musulmani li jkunu għadhom kif waslu fl-UE – grupp kopert f'riċerka kwalitattivi li għandha ssir mill-aġenzija.[3] Madankollu, is-sejbiet tiegħu huma relevanti wkoll għal pajjiżi li għadhom jirċievu numri kbar ta' immigranti Musulmani u ta' persuni li qed ifittxu l-ażil, minħabba li risponsi politiċi effettivi għall-immigrazzjoni u l-integrazzjoni għandhom ikunu mmirati u bbażati fuq l-evidenza.

1 Il-Kummissjoni Ewropea (2015a).
2 Il-Parlament Ewropew (2016).
3 Ir-riċerka tal-FRA dwar "Ir-rispons lejn emerġenza ta' drittijiet fundamentali" se tħares lejn l-esperjenzi ta' persuni li jfittxu l-ażil li daħlu fl-UE matul l-aħħar ftit snin, fir-rigward tas-sitwazzjoni fi bliet magħżula f'sitt Stati Membri.

Il-ġbir ta' *data* robusta u komparabbli dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni ta' persuni b'minoranza etnika jew bi sfond ta' immigrant huwa parti mill-isforz tal-FRA biex tippromwovi tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza – bl-għan aħħari jkun li tassisti lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE fl-iżvilupp ta' risponsi ta' politika effettivi u komprensivi għal tħassib dwar id-drittijiet fundamentali. L-aġenzija pprovdiet evidenza bħal din għal aktar minn 10 snin. Fl-2009, l-ewwel rapport tal-FRA[4] dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tal-Musulmani żvela ostakoli konsiderevoli għall-integrazzjoni, bħal livell għoljin ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni razzista, li b'mod partikolari taffettwa ż-żgħażagħ, kif ukoll livelli baxxi ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u għarfien ta', jew fiduċja fi, mekkaniżmi ta' lmenti u infurzar tal-liġi. Dawn is-sejbiet ġew ibbażati fuq l-ewwel European Union Minorities and Discrimination Survey (EU-MIDIS I).[5]

Dan ir-rapport huwa t-tieni wieħed ibbażat fuq ir-riżultati tal-istħarriġ EU-MIDIS II. L-ewwel rapport – li ġie ppubblikat f'Novembru 2016 – ġabar fil-qosor l-esperjenzi tal-akbar minoranza etnika u l-aktar marġinalizzata tal-Ewropa, ir-Rom.

Rapport ta' sinteżi li jkopri r-riżultati għall-gruppi kollha li sar stħarriġ fuqhom f'EU-MIDIS II se jiġi ppubblikat f'Diċembru 2017. L-għodda ta' esplorazzjoni tad-*data* tal-FRA se tippermetti aċċess online malajr għad-*data* kollha tal-istħarriġ.

## EU-MIDIS II fil-qosor[6]

- **Kopertura** – EU-MIDIS II ġabar informazzjoni minn aktar minn 25,500 rispondent b'minoranza etnika u sfondi ta' immigrant differenti minn madwar l-UE. Dan ir-rapport janalizza t-tweġibiet ta' 10,527 rispondent li jidentifikaw lilhom infushom bħala "Musulmani" meta ġew mistoqsija dwar ir-reliġjon tagħhom (minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala "rispondenti Musulmani") fi 15-il Stat Membru tal-UE. L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Flimkien dawn il-pajjiżi jilqgħu madwar 94 % tal-Musulmani li jgħixu fl-UE, skont stimi miċ-Ċentru ta' Riċerka Pew.[7]

- Il-**kampjun ta' EU-MIDIS II** huwa rappreżentattiv għal gruppi magħżula ta' immigranti li twieldu barra mill-UE (l-ewwel ġenerazzjoni) u għad-dixxendenti ta' immigranti (it-tieni ġenerazzjoni) b'tal-inqas ġenitur wieħed li twieled barra mill-UE. Ir-rispondenti kollha kellhom 16-il sena jew aktar meta sar l-istħarriġ, u kienu ilhom jgħixu f'unitajiet domestiċi privati għal tal-inqas 12-il xahar qabel l-istħarriġ. Il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni istituzzjonali – bħal djar tal-anzjani, sptarijiet jew ħabsijiet – ma ġewx inklużi fl-oqfsa tal-kampjunar u għalhekk ma sarilhomx l-istħarriġ.

- **Pajjiżi/reġjuni ta' oriġini ta' immigranti Musulmani u dixxendenti ta' immigranti intervistati** jinkludu t-Turkija, l-Afrika ta' Fuq, l-Afrika sub-Saħarjana, u l-Asja t'Isfel (f'Ċipru li tagħmel mal-Asja); barra minn hekk, id-*data* dwar il-Musulmani fis-Slovenja tirreferi għal immigranti riċenti li emigraw lejn l-UE fl-aħħar 10 snin minn pajjiżi mhux tal-UE (għal lista dettaljata ta' immigranti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni, ara Tabella 3 fl-Anness).

### Dwar it-terminoloġija

*Motivazzjoni għal preġudizzju*

Dan jikkonċerna vjolenza u offiżi oħra mmotivati minn fehmiet u attitudnijiet negattivi, u ħafna drabi sterjotipiċi, lejn grupp partikolari ta' persuni li għandhom karatteristika komuni, bħal sess, razza, oriġini etnika, lingwa, reliġjon, nazzjonalità, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru jew karatteristika oħra, bħal età jew indeboliment fiżiku jew fiżikosoċjali. F'dan ir-rapport, motivazzjoni għal preġudizzju tirreferi għal inċidenti ta' fastidju u kriminalità motivati minn mibegħda bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż tar-rispondenti, l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom jew il-kulur tal-ġilda tagħhom.

*Sfond etniku jew ta' immigrant*

Is-sejbiet ippreżentati hawn, bħala terminu ġeneriku, jużaw "sfond etniku jew ta' immigrant" biex jinkludu riżultati għal tliet raġunijiet ta' diskriminazzjoni li jsiru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ: oriġini etnika jew sfond ta' immigrant, u reliġjon jew twemmin reliġjuż. Għal aktar detttalji dwar l-intersezzjoni ta' "reliġjon" u "oriġini etnika" bħala raġunijiet għal diskriminazzjoni, ara Taqsima 2.2 dwar "Diskriminazzjoni u sensibilizzazzjoni ta' drittijiet".

4 FRA (2009).
5 Ir-riżultati tal-istħarriġ EU-MIDIS I ippubblikati f'2009-2012 huma disponibbli fuq il-paġna web tal-FRA.
6 Għal aktar dettalji dwar il-metodoloġija tal-istħarriġ, ara l-Anness ("EU-MIDIS II: metodoloġija") u r-Rapport Tekniku ta' EU-MIDIS II [li se joħroġ f'Diċembru 2017].
7 Il-kalkoli tal-FRA huma bbażati fuq stimi miċ-Ċentru ta' Riċerka Pew, li ma jagħmlu differenza bejn Musulmani *bi* u Musulmani *mingħajr* sfond ta' migrazzjoni. Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna web taċ-Ċentru ta' Riċerka Pew dwar is-suġġett.

- **Karatteristiċi ta' kampjunar** – l-età medja tar-rispondenti Musulmani kienet 38 sena; 50 % kienu nisa u 50 % kienu rġiel; u ftit aktar minn nofs huma ċittadini tal-Istat Membru fejn jgħixu. Il-profil soċjodemografiku tagħhom ivarja b'mod konsiderevoli madwar il-pajjiżi ta' residenza u l-pajjiżi/reġjuni ta' oriġini, kif muri f'Tabella 2 fl-Anness dwar il-metodoloġija ta' EU-MIDIS II.

- **Kwistjonijiet koperti** – l-istħarriġ jinkludi mistoqsijiet dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'ambjenti differenti, bħal impjieg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, ġid, meta jintużaw servizzi pubbliċi jew privati, dwar esperjenzi ta' waqfien mill-pulizija u vittimizzazzjoni kriminali (inkluż delitt ta' mibegħda); dwar is-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet u mekkaniżmi ta' rimedju; u dwar il-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni soċjetali, inkluż il-fiduċja f'istituzzjonijiet pubbliċi u l-livell ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza. Ir-rispondenti pprovdew ukoll informazzjoni dwar karatteristiċi soċjodemografiċi bażi għall-membri kollha tal-unità domestika, inkluż huma nfushom. Dan ir-rapport jippreżenta sejbiet mislutin minn mistoqsijiet magħżula relatati ma' diskriminazzjoni, razziżmu u mibegħda mmotivata minn preġudizzju, waqfien mill-pulizija, integrazzjoni u parteċipazzjoni soċjetali.

- **Tqabbil ma' EU-MIDIS I** – ir-riżultati huma mqabbla f'dan ir-rapport fir-rigward ta' differenzi importanti għal indikaturi komparabbli. Titjib fil-metodoloġija tal-kampjunar u l-applikazzjoni ta' peżati tad-disinn tal-kampjunar jillimitaw tqabbil dirett tar-riżultati kollha (għad-dettalji, ara l-Anness). Isir ukoll tqabbil mal-popolazzjoni ġenerali meta jkun hemm *data*.

# 1

# Sejbiet ewlenin u opinjonijiet tal-FRA



Ir-riżultati juru li, globalment, il-maġġoranza ta' immigranti Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni li sarilhom l-istħarriġ fi 15-il Stat Membru tal-UE jħossuhom marbutin mal-pajjiż fejn jgħixu; jafdaw l-istituzzjonijiet tiegħu – ħafna drabi aktar mill-pubbliku ġenerali; u jħossuhom komdi jinteraġixxu ma' nies ta' sfond reliġjuż jew etniku differenti. Madankollu, ir-riżultati juru ftit progress f'termini ta' diskriminazzjoni u delitti ta' mibegħda. Meta mqabbel ma' 10 snin ilu – meta saret l-ewwel fażi tal-istħarriġ – il-proporzjon ta' rispondenti Musulmani li jesperjenzaw id-diskriminazzjoni għadu għoli, speċjalment meta jkunu qed ifittxu xogħol. Għadhom jippersistu vjolenza fiżika u fastidju motivati minn mibegħda.

- Kważi wieħed minn kull tliet rispondenti Musulmani jindikaw li jesperjenzaw diskriminazzjoni meta jkunu qed ifittxu xogħol. Dan ixekkel il-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom fis-soċjetà.
- Fastidju minħabba sfond etniku jew ta' immigrant kien komuni għal wieħed minn kull erba' rispondenti Musulmani; minn dawn l-individwi, kważi nofshom esperjenzaw sitt inċidenti jew aktar matul is-sena preċedenti.
- Simboli reliġjużi viżibbli, bħal ilbies tradizzjonali jew reliġjuż, irriżulta f'wieħed minn kull tliet rispondenti Musulmani li esperjenzaw diskriminazzjoni, fastidju jew waqfien mill-pulizija; ir-rati kienu aktar baxxi għal dawk li ma libsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż.
- L-ismijiet, il-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika tal-individwi bdiet diskriminazzjoni kontra madwar nofs ir-rispondenti meta kienu qed ifittxu akkomodazzjoni, impjieg jew jirċievu kura tas-saħħa.
- Wieħed minn kull 10 rispondenti Musulmani rrappurtaw l-aktar inċident riċenti ta' fastidju li kien motivat minn mibegħda lil jew il-pulizija jew lil organizzazzjoni oħra jew servizz ieħor. Erbgħa biss minn kull 100 rispondent Musulman li qalu li ġew diskriminati rrappurtaw dan lil korp tal-ugwaljanza, istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew istituzzjoni ombuds.

L-opinjonijiet li ġejjin tal-FRA jibnu fuq is-sejbiet ewlenin tat-tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) dwar immigranti Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni. Dawn għandhom jinqraw flimkien mal-Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika ta' integrazzjoni tal-immigranti tal-UE fl-2004, u b'mod partikolari, flimkien mal-prijoritajiet tal-politika li ġew stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2016 dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Tal-aħħar jinkludi azzjonijiet biex titrawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif ukoll intraprenditorija; azzjonijiet fl-edukazzjoni, speċjalment fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, kif ukoll fl-edukazzjoni ċivika u fit-tagħlim mhux formali; azzjonijiet biex jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata u affordabbli u inklużjoni soċjali permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali u tal-isport u anki impenn politiku; azzjonijiet biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u jiġi promoss approċċ pożittiv għad-diversità; u azzjonijiet għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija – b'mod partikolari diskors ta' mibegħda – billi tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali.[8]

## 1.1. L-għajxien flimkien fl-UE: ċittadinanza, fiduċja u tolleranza

EU-MIDIS II juri li ħafna mir-rispondenti Musulmani jħossuhom marbutin mal-pajjiż fejn jgħixu, jafdaw l-istituzzjonijiet tiegħu u huma komdi biex jinteraġixxu

8 Il-Kummissjoni Ewropea (2016b).

ma' nies ta' oriġini reliġjużi jew etniċi differenti. Il-maġġoranza tar-rispondenti (76 %) iħossuhom marbutin ħafna mal-pajjiż ta' residenza tagħhom. B'mod globali, dawn jindikaw livelli ogħla ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi milli indikat il-popolazzjoni ġenerali fil-European Social Survey 2014 – partikolarment Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni, li jistgħu jiġu influwenzati minn esperjenzi negattivi ma' istituzzjonijiet pubbliċi fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Bħala medja, ir-rispondenti jafdaw l-aktar lill-pulizija u lis-sistema legali, segwiti mill-parlament nazzjonali. Dawn huma newtrali lejn il-Parlament Ewropew u għandhom tendenza li ma jafdawx lill-politikanti u lil-partiti politiċi nazzjonali. Madankollu, bħala medja, Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni jafdaw lill-pulizija u lis-sistema legali inqas milli jagħmlu Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni.

Ftit aktar minn nofs ir-rispondenti Musulmani (53 %) għandhom ċittadinanza tal-pajjiż ta' residenza tagħhom u għalhekk igawdu mis-sett sħiħ ta' drittijiet għaċ-ċittadini jew għaċ-ċittadini tal-UE. Madankollu, 15 % għandhom jew permess ta' residenza validu għal inqas minn ħames snin jew (temporanjament) m'għandhomx permess ta' residenza. Meta l-immigranti jkollhom status legali mhux sigur jistgħu jiġu soġġetti għal riskji partikolari, u b'hekk tiżdied il-vulnerabbiltà għad-diskriminazzjoni.

Dawn is-sejbiet jissuġġerixxu li s-sodisfazzjon tal-għanijiet tal-UE li ġew stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2016 dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi se jkun sfida. L-UE tirrikonoxxi li l-migrazzjoni hija karatteristika permanenti tas-soċjetajiet Ewropej u tirrikonoxxi l-importanza tal-integrazzjoni tal-migranti għall-inklużjoni soċjali u għat-tkabbir. Madankollu, għad iridu jiġu implimentati miżuri effettivi biex jiġi żgurat il-kontribut attiv tal-immigranti – inkluż il-Musulmani – fil-ħajja politika, kulturali u soċjali tas-soċjetajiet Ewropej. Bosta Stati Membri tal-UE implimentaw pjan ta' azzjoni u/jew strateġija ta' integrazzjoni nazzjonali. Madankollu, ir-rapport riċenti tal-FRA dwar l-għajxien flimkien fl-UE jenfasizza[9], li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji spiss b'mod korrett jistennew li l-immigranti jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u l-valuri tas-soċjetajiet ospitanti filwaqt li rari jippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikanti, speċjalment dik taż-żgħażagħ, fis-soċjetà fejn jgħixu. Il-ħolqien ta' sens ta' appartenenza se jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet li jrendu soċjoekonomikament.

9 FRA (2017b).

### Opinjoni 1 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-immigranti u tad-dixxendenti ta' immigranti fi proċessi u korpi ta' konsultazzjoni pubblika, kif irrakkomandat il-FRA fir-rapport tagħha "Together in the EU". Dan se jgħin biex itejjeb it-tfassil u t-twettiq ta' miżuri ta' integrazzjoni, u jibni fuq il-livell għolja ta' fiduċja li l-immigranti u d-dixxendenti tagħhom iħossu lejn istituzzjonijiet demokratiċi fil-pajjiżi fejn jgħixu. Il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu effettivi, sinifikanti u jorbtu mat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għandhom jiġu inklużi wkoll miżuri speċifiċi biex in-nisa u ż-żgħażagħ jiġu attirati biex jipparteċipaw f'dawn il-proċeduri.*

### Opinjoni 2 tal-FRA

*L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jikkunsidraw li jipprovdu kondizzjonijiet aktar favorevoli għall-akkwist u għan-naturalizzazzjoni taċ-ċittadinanza għal dixxendenti ta' immigranti li twieldu u/jew ġew edukati fil-pajjiż, kif irrakkomandat il-FRA fir-rapport tagħha "Together in the EU". Dan irawwem is-sens tagħhom ta' appartenenza, billi jibni fuq is-sens qawwi ta' rbit tagħhom mal-pajjiżi fejn jgħixu u l-livell għoljin tagħhom ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi tagħhom.*

Ġeneralment, ir-rispodenti Musulmani għandhom ħsieb miftuħ lejn gruppi oħra ta' nies fis-sens li jħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' reliġjon differenti, l-istess sfond etniku jew wieħed differenti, jew persuni b'diżabilitajiet. Disgħa minn 10 rispondenti jgħidu li għandhom ħbieb bi sfond reliġjuż differenti, u kważi kollha (92 %) għandhom tendenza li jħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' sfond reliġjuż differenti. B'aktar enfasizzar tal-attitudnijiet miftuħa tar-rispondenti Musulmani lejn reliġjonijiet oħra, kważi wieħed minn kull żewġ rispondenti (48 %) jindika li jħossu "totalment komdu" jekk membru tal-familja jiżżewweġ persuna mhux Musulmana. Inqas rispondenti Musulmani jħossuhom skomdi jekk membru tal-familja jiżżewweġ lil xi ħadd ta' reliġjon differenti (17 %) mill-popolazzjoni ġenerali, abbażi tat-tweġibiet tal-aħħar fl-istħarriġ Ewrobarometru 2015, li skontu 30 % iħossuhom skomdi kieku binhom jew binthom ikollu/ha "relazzjoni ta' mħabba" ma' persuna Musulmana.

Madankollu, 23 % tar-rispondenti Musulmani jħossuhom skomdi jekk ikollhom nies leżbjani, omosesswali jew bisesswali bħala ġirien – meta mqabbel ma' 16 % tal-popolazzjoni ġenerali li jindika, fl-Istudju dwar il-Valuri Ewropej 2008, li dawn ma jixtiqux ikollhom "omosesswali bħala ġirien tagħhom". Barra minn hekk, 30 % tar-rispodenti Musulmani jħossuhom skomdi jekk ikollhom persuni transġeneri jew transesswali bħala ġirien.

Inġenerali, rispondenti Musulmani nisa għandhom it-tendenza li jkollhom ħsieb aktar miftuħ, juru livelli ta' kumdità medji ogħla ma' gruppi differenti bħala ġirien, partikolarment persuni LGBT – sejba kkaratterizzata mis-sess li spiss tiġi replikata fi stħarriġ ieħor li sar fuq il-popolazzjoni ġenerali.

Dan jitlob li jkun hemm applikazzjoni konsistenti tal-Kunsill tal-Prinċipju Bażiku Komuni tal-UE li jirreferi għall-integrazzjoni bħala proċess dinamiku ta' żewġ modi ta' akkomodazzjoni reċiproka mill-immigranti kollha, inkluż il-Musulmani, u mir-residenti. F'dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni ta' Pariġi ta' Frar 2015[10] mill-ministeri tal-UE inkarigati mill-edukazzjoni, u l-Kummissjonarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, tindika ħtieġa urġenti biex jissaħħaħ il-kontribut ewlieni li l-edukazzjoni tagħmel lill-iżvilupp personali, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni, billi jingħataw il-valuri u l-prinċipji fundamentali li jikkostitwixxu l-pedamenti tas-soċjetajiet tagħna. B'mod simili, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2016 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni Ewropea nnutat li l-fehim u l-applikazzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE – id-drittijiet għall-ugwaljanza u għan-nondiskriminazzjoni, kif ukoll il-libertà għar-reliġjon – huwa element essenzjali għall-għajxien flimkien u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà. Fl-istess waqt, dawn id-drittijiet jipproteġu wkoll lill-immigranti, irawmu l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà u jippermettu lill-komunitajiet irendu.

### Opinjoni 3 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jibnu fuq ir-riżultati li juru l-ħsieb miftuħ tal-Musulmani għall-interazzjoni soċjali ma' nies ta' reliġjon, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru differenti. Ir-riżultati jindikaw oqsma li fihom l-Istati Membri jistgħu jiffukaw l-isforzi – pereżempju, fuq li jħossuhom "komdi" b'nies LGBT. Sforzi bħal dawn jistgħu jinkisbu permezz ta' azzjonijiet fl-edukazzjoni – bħal dawk proposti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-ministri tal-edukazzjoni tal-UE – il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u tal-valuri komuni tal-libertà, tolleranza u nondiskriminazzjoni.*

*L-Istati Membri għandhom jeliminaw is-segregazzjoni fl-iskejjel u fiż-żoni residenzjali, u jintroduċu kurrikuli tal-iskejjel ta' edukazzjoni ċivika aktar ambizzjuża. L-awtoritajiet lokali għandhom jinkoraġġixxu lir-residenti kemm mill-popolazzjoni ta' maġġoranza kif ukoll mill-gruppi ta' immigranti, speċjalment, in-nisa u ż-żgħażagħ, biex jingħaqdu flimkien f'attivitajiet lokali bħal sport, gruppi ta' ġenituri, assoċjazzjonijiet ta' akkomodazzjoni, eċċ., biex isaħħu s-sens ta' appartenenza tagħhom.*

## 1.2. Id-diskriminazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet

Ir-riżultati ta' EU-MIDIS II juru li r-residenti Musulmani jaffaċċjaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom – inkluż il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, u r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż. Erbgħa minn għaxar rispondenti Musulmani (39 %) ħassewhom iddiskriminati fil-ħames snin qabel l-istħarriġ minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom f'qasam wieħed jew aktar tal-ħajja ta' kuljum, u wieħed minn erbgħa (25 %) esperjenzaw dan fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ. Dawk li ħassewhom diskriminati rrappurtaw dan, bħala medja, tal-inqas ħames darbiet fis-sena, li juri li d-diskriminazzjoni hija esperjenza rikorrenti.

Meta ġew mistoqsija speċifikament dwar diskriminazzjoni reliġjuża fil-ħajja tagħhom ta' kuljum matul il-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ – sew meta kienu qed ifittxu xogħol jew fuq ix-xogħol, f'aċċess għal akkomodazzjoni u meta kienu f'kuntatt ma' awtoritajiet ta' skola bħala ġenituri jew gwardjani – kważi wieħed minn kull ħames Musulmani li sarilhom l-istħarriġ (17 %) irrappurtaw esperjenzi bħal dawn f'EU-MIDIS II. Fl-2008, f'EU-MIDIS I, wieħed minn kull 10 Musulmani (10 %) ħassewhom diskriminati fuq din il-bażi. F'EU-MIDIS II, rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni jsemmgħu d-diskriminazzjoni reliġjuża aktar ta' spiss milll-immigranti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni (22 % u 15 %, rispettivament). Dawn is-sejbiet juru li għad baqa' ħafna xi jsir qabel il-Musulmani jkunu jistgħu jgawdu mid-drittijiet tagħhom bis-sħiħ għan-nondiskriminazzjoni u l-libertà tar-reliġjon.

L-ismijiet jew il-kunjomijiet tar-rispondenti Musulmani, u l-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika tagħhom, jagħtu bidu għal diskriminazzjoni fl-oqsma kollha tal-ħajja, iżda speċjalment meta jfittxu xogħol jew akkomodazzjoni. Aktar minn nofs ir-rispondenti Musulmani (53 %) li fittxew akkomodazzjoni ħassewhom diskriminati minħabba l-ismijiet jew il-kunjomijiet tagħhom, u ftit inqas minn nofs (44 %) ta' dawk li fittxew xogħol.

Bħalma deher fl-istħarriġ preċedenti, bosta rispondenti Musulmani jirrappurtaw li esperjenzaw trattament mhux ugwali fl-impjieg: 13 % ta' dawk li fittxew xogħol fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, u 9 % ta' dawk fuq ix-xogħol. F'dan il-kuntest, in-nisa Musulmani jħossuhom partikolarment diskriminati minħabba l-ilbies tagħhom: 35 % tan-nisa Musulmani li fittxew xogħol, meta mqabbla ma' 4 % tal-irġiel Musulmani, isemmu l-ilbies bħala raġuni għad-diskriminazzjoni; 22 % tan-nisa Musulmani, meta mqabbla ma' 7 % tal-irġiel Musulmani, isemmuha fuq ix-xogħol. Madwar 12 % tar-rispondenti Musulmani li kienu x-xogħol

10 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2015).

fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ ma tħallewx jieħdu l-liv għal festa, servizz jew ċerimonja reliġjuż/a importanti, u 9 % ġew impeduti milli jesprimu jew iwettqu prattiki u tradizzjonijiet reliġjużi, bħat-talb jew l-ilbies ta' velu jew turban.

L-esperjenza tad-diskriminazzjoni taffettwa l-inklużjoni soċjali tal-Musulmani: dawk li ħassewhom diskriminati u/jew esperjenzaw fastidju jew vjolenza juru livelli aktar baxxi ta' fiduċja fis-sistema legali tal-pajjiż u fil-pulizija. Dawn esprimew ukoll livelli aktar baxxi ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Dan jissuġġerixxi li, għalhekk in-nondiskriminazzjoni hija rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u leġiżlazzjoni speċifika tal-UE bħad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE), hemm ħafna x'jeħtieġ li jsir biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv u prattiku fil-prattika. Pereżempju, it-tielet Prinċipju Bażiku Komuni tal-UE dwar l-Integrazzjoni, speċifikament isemmi li "l-impjieg huwa parti ewlenija tal-proċess ta' integrazzjoni u huwa ċentrali għall-parteċipazzjoni tal-immigranti, għall-kontribut li jagħmlu l-immigranti għas-soċjetà ospitanti, u biex kontribut bħal dan isir viżibbli". Fil-livell internazzjonali u reġjonali, id-dritt għal trattament ugwali u non-diskriminazzjoni huwa marbut mad-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Dawn id-drittijiet huma mnaqqxa fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB); id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali; il-Patt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

### Opinjoni 4 tal-FRA

*Dan l-istħarriġ jipprovdi evidenza għanja li l-ismijiet/l-kunjomijiet u l-kulur tal-ġilda tal-individwu jikkostitwixxu raġunijiet maġġuri għad-diskriminazzjoni. Għalhekk l-Istati Membri tal-UE għandhom jiffukaw l-isforzi tagħhom biex jinfurzaw liġijiet tal-UE u nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni minħabba oriġini razzjali jew etnika. Sabiex jimplimentaw il-liġi b'mod effettiv, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet għal dawk li jiksru liġijiet kontra d-diskriminazzjoni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, u repetittivament mitluba mill-FRA.*

### Opinjoni 5 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiġġieldu d-diskriminazzjoni diretta u indiretta bbażata fuq reliġjon jew twemmin fl-impjieg u fl-okkupazzjoni, kif meħtieġ mil-liġi tal-UE, u għandhom jippromwovu prattiki ta' akkomodazzjoni ta' ħtiġijiet reliġjużi.*

### Opinjoni 6 tal-FRA

*L-UE għandha tiżgura li d-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali tiġi adottata malajr, kif irrakkomandat repetittivament il-FRA. Dan se jgħin biex jiggarantixxi protezzjoni indaqs kontra l-bosta forom pervażivi ta' diskriminazzjoni li l-minoranzi etniċi u reliġjużi, bħall-Musulmani, jaffaċċjaw regolarment f'bosta oqsma tal-ħajja.*

EU-MIDIS I sab li 79 % tar-rispondenti Musulmani ma rrappurtawx l-esperjenzi tagħhom mad-diskriminazzjoni. B'mod simili, ħafna mir-rispondenti Musulmani li sarilhom l-istħarriġ EU-MIDIS II ma rrappurtawx inċidenti bħal dawn lil xi organizzazzjoni jew uffiċċju fejn jistgħu jsiru l-ilmenti, jew fil-post fejn seħħet id-diskriminazzjoni. Bħala medja, 12 % biss tar-rispondenti Musulmani li ħassewhom diskriminati rrappurtaw l-inċident. Nisa Musulmani jirrappurtaw inċidenti bħal dawn aktar spiss (15 %) minn irġiel Musulmani (10 %). Ir-rispondenti li ma rrappurtawx inċidenti ta' diskriminazzjoni l-aktar indirizzaw l-impjegatur tagħhom (39 %), segwit mill-pulizija (17 %) u mit-trejdjunjins (16 %), peress li ħafna minn dawn l-inċidenti kienu relatati max-xogħol. 4 % biss tar-rispondenti Musulmani kollha li rrappurtaw diskriminazzjoni ressqu lment jew irrappurtaw l-inċident lil korp tal-ugwaljanza, li jista' jiġi spjegat mil-livell ta' għarfien baxx ħafna dwar l-eżistenza ta' dawn il-korpi. B'mod simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I, li skontu 80 % tar-rispondenti Musulmani ma kinux jafu b'xi organizzazzjoni li toffri appoġġ jew parir lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, il-maġġoranza tar-rispondenti Musulmani (72 %) koperti f'dan ir-rapporti ma kinux jafu wkoll b'xi organizzazzjoni bħal din, waqt li l-biċċa l-kbira (65 %) ma rrikonoxxewx xi wieħed mill-korpi tal-ugwaljanza f'pajjiżhom.

Dawn is-sejbiet jissuġġerixxu diskrepanzi ċari li jippersistu fl-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali tal-UE, prinċipalment f'termini ta' għarfien pubbliku tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza indipendenti u appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. Għalkemm l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont id-direttiva, flimkien ma' dawk li diġà qegħdin fis-seħħ, "jinġiebu għall-attenzjoni ta' persuni kkonċernati mill-mezzi kollha xierqa fit-territorju tagħhom", is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fost il-pubbliku, speċjalment ta' persuni li huma f'riskju partikolari ta'

diskriminazzjoni, għadu baxx. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jikkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) fil-każijiet *Achbita* (Każ C-157/15) u *Bougnaoui* (Każ C-188/15), li meta interpretaw id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE), iddikjaraw li regola interna ta' impriża li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe sinjal politiku, filosofiku jew reliġjuż ma tikkostitwix diskriminazzjoni diretta.

Opinjoni 7 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-korpi tal-ugwaljanza u jżidu l-għarfien tal-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni u possibbiltajiet ta' rimedju, li jimmiraw gruppi partikolari li għandhom aktar probabbiltà li jkunu vittmi tad-diskriminazzjoni, bħall-Musulmani, kif irrakkomandat repetittivament il-FRA. L-Istati Membri tal-UE għandhom ukoll jagħtu s-setgħa lil korpi tal-ugwaljanza u jallokaw biżżejjed riżorsi biex jippermettuhom jgħinu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu l-effettività u s-setgħat tal-korpi tal-ugwaljanza billi jipprovdulhom setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet vinkolanti u l-abbiltà li jissorveljaw l-infurzar ta' sanzjonijiet maħruġa mill-qrati, bħat-tribunali tal-impjieg, fejn dawn jeżistu.*

## 1.3. Fastidju u vjolenza motivati minn mibegħda

EU-MIDIS II juri li aktar minn kwart (27 %) tar-rispondenti Musulmani esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ, b'2 % oħra li ġew attakkati fiżikament abbażi ta' dan f'dak il-perjodu.

Xi rispondenti Musulmani (1 %) esperjenzaw attakk fiżiku minn uffiċjal tal-pulizija minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom matul it-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ (2 % għamlu dan fil-ħames snin preċedenti).

Jistgħu jiġu osservati differenzi ġenerazzjonali. Madwar wieħed minn kull ħamsa (22 %) tar-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni jgħidu li esperjenzaw fastidju mmotivat minn mibegħda, meta mqabbel ma' terz (36 %) tar-rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni.

Rigward l-esperjenzi ta' nisa Musulmani, EU-MIDIS II juri li kemm, kemm taħt terz (31 %) ta' nisa Musulmani li jilbsu velu jew niqab fil-pubbliku esperejenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, meta mqabbla ma' ftit inqas minn kwart (23 %) tan-nisa li ma jilbsux velu jew niqab. Aktar minn terz (39 %) tan-nisa Musulmani kollha li jilbsu velu jew niqab fil-pubbliku esperjenzaw xi ħadd jiċċassa lejhom b'mod mhux xieraq jew esperjenzaw sinjali offensivi fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ minħabba li għamlu hekk, b'aktar minn waħda minn kull ħamsa (22 %) li esperjenzaw insulti jew kummenti offensivi. Tnejn fil-mija ġew attakkati fiżikament.

Fil-maġġoranza tal-każi, ir-rispondenti identifikaw l-awtur(i) tal-fastidju u vjolenza motivati minn mibegħda bħala xi ħadd li ma kinux jafu u xi ħadd mingħajr sfond ta' minoranza etnika. Fi ftit każi biss (3 % sa 5 %) ir-rispondenti identifikaw l-awturi bħala membri ta' grupp estremist jew razzist. Kemm, kemm inqas min-nofs (48 %) tan-nisa Musulmani fl-istħarriġ jidentifikaw l-awtur(i) bħala xi ħadd minn grupp ta' minoranza etnika ieħor, meta mqabbel ma' kemm, kemm aktar minn kwart (26 %) għal irġiel Musulmani. L-istess xejra tista' tiġi osservata fost ir-rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni, li jidentifikaw kważi erbgħa minn kull 10 awturi (38 %) bħala xi ħadd minn grupp ta' minoranza etnika ieħor, meta mqabbel ma' kważi tlieta minn kull 10 għar-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni (28 %).

Kif instab fi stħarriġ ieħor tal-FRA, in-nuqqas ta' rappurtar jibqa' kwistjoni ta' tħassib, b'kemm, kemm taħt wieħed minn kull 10 rispondenti (9 %) li jirrappurtaw fastidju lil xi awtorità rilevanti. Ir-rata ta' rappurtar għal attakki fiżiċi hija baxxa wkoll, b'inqas minn kwart tar-rispondenti (23 %) li jirrappurtaw attakki bħal dawn lill-pulizija jew lil organizzazzjoni oħra. Il-maġġoranza tal-inċidenti li twettqu minn uffiċjali tal-pulizija (70 %) ukoll ma ġewx irrappurtati. Ir-raġuni ewlenija li jagħtu r-rispondenti Musulmani għaliex ma jirrappurtawx l-inċidenti hija li xejn mhu se jinbidel jew jiġri bħala riżultat tar-rappurtar (47 %).

Dan huwa konsistenti ma' sejbiet ta' stħarriġ ieħor tal-vittimizzazzjoni. Ir-riċerka tal-FRA konsistentement uriet li vittmi ta' delitt ta' mibegħda jżommu lura milli jirrappurtaw l-inċidenti lill-pulizija – xi drabi għax ma jkunux jafu fejn iridu jmorru għall-għajnuna, oħrajn għax sempliċiment jemmnu li r-rapppurtar mhuwiex se jagħmel differenza. Il-vittmi jistgħu jsofru wkoll minn sentimenti ta' biża', ħtija jew mistħija. Dan ifisser li bosta każi ta' fastidju u vjolenza razzisti ma jiġux investigati jew imħarrka. Bħala riżultat ta' dan, il-ħatja jibqgħu bla kastig, u l-vittmi jiġu evitati milli jiksbu rimedju u jesperjenzaw it-trattament ġust.

Dawk li ma jirrappurtawx l-inċidenti spiss ma jkunux sodisfatti bl-immaniġġjar tal-kwistjoni mill-pulizija. Il-maġġoranza tar-rispondenti Musulmani (81 %) li rrappurtaw attakk fiżiku lill-pulizija ma kinux sodisfatti, waqt li 13 % biss qalu li kienu sodisfatti b'kif il-pulizija indirizzat il-każ tagħhom. Dan jikkuntrasta mas-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza fuq in-nisa fl-UE, li juru li 66 % tan-nisa kienu sodisfatti bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjaw l-aktar inċident serju ta' vjolenza fiżika li twettaq fuqhom minn xi ħadd ieħor minbarra s-sieħeb attwali jew preċedenti tagħhom.

Delitt ta' mibegħda jista' jaffettwa lil kulħadd fis-soċjetà, u jaffettwa mhux biss lill-individwi mmirati, iżda wkoll lill-familji tagħhom, il-komunitajiet tagħhom u lis-soċjetà kollha. Dan huwa l-espressjoni ta' diskriminazzjoni l-aktar severa u abbuż ewlieni tad-drittijiet fundamenali. Sa mill-2008, l-UE implimentat dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali fil-forma tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, li toffri protezzjoni kontra inċitament għal mibegħda u delitt ta' mibegħda li jimmira persuna jew persuni li jappartjenu għal grupp definit mir-referenza għal razza, kulur, reliġjon, dixxendent jew ċittadin jew oriġini etnika.[11] Din il-protezzjoni tiġi kkumplimentata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni ta' vittmi ta' delitt ta' mibegħda, fost l-oħrajn, biex tissodisfa l-obbligi skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.[12] Sabiex issaħħaħ l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni ħolqot ukoll il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, li jgħaqqad l-Istati Membri kollha tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-FRA, kif ukoll organizzazzjonijiet intergovernattivi u tas-soċjetà ċivili. Il-prijoritajiet inizjali tal-grupp jinkludu l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online u t-titjib ta' metodoloġiji għall-irreġistrat u l-ġbir ta' *data* dwar diskors ta' mibegħda.[13]

### Opinjoni 8 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni ta' vittmi ta' delitti, f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Dawn għandhom jiżguraw li jsiru valutazzjonijiet individwali, partikolarment għal vittmi li esperjenzaw delitt ta' mibegħda.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u dwar id-drittijiet tal-vittmi tkun aċċessibbli u disponibbli għall-vittmi, kif irrakkomandat il-FRA fir-rapport tagħha dwar Victims of crime in the EU: the extent and nature of support for victims. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizz mediku għandhom jitħarrġu biex jaħdmu mal-vittmi b'mod infurmat u simpatetiku biex jinkoraġġixxu lill-vittmi jirrappurtaw l-esperjenzi tagħhom.*

### Opinjoni 9 tal-FRA

*L-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri tal-UE għandu jsaħħaħ attivitajiet ta' lħuq u kooperazzjoni ma' komunitajiet ta' minoranza etnika, awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jindirizzaw delitti ta' mibegħda b'mod aktar effettiv. Dan jista' jrawwem kunfidenza fil-pulizija, speċjalment fost gruppi ta' minoranza, bħall-Musulmani, li għandhom aktar probabbiltà li jkunu vittmi ta' delitti ta' mibegħda minħabba r-reliġjon, il-kultur tal-ġilda jew l-isfond etniku tagħhom.*

*Fit-tfassil ta' attivitajiet bħal dawn, l-awtoritajiet għandhom partikolarment jikkunsidraw li bosta nisa, kif ukoll immigranti tat-tieni ġenerazzjoni, jidentifikaw fl-istħarriġ lil xi ħadd minn grupp ta' minoranza etnika ieħor bħala atturi ta' delitti ta' mibegħda. Il-biża' tan-nisa ta' delitti ta' mibegħda, speċjalment biża' ta' vjolenza abbażi ta' sess, tista' wkoll taffettwa lin-nisa Musulmani; dan jeħtieġ li jiġi rikonoxxut u li tingħata tweġiba għalih mhux biss fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, iżda wkoll fil-livell lokali minħabba l-impatt negattiv li għandha fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nisa, kif il-FRA indikat fir-rapport tagħha dwar il-vjolenza fuq in-nisa.*

### Opinjoni 10 tal-FRA

*L-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri tal-UE għandu jinkoraġġixxi lill-vittmi u lill-komunitajiet tagħhom biex jirrappurtaw delitti ta' mibegħda. Dawn għandhom jappoġġjaw inizjattivi li jtejbu r-rappurtar ta' delitti ta' mibegħda, bħal għodod ta' rappurtar online u għodod ta' rappurtar ta' parti terza li jinvolvu s-soċjetà ċivili.*

### Opinjoni 11 tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-vittmi. Dan għandu jinkludi, pereżempju, servizzi ta' appoġġ għall-vittmi li jikkombinaw il-fehim ta' politiki dwar in-nondiskriminazzjoni, għarfien espert fil-ġustizzja kriminali u d-drittijiet ta' vittmi ta' delitt ta' mibegħda, b'kapaċitajiet adegwati li jappoġġjaw lill-vittmi b'mod effettiv.*

11 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, ĠU 2008 L 328.

12 Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L 315 (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi).

13 Ara l-paġna web dwar il-grupp tal-Kummissjoni Ewropea.

**Opinjoni 12 tal-FRA**

*Ir-riżultati ppreżentati f'dan ir-rapport juru li hemm ħtieġa li stħarriġ tal-UE, bħal EU-SILC u LFS, jinkludi mistoqsijiet rilevanti u kampjuni rappreżentattivi ta' minoranzi etniċi u immigranti biex sistematikament jippreżentaw l-esperjenzi tagħhom ta' delitti ta' mibegħda u diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea tista' tieħu ispirazzjoni mill-Konvenzjoni ta' Istanbul, li l-UE flimkien mal-Istati Membri tagħha huma parti sħiħa tagħha; il-konvenzjoni tinkoraġġixi lill-partijiet biex iwettqu stħarriġ regolari bbażat fuq il-popolazzjoni biex jivvaluta l-prevalenza ta' u xejriet fil-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa koperti minnha.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jipprovdu b'mod konsistenti l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) b'data dwar delitt ta' mibegħda li ODIHR ikun ġie awtorizzat li jirrapporta dwarha, kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra delitti ta' mibegħda fl-UE.*

## 1.4. Waqfien mill-pulizija

EU-MIDIS II isib li mir-rispondenti Musulmani kollha, 16 % twaqqfu mill-pulizija fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ u 7 % jgħidu li dan kien minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom. Minn dawn ir-rispondenti Musulmani li twaqqfu mill-pulizija f'dan il-perjodu, 42 % jemmnu li dan ġara minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom. Bħala medja, il-pulizija waqqfu lil rispondenti Musulmani żgħażagħ aktar spiss minn dawk li kienu akbar fl-età, u l-irġiel aktar spiss min-nisa. Fost il-gruppi differenti ta' Musulmani li sarilhom l-istħarriġ, rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq u sub-Saħarjana jgħidu aktar ta' spiss li twaqqfu mill-pulizija minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom.

Irġiel u nisa Musulmani li tal-inqas xi drabi jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjużi fil-pubbliku, fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ, twaqqfu mill-pulizija aktar ta' spiss minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom (39 % twaqqfu) minn dawk li ma jilbsux ilbies bħal dan (29 % twaqqfu). F'dan il-kuntest, is-sejbiet juru wkoll differenzi fis-sess: kważi wieħed minn kull żewġt irġiel Musulmani (47 %) li tal-inqas xi drabi jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjużi fil-pubbliku jemmnu li twaqqfu mill-pulizija minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom, meta mqabbel ma' waħda minn kull ħames nisa Musulmani (20 %) li jagħmel hekk.

L-infurzar tal-liġi bbażat fuq l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni huwa pedament tas-soċjetajiet demokratiċi inkluż komunitajiet li dejjem qed isiru aktar diversi. L-infurzar tal-liġi għandu dover li jittratta lil kulħadd b'rispett; dawn m'għandhomx biss jiġġieldu l-kriminalità, iżda wkoll jindirizzaw il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-vittmi, tax-xhieda u l-komunitajiet usa' tagħhom. Għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fis-sentenza tagħha f'*S.A.S v. France* (Nru 43835/11, 2014) u fis-sentenzi susseg-wenti *Belcacemi and Oussar vs Il-Belġju* (Nru 37798/13, 2017) u *Dakir vs Il-Belġju* (Nru 4619/12, 2017), iddikjarat li l-liġijiet Franċiżi u Belġjani u digrieti li jipprojbixxu l-ilbies ta' lbies li jgħatti kompletament jew parzjalment il-wiċċ f'postijiet pubbliċi ma jiksrux il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). F'każ ieħor, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU esprima l-fehmiet tiegħu skont l-Artikolu 5, Paragrafu 4 tal-Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (il-108 sessjoni) dwar Komunikazzjoni Nru 1928/2010 sottomessa minn Mann Singh. Il-kumitat jikkonkludi li r-regolament tal-Parti tal-Istat (Franza) li jeħtieġ li persuni li jidhru mingħajr ilbies f'rashom fir-ritratti tal-passaport huwa limitazzjoni mhux proporzjonata li tikser il-libertà tar-reliġjon u jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 18 tal-Patt.

Il-prattika ta' tfassil ta' profil etniku diskriminatorju – waqfien mill-pulizija bbażat biss jew prinċipalment fuq karatteristiċi personali ta' individwu aktar mill-imġiba tiegħu – huwa illegali u jista' jkollu effetti detrimentali fuq ir-relazzjonijiet tal-komunità u l-kooperazzjoni pubblika mal-infurzar tal-liġi, billi tiġi mminata l-fiduċja fl-infurzar tal-liġi. L-inkorporazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fit-tfassil ta' miżuri ta' sigurtà tista' tgħin biex tillimita l-effetti avversi potenzjalment tagħhom fuq id-drittijiet tal-individwi u tnaqqas ir-riskju li komunitajiet sħaħ jitwarrbu b'miżuri li jistgħu jitqiesu bħala diskriminatorji, kif uriet il-FRA fl-2015.[14] It-twarrib soċjali li jġibu l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni, inkluż it-trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet, jista' jipprovdi bidu biex jibdew jiffjorixxu l-ilmenti, li jistgħu jiġu sfruttati minn dawk li għandhom ħsieb li jirradikalizzaw individwi vulnerabbli. Ir-riżultati ta' EU-MIDIS II juru li r-rispondenti Musulmani għandhom livell għoli ta' fiduċja fil-pulizija, meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali. Madankollu, din is-sejba teħtieġ li tinqara flimkien mar-rati ta' rappurtar baxxi ħafna għall-inċidenti ta' delitti ta' mibegħda, li tista' tindika nuqqas ta' fiduċja fl-abbiltà ta' rispons tal-ġustizzja kriminali biex l-inċidenti jiġu indirizzati b'mod effettiv.

14 FRA (2015).

## Opinjoni 13 tal-FRA

*Id-data minn dan l-istħarriġ tippreżenta l-aktar sejbiet komprensivi madwar l-UE dwar l-esperjenzi tal-Musulmani ta' waqfien mill-pulizija. Għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati fit-tfassil tax-xogħol tal-Aġenzija tal-UE għall-Aġenzija tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi CEPOL u, speċifikament, il-Grupp ta' Ħidma tal-pulizija u tal-infurzar tal-liġi tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) tal-Kummissjoni. Dan għandu jiżgura li l-evidenza dwar l-impatt negattiv ta' waqfien potenzjalment diskriminatorju fuq il-Musulmani jiġi indirizzat fit-taħriġ tal-pulizija, flimkien ma' prattiki ta' politika tal-komunità li jrawmu l-infurzar tal-liġi.*

# 2

# X'juru r-riżultati?



## 2.1. L-għajxien flimkien fl-UE: ċittadinanza, fiduċja u tolleranza

### SEJBIET EWLENIN

- Madwar 53 % tar-rispondenti Musulmani għandhom ċittadinanza tal-pajjiż tagħhom ta' residenza u għalhekk igawdu mis-sett sħiħ ta' drittijiet għaċ-ċittadini jew ċittadini tal-UE. Madankollu, 15 % tar-rispondenti jew għandhom permess ta' residenza validu għal inqas minn ħames snin (jew temporanjament) m'għandhomx permess ta' residenza.
- Il-maġġoranza tar-rispondenti Musulmani (76 %) iħossuhom marbutin ħafna mill-pajjiż ta' residenza tagħhom.
- B'mod globali, ir-rispondenti Musulmani jindikaw livelli ogħla ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi milli kellha l-popolazzjoni ġenerali fil-European Social Survey 2014. Bħala medja, ir-rispondenti Musulmani jafdaw l-aktar lill-pulizija u lis-sistema legali: fuq skala ta' 10 punti – fejn 10 ifisser "fiduċja sħiħa" – ir-riżultati dwar il-pulizija huma simili għal dawk tal-popolazzjoni ġenerali, bi, bħala medja, 6.6 punti għar-rispondenti Musulmani u 6.5 punti għall-popolazzjoni ġenerali. Għas-sistema legali, il-medji kienu 6.6 għall-Musulmani u 5.4 għall-popolazzjoni ġenerali. Dan huwa segwit mill-parlament nazzjonali (5.7 għall-Musulmani u 4.5 għall-popolazzjoni ġenerali). Il-Musulmani huma newtrali lejn il-Parlament Ewropew (5.0 għall-Musulmani u 3.9 għall-popolazzjoni ġenerali). Dawn għandhom tendenza li ma jafdawx lill-politikanti nazzjonali (4.4 u 3.4) u partiti politiċi (4.3 u 3.5) – f'dan ir-rigward, il-livelli huma simili għal dawk tal-popolazzjoni ġenerali li sarilha l-istħarriġ fil-European Social Survey.
- Il-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ EU-MIDIS II ġeneralment għandhom ħsieb miftuħ lejn gruppi oħra ta' nies fis-sens li jħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' reliġjonijiet differenti, l-istess sfondi etniċi jew oħrajn, jew persuni b'diżabilitajiet. Pereżempju, kważi r-rispondenti kollha (92 %) iħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' sfond reliġjuż differenti.
- Madankollu, kważi wieħed minn kull erba' rispondenti Musulmani (23 %) iħossuhom komdi jekk ikollhom nies leżbjani, omosesswali jew bisesswali bħala ġirien, u wieħed minn kull tlieta (30 %) jekk ikollhom persuni transġeneri jew transesswali bħala ġirien.
- Inġenerali, rispondenti Musulmani nisa għandhom tendenza li jkollhom ħsieb ftit aktar miftuħ mir-rispondenti Musulmani rġiel, billi juri livelli medji ta' kumdità ogħla ma' ġirien ta' sfondi reliġjużi, etniċi jew oħra differenti, b'mod partikolari persuni LGBT.
- Ir-riżultati tal-istħarriġ EU-MIDIS II jindikaw l-attitudnijiet miftuħa tar-rispondenti Musulmani lejn reliġjonijiet oħrajn, bi kważi kull tnejn (48 %) jindikaw li jħossuhom "totalment komdi" jekk membru tal-familja jiżżewweġ lil persuna mhux Musulmana.
- Ftit inqas rispondenti Musulmani esprimew skumdità dwar jekk xi ħadd mill-familja tagħhom jiżżewweġ persuna ta' reliġjon differenti (17 %) milli għamlet il-popolazzjoni ġenerali fl-Ewrobarometru 2015; 30 % minn tal-aħħar jgħidu li jħossuhom skomdi kieku binhom jew binthom ikollu/ha "relazzjoni ta' mħabba" ma' persuna Musulmana.
- Disgħa minn għaxar rispondenti Musulmani għandhom ħbieb bi sfond reliġjuż differenti.

Din it-taqsima tħares lejn il-kwistjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni soċjetali ta' immigranti u d-dixxendenti tagħhom, b'attenzjoni speċjali fuq iċ-ċittadinanza, is-sens ta' appartenenza u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet – li spiss jiġu diskussi fir-rigward ta' integrazzjoni ta' immigranti b'suċċess fis-soċjetajiet Ewropej. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li s-sentimenti ta' appartenenza jkunu multidimensjonali, mhux stabbli u jiddependu fuq l-ambjenti tal-immigranti. Sentimenti bħal dawn spiss jiġu notevolment influwenzati minn esperjenzi ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni, kif ukoll mid-diskors pubbliku, il-midja u l-politika.

Din it-taqsima teżamina kif esperjenzi ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni tal-Musulmani jaffettwaw il-livell ta' rbit tagħhom mas-soċjetajiet fejn jgħixu u l-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet. Livelli baxxi ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni jidhru bħala riżultat ewlieni ta' integrazzjoni soċjetali b'suċċess għall-membri kollha tagħha. L-indikaturi ta' Zaragoza dwar l-integrazzjoni tal-immigranti[15] – li sar ftehim dwarhom mill-Istati Membri tal-UE fl-2010 sabiex tiġi ssorveljata l-integrazzjoni – jisħqu fuq l-importanza tal-impjieg, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Barra minn dawn l-elementi ewlenin, li jiġu ssorveljati f'bosta Stati Membri tal-UE[16], l-oqsma ta' politika tematiċi "nilqgħu s-soċjetà" u "ċittadinanza attiva" jiffukaw fuq parteċipazzjoni politika attiva, fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u sens ta' appartenenza, li għandhom jiġu ssorveljati flimkien mal-esperjenzi ta' diskriminazzjoni.[17]

### 2.1.1. Ċittadini ta' immigranti Musulmani u dixxendenti ta' immigranti

Aktar minn nofs il-Musulmani koperti f'dan ir-rapport huma ċittadini tal-pajjiż ta' residenza tagħhom u għalhekk igawdu mill-istess drittijiet politiċi bħaċ-ċittadini f'pajjiżhom u fl-Unjoni Ewropea. In-numru ta' ċittadini huwa ħafna aktar għoli fost id-dixxendenti ta' immigranti ("it-tieni ġenerazzjoni"), b'86 % li għandhom ċittadinanza tal-pajjiż tal-istħarriġ – meta mqabbel ma' 38 % ta' immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni. F'ħafna mill-pajjiżi tal-istħarriġ, ftit aktar nisa Musulmani għandhom ċittadinanza tal-pajjiż minn irġiel Musulmani (56 % kontra 50 %).

Madwar 77 % taċ-ċittadini nazzjonali fost it-tieni ġenerazzjoni kisbu ċ-ċittadinanza tagħhom mat-twelid; it-23 % li jifdal għamlu dan aktar tard, permezz ta' naturalizzazzjoni. Fost l-immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni, 10 % kisbu ċittadinanza tal-pajjiż ta' residenza tagħhom mat-twelid;[18] id-90 % li jifdal prinċipalment kisbu ċittadinanza permezz ta' proċeduri ta' naturalizzazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ħafna mill-immigranti Musulmani li kisbu ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni kisbu ċittadinanza fl-aħħar 10 snin mill-2006 (36 %) jew bejn l-1996 u l-2005 (35 %).

Flimkien, 0.4 % tal-Musulmani koperti f'dan ir-rapport jindikaw li huma mingħajr Stat (1 % fost dawk mingħajr ċittadinanza tal-pajjiż tal-istħarriġ). Il-proporzjon ta' persuni mingħajr Stat huwa impressjonanti fost immigranti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana f'Malta, li jammonta għal 55 % – iżda wkoll fost Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Iżvezja u fil-Finlandja, fejn madwar wieħed minn kull 10 (10 %) jindikaw li huma mingħajr Stat.[19]

## Is-sigurtà tar-residenza għal immigranti Musulmani

Fost l-immigranti Musulmani li huma ċittadini barranin, madwar 5 % jindikaw li m'għandhomx bżonn permess ta' residenza għall-pajjiż tal-istħarriġ għax huma ċittadini tal-UE. Mir-rispondenti Musulmani kollha mhux naturalizzati, 2 % jinsabu fil-proċess li jġeddu l-permess ta' residenza tagħhom u 87 % għandhom permess ta' residenza validu. Madankollu, fost dawk il-Musulmani b'permessi ta' residenza validi, madwar 45 % biss għandhom wieħed b'validità mhux limitata. Minn dawk li għandhom permess ta' residenza b'validità limitata, madwar sehem indaqs għandhom permess validu jew għal aktar minn ħames snin jew għal inqas minn sena: madwar 37 % u 38 %, rispettivament. Il-25 % li jifdal tar-rispondenti Musulmani b'permess ta' residenza għandhom permess li huwa validu bejn sena u ħames snin. Meta saret l-intervista, 5 % tar-rispondenti Musulmani b'ċittadinanza barranija jew bl-ebda ċittadinanza indikaw li ma kellhomx permess ta' residenza jew ma kinux jafu jekk għandhomx permess ta' residenza.

Kollox ma' kollox, ħafna mill-Musulmani koperti f'dan ir-rapport għandhom status ta' residenza sigur, jew billi għandhom ċittadinanza tal-pajjiż ta' residenza, ċittadinanza ta' pajjiż ieħor tal-UE, jew billi għandhom permess ta' residenza li mhuwiex limitat jew validu għal aktar minn ħames snin. Madankollu, kważi 15 % tar-rispondenti Musulmani kollha jew għandhom permessi ta' residenza li huma validi għal inqas minn ħames snin jew m'għandhom l-ebda permess ta' residenza. Speċifikament, 13 % għandhom permess ta' residenza b'validità limitata u 2 % m'għandhomx permess ta' residenza. Is-sehem

15 Kunsill tal-Ewropa (2010).
16 FRA (2017b).
17 Huddleston, T., Niessen, J., Tjaden, J. D. (2013).

18 Immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li ilhom b'ċittadinanza tal-pajjiż ta' destinazzjoni mit-twelid jinsabu prinċipalment fi Franza u fir-Renju Unit. Dan seħħ jew għax wieħed mill-ġenituri jew it-tnejn kienu ċittadini Franċiżi jew Brittaniċi jew għax kien possibbli minħabba r-regolamenti dwar iċ-ċittadinanza relatati mal-kolonji preċedenti tal-pajjiż rispettiv jew tat-territorji ta' barra.
19 Numru baxx ta' rispodenti għal din l-istatistika ma jippermettux stima eżatta.

Figura 1: Musulmani b'permess ta' residenza validu għal inqas minn ħames snin jew bl-ebda permess ta' residenza, skont l-Istat Membru tal-UE (%) [a,b]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Indikatur kompost ibbażat fuq mistoqsijiet dwar jekk ir-rispondenti attwalment għandhomx permess ta' residenza u t-tul tal-validità tal-permess.*

*Sors: FRA, EU-MIDIS II 2016*

ta' rispondenti bl-ebda dritt ta' residenza jew bi drittijiet ta' residenza temporanjament limitati huwa partikolarment għoli f'Malta, fi Spanja, fil-Greċja, f'Ċipru u fl-Italja (Figura 1). Ishma ogħla ta' rispondenti mingħajr permessi ta' residenza jinsabu fil-Greċja (12 %), f'Malta(8 %), fl-Iżvezja (6 %), fl-Italja (5 %) u fi Spanja (4 %). Is-sigurtà tar-residenza hija relatata ħafna mat-tul ta' soġġorn f'pajjiż; rispondenti immigranti b'permessi ta' residenza limitati jew bl-ebda permess ta' residenza fuq soġġorn medju fil-pajjiż għal perjodi ta' żmien ħafna iqsar.

L-istatus tar-residenza u l-aċċess għaċ-ċittadinanza huma importanti għall-immigranti u għad-dixxendenti ta' immigranti għal varjetà ta' raġunijiet, inkluż kunsiderazzjonijiet pragmatiċi u strumentali ħafna. Madankollu, dawn huma importanti wkoll għall-parteċipazzjoni politika attiva tal-individwi u mhux inqas għall-irbit emottiv u għas-sentimenti ta' appartenenza tagħhom għall-pajjiż fejn jgħixu. Studji preċedenti dwar in-naturalizzazzjoni juru li r-raġunijiet ewlenin għaliex l-immigranti u d-dixxendenti tagħhom ifittxu n-naturalizzazzjoni jinkludu l-aċċess għad-drittijiet, is-sigurtà tar-residenza, li jaffaċċjaw inqas problemi meta jsiefru, li jiġu rikonoxxuti bħala membru sħiħ tas-soċjetà, li jiġu ttrattati b'mod aktar ugwali, li jesperjenzaw inqas burokrazija fil-proċeduri, u li jkollhom opportunitajiet aħjar fis-suq tal-impjiegi. Mir-rispondenti Musulmani kollha mingħajr ċittadinanza tal-pajjiż ta' residenza tagħhom, wieħed minn kull ħamsa (20 %) preċedentement applikaw għaċ-ċittadinanza, b'nofshom li għadhom qed jistennew deċiżjoni. Il-maġġoranza tal-applikanti li l-applikazzjonijiet preċedenti tagħhom ġew irrifjutati jew li rtirawhom xorta jixtiequ li jiksbu ċittadinanza fil-futur.

Aktar minn terz u sa nofs ir-rispondenti Musulmani mingħajr ċittadinanza li esperjenzaw xi forma ta' diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja li staqsewhom fuqhom fl-istħarriġ jemmnu li ċ-ċittadinanza hija r-raġuni ewlenija li huma affaċċjaw id-diskriminazzjoni. Dan huwa partikolarment minnu fil-qasam tal-edukazzjoni, meta jiġu f'kuntatt mal-iskola tal-wild, u meta jkunu qed ifittxu akkomodazzjoni, iżda wkoll fl-oqsma tal-impjiegi, meta jkunu qed ifittxu xogħol, u fil-kura tas-saħħa. Madankollu, mhux il-forom kollha ta' dik li titiqes bħala diskriminazzjoni minn rispondenti mhux ċittadini hija neċessarjament illegali, minħabba li spiss ikun hemm differenzi definiti legalment għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Pereżempju, f'xi pajjiżi, ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu membri ta' partiti politiċi jew jaffaċċjaw aċċess limitat għall-impjieg. Inġenerali, ir-rispondenti jqisu ċ-ċittadinanza bħala markatur importanti għad-diskriminazzjoni u għal trattament differenzjali.

## 2.1.2. Is-sens ta' appartenenza, l-irbit u d-distanza soċjali

### Il-Musulmani jħossuhom marbutin ħafna mal-pajjiż ta' residenza tagħhom

EU-MIDIS II staqsa lir-rispondenti dwar is-sentimenti tagħhom ta' rbit mal-viċinat tagħhom, mal-villaġġ, marraħal jew mal-belt tagħhom, mal-pajjiż jew mar-reġjun

Figura 2: Sentiment ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza, skont is-sess, iċ-ċittadinanza, l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (valur medju fuq skala ta' 5 punti) [a,b,c]




*Noti:*
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha bi tweġibiet validi (n = 10,489); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija : "Fuq skala ta' 1 sa 5 fejn 1 ifisser "mhu marbut bl-ebda mod" u 5 "marbut ħafna", jekk jogħġbok għidli sa liema punt tħossok marbut ma' [PAJJIŻ]?"*
[c] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

tagħhom, mal-pajjiż ta' residenza tagħhom, u mal-Unjoni Ewropea. Il-maġġoranza tar-rispondenti Musulmani għandhom tendenza li jħossuhom marbutin ħafna ma' dawn kollha. Dawn iħossuhom l-aktar marbutin mal-pajjiż ta' residenza tagħhom u l-inqas mal-Unjoni Ewropea. Fuq skala ta' 5 punti – fejn 1 ifisser "mhux marbut bl-ebda mod" u 5 "marbut ħafna" – il-livell medju ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza huwa 4.1 (Figura 2).

Madwar 76 % tar-rispondenti Musulmani għażlu valur ta' 4 jew 5, li jindika tendenza li jħossuhom marbutin ħafna. Madwar 2 % biss jgħidu li ma jħossuhom marbutin bl-ebda mod mal-pajjiż ta' residenza tagħhom; il-perċentwali ta' individwi li jagħmlu dan ivarja fost il-15 Stat Membru tal-UE, li jvarja minn inqas minn 1 % fil-Finlandja għal 8 % fin-Netherlands.

Is-sentiment ta' rbit huwa xi ftit ogħla fost ir-rispondenti Musulmani li għandhom ċittadinanza tal-pajjiż tal-istħarriġ. Il-livell tal-irbit huwa l-ogħla fost il-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ fil-Finlandja (4.6), fl-Iżvezja (4.4), fir-Renju Unit (4.3), fi Franza (4.3) u fil-Belġju (4.2); u l-aktar baxx fl-Italja (3.3), fin-Netherlands (3.4), fl-Awstrija (3.5) u fil-Greċja (3.6). Fost il-gruppi fil-mira differenti, il-Musulmani li huma immigranti riċenti (koperti fis-Slovenja) u immigranti Musulmani minn pajjiżi Asjatiċi (koperti f'Ċipru) juru l-aktar livell medju baxx ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza tagħhom (Figura 2).

Is-sentiment globali ta' rbit għall-pajjiż tal-istħarriġ għandu tendenza li jkun ftit ogħla fost dixxendenti ta' immigranti – iżda mhux fi Franza u fin-Netherlands, fejn immigranti tat-tieni ġenerazzjoni jħossuhom ftit inqas marbutin mill-immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni.

## Bosta Musulmani juri attitudnijiet miftuħin lejn ħafna mill-gruppi l-oħrajn

Il-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ mhumiex partikolarment segregati fis-sens li għandhom ħbieb bi sfondi differenti. Erbgħa minn kull ħames rispondenti Musulmani għandhom ħbieb bi sfondi ta' minoranza etnika oħra (79 %) u mill-popolazzjoni ta' maġġoranza (84 %). Kważi disgħa minn kull 10 għandhom ħbieb ta' reliġjon differenti (88 %) – li jfisser, ħbieb mhux Musulmani. Dawk bi ħbieb minn sfondi reliġjużi differenti għandhom tendenza li jħossuhom ftit aktar marbutin mal-pajjiż ta' residenza tagħhom.

Il-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ EU-MIDIS II ġeneralment huma miftuħa lejn gruppi ta' nies oħra fis-sens li jħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' reliġjonijiet differenti, sfondi etniċi oħrajn, jew persuni b'diżabilitajiet (Figura 3). Madankollu, il-livell ta' aċċettazzjoni huwa aktar baxx fir-rigward ta' nies leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri jew transesswali. Ir-rispondenti ntalbu jindikaw kemm

Figura 3: Livell ta' aċċettazzjoni ta' ġirien bi sfondi differenti (fuq skala minn 0 sa 10) [a,b]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n = 10,527); riżultati ppeżati.*

[b] *Mistoqsija: "[B]illi tuża skala minn 0 sa 10, jekk jogħġbok għidli kif tħossok kieku kellek xi ħadd mill-gruppi li ġejjin bħala l-ġar tiegħek? 0 ifisser li tħossok 'totalment skomdu/a' u 10 ifisser li tħossok 'totalment komdu/a'."*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

iħossuhom komdi bi gruppi differenti ta' nies kieku jkunu l-ġirien tagħhom, fuq skala minn 0 sa 10. Hemm aċċettazzjoni qawwija ħafna ta' nies b'reliġjon differenti, bl-istess sfond etniku jew ta' immigrant, nies bi sfond ta' minoranza etnika ieħor jew bl-ebda minoranza etnika, u persuni b'diżabilitajiet – b'valuri medji ta' 8.8 fir-rigward ta' nies bi sfond ta' minoranza etnika ieħor u 9.0 fir-rigward ta' nies b'reliġjon differenti. Madwar 92 % għandhom tendenza li jħossuhom komdi jekk ikollhom ġirien ta' sfond reliġjuż differenti, li jfisser li dawn għażlu valur ta' sitta jew aktar; 2 % biss għandhom tendenza li jħossuhom skomdi, b'valuri bejn 0 u 4. Ir-rispondenti li jifdal huma newtrali.

Il-valuri medji – fuq skala minn 0 sa 10– dwar jekk iħossuhomx komdi b'nies omosesswali, leżbjani jew bisesswali u persuni transġeneri jew transesswali huma komparattivament baxxi: 7 u 6.5, rispettivament. Mir-rispondenti Musulmani kollha, 23 % għandhom it-tendenza li jħossuhom skomdi jekk ikollhom nies leżbjani, omosesswali jew bisesswali bħala ġirien, u 30 % jekk ikollhom persuni transġeneri jew transesswali bħala ġirien. Bħala medja, 16 % tal-popolazzjoni ġenerali jindikaw li ma jixtiqux ikollhom "omosesswali bħala l-ġirien tagħhom", li jvarjaw minn 5 % fi Spanja sa 40 % f'Ċipru.[20] Inġenerali, in-nisa huma ftit aktar komdi jekk ikollhom gruppi differenti bħala ġirien – partikolarment persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri jew transesswali, b'differenza ta' madwar punt 1 (Figura 3).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li hemm aċċettazzjoni baxxa tal-Musulmani fil-popolazzjoni ġenerali (Figura 4). Abbażi tad-*data* miġbura mill-European Values Study fl-2008, bħala medja, fil-15-il pajjiż koperti f'dan ir-rapport, wieħed minn kull ħames persuni ma togħġobhomx li jkollhom Musulmani bħala l-ġirien tagħhom. Attitudnijiet negattivi partikolarment qawwija lejn il-Musulmani jistgħu jinstabu f'Ċipru (36 %), fl-Awstrija (31 %), f'Malta (31 %) u fis-Slovenja (29 %). Fehmiet komparattivament inqas negattivi u rati ogħla ta' aċċettazzjoni jistgħu jinstabu fi Franza (7 %) – għalkemm għandu jiġi nnutat li l-attitudnijiet setgħu nbidlu mill-2008.

Ir-riżultati aktar riċenti tal-Ewrobarometru 2015 jikkorraboraw l-eżistenza ta' sentiment kontra l-Musulmani fl-Unjoni Ewropea. Ir-riżultati tiegħu juru li, fl-UE-28, 71 % tal-popolazzjoni ġenerali jħossuhom komdi jew indifferenti kieku wieħed mill-kollegi tagħhom ikun persuna Musulmana. Dan il-proporzjon huwa aktar baxx meta mqabbel mal-gruppi l-oħra, bħal persuni Buddisti, (81 %), persuni Lhud (84 %), persuni atei (87 %) jew persuni Kristjani (94 %). L-aktar sentiment qawwi negattiv lejn li wieħed ikollu kollega Musulman jinsab fir-Repubblika Ċeka: 27 % biss iħossuhom komdi jew indifferenti. L-ogħla livell ta' aċċettazzjoni ta' 89 % jinstab fl-Iżvezja.

20 Kalkoli tal-FRA, abbażi tal-European Values Study (EVS) (2016). Ir-riżultati mhumiex direttament komparabbli minħabba l-użu ta' skala differenti ta' tweġibiet f'EU-MIDIS II.

Figura 4: Persuni mill-popolazzjoni ġenerali fl-UE li “ma togħġobhomx” li jkollhom Musulmani bħala ġirien, European Values Study (%) [a,b]




Noti: [a] *N = 21,038.*

[b] *Mistoqsija: “Fuq din il-lista hawn diversi gruppi ta’ nies. Tista’ tirranġa dawk li ma tixtieqx li jkollok bħala ġirien? Musulmani.” Il-perċentwali jindikaw is-sehem ta’ nies li semmew il-Musulmani.*

* *Il-medja hija l-medja mhux ippeżata, li ma tikkunsidrax id-daqs totali tal-popolazzjoni tal-pajjiżi; kull pajjiż jingħata piż indaqs.*

Sors: *European Values Study, 2008 (EVS (2016): European Values Study 2008: Integrated Dataset (EVS 2008); GESIS Data Archive, Cologne; ZA4800 Data file Version 4.0.0)*

Meta wieħed iħares lejn il-livell ta’ kumdità tal-popolazzjoni ġenerali fir-rigward ta’ relazzjonijiet intimi mal-oħrajn, l-Ewrobarometru 2015 sab li wieħed minn kull tlieta (30 %) iħossuhom skomdi kieku binhom jew binthom ikollu/ha “relazzjoni ta’ mħabba” ma’ persuna Musulmana.[21] Mistoqsija simili f’EU-MIDIS II sabet li 17 % tar-rispondenti Musulmani ma jħossuhomx komdi li kieku xi ħadd mill-familja tagħhom kellu jiżżewweġ persuna ta’ reliġjon differenti. L-ogħla proporzjon ta’ rispondenti Musulmani li jħossuhom “totalment skomdi” jekk jiżżewġu nies b’reliġjon differenti huma fin-Netherlands (33 %) u fid-Danimarka (25 %). B’mod globali, ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw li kważi wieħed minn żewġ rispondenti Musulmani (48 %) jħossu “totalment skomdu” jekk membru tal-familja jiżżewweġ lil persuna mhux Musulmana.

## 2.1.3. Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi

Ir-riċerka wriet li l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi fost immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni tiġi influwenzata minn diversi fatturi, inkluż il-kwalità u l-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet fil-pajjiż ta’ oriġini, il-kwalità u l-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet fil-pajjiż ta’ residenza, soċjalizzazzjoni individwali, u l-livell ta’ involviment u aspettattivi. Minħabba l-bosta aspetti involuti dwar’x’jiddetermina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet, mhuwiex faċli li jiġi interpretat il-livell ġenerali ta’ fiduċja tal-immigranti u tad-dixxendenti ta’ immigranti. Madankollu, il-fiduċja hija indikatur tal-eżitu importanti tal-integrazzjoni, li turi l-livell ta’ kunfidenza fl-istituzzjonijiet pubbliċi ewlenin ta’ soċjetà demokratika.

Bħala medja, ir-rispondenti Musulmani għandhom tendenza li jafdaw l-aktar lill-pulizija u lis-sistema legali tal-pajjiż, segwiti minn fiduċja fil-parlament nazzjonali. Bħala medja dawn huma newtrali lejn il-Parlament Ewropew u għandhom tendenza li ma jafdawx lill-politikanti u lill-partiti politiċi fil-livell nazzjonali. Il-valuri medji fuq skala minn 0 sa 10 – fejn 0 ifisser “l-ebda fiduċja” u 10 “fiduċja sħiħa” – huma murija f’Figura 5. Il-klassifikazzjoni tal-livell medji ta’ fiduċja fl-istituzzjonijiet hija kważi l-istess fost il-popolazzjoni ġenerali u r-rispondenti Musulmani koperti f’dan ir-rapport – iżda fil-parti l-kbira hija aktar baxxa għall-popolazzjoni ġenerali, ħlief għall-fiduċja fil-pulizija, li bejn wieħed u ieħor hija l-istess. Figura 5 turi l-livelli medji ta’ fiduċja fost ir-rispondenti Musulmani u l-popolazzjoni ġenerali għall-11-il Stat Membru tal-UE. Fost ir-rispondenti Musulmani, fuq skala ta’ 10 punti, il-fiduċja tvarja minn 4.3 għall-partiti politiċi sa 6.6 għas-sistema legali

21 Il-Kummisjoni Ewropea (2015b).

Figura 5: Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet fost il-Musulmani fi 11-il Stat Membru tal-UE, skont it-tip ta' istituzzjoni (valur medju fuq skala minn 0 sa 10) [a,b]




*Noti:* [a] *EU-MIDIS II (11-il Stat Membru), n = 8,333; ESS 2014 (11-il Stat Membru), n = 21,238. Il-11-il Stat Membru tal-UE jinkludu AT, BE, DE, DK, ES, FI, FR, UK, NL, SE u SI. L-erba' pajjiżi li jifdal – CY, IT, EL u MT– mhumiex inklużi fil-ħarsa ġeneral għal tqabbil aħjar b'data tal-ESS, peress li l-ESS ma kopriex dawn il-pajjiżi fil-fażi tal-2014. Ir-riżultati li jinkludu l-15-il pajjiż kollha koperti f'dan ir-rapport għandhom l-istess riżultat, b'differenzi żgħar ta' mhux aktar minn 0.1 għall-valur medju rrappurtat hawn fuq.*

[b] *Mistoqsija: "Fuq skala ta' 0-10, jekk jogħġbok, għidli kemm personalment tafda lil kull waħda mill-istituzzjonijiet ta' [PAJJIŻ] li naqra. 0 ifisser li bl-ebda mod ma tafda istituzzjoni, u 10 ifisser li għandek fiduċja sħiħa."*

*Sors: FRA, EU-MIDIS II 2016; u European Social Survey, 2014 (is-7 Rawnd ta' ESS)*

u għall-pulizija.[22] Għall-popolazzjoni ġenerali, dawn il-valuri jvarjaw minn 3.4 u 3.5 għall-politikanti u l-partiti politiċi, rispettivament, sa 5.4 għas-sistema legali u 6.5 għall-pulizija.[23] Dan ifisser li, bħala medja, immigranti Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni jafdaw lis-sistema legali u lill-istituzzjonijiet politiċi aktar mill-popolazzjoni ġenerali.

Il-livell ta' fiduċja fis-sistema legali huwa ogħla fost il-Musulmani milli fil-popolazzjoni ġenerali f'ħafna mill-pajjiżi – iżda mhux fid-Danimarka u fin-Netherlands, fejn il-fiduċja fost immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni hija b'xi mod aktar baxxa mill-medja nazzjonali fil-European Social Survey. It-tieni ġenerazzjoni turi livell ta' fiduċja aktar baxx fis-sistema legali milli turi l-ewwel ġenerazzjoni f'diversi iżda mhux fil-pajjiżi kollha li sarilhom l-istħarriġ. Id-differenza bejn Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni hija l-akbar fi Franza, fejn immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni juru livelli ogħla ta' fiduċja fis-sistema legali milli turi l-popolazzjoni ġenerali, u Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni juru livelli ta' fiduċja xi ftit aktar baxxi milli turi l-popolazzjoni ġenerali. Dawn ix-xejriet huma saħansitra aktar qawwija fir-rigward ta' fiduċja fil-pulizija. L-aħħar taqsima ta' dan ir-rapport se tħares aktar mill-qrib lejn x'jinfluwenza l-livell ta' fiduċja.

22 Il-11-il Stat Membru kellhom jintgħażlu minħabba li din l-informazzjoni ma kinitx disponibbli għal erba' pajjiżi fl-ESS.
23 Kalkoli tal-FRA bbażati fuq is-7 Rawnd ta' ESS (2014).

## 2.2. Id-diskriminazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet

### SEJBIET EWLENIN

- Fil-ħames snin preċedenti ta' EU-MIDIS II, erbgħa minn kull 10 rispondenti Musulmani (39 %) ħassewhom id-diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom – inkluż il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigranti, u reliġjon jew twemmin reliġjuż – f'qasam wieħed jew aktar tal-ħajja tagħhom ta' kuljum. Wieħed minn kull erbgħa (25 %) esperjenzaw dan fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ.
- Madwar 17 % tar-rispondenti Musulmani jindikaw li ħassewhom diskriminati minħabba reliġjon jew twemmin reliġjuż fil-ħames snin qabel l-istħarriġ, meta mqabbel ma' 10 % f'EU-MIDIS I fl-2008. Speċifikament, f'EU-MIDIS II, 19 % tan-nisa Musulmani u 16 % tal-irġiel ħassewhom diskriminati għal din ir-raġuni.
- Rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni jħossuhom diskriminati fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, oriġini etnika jew sfond ta' immigrant, u età, aktar ta' spiss milli jħossuhom rispondenti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni (reliġjon: 22 % fost it-tieni ġenerazzjoni kontra 15 %tal-ewwel ġenerazzjon; oriġini etnika: 30 % kontra 25 %; età: 9 % kontra 5 %, rispettivament).
- Bħal f'EU-MIDIS I, fost il-gruppi Musulmani li sarilhom l-istħarriġ, rispondenti mill-Afrika ta' Fuq u mill-Afrika sub-Saħarjana jirrappurtaw l-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant – kemm fil-ħames snin qabel l-istħarriġ (46 % u 45 %, rispettivament) kif ukoll fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (30 % u 28 %, rispettivament).
- Jistgħu jinstabu differenzi sostanzjali fl-esperjenzi ta' diskriminazzjoni bejn nisa u rġiel Musulmani fost rispondenti minn ċerti pajjiżi u reġjuni, u li jgħixu fi Stati Membri partikolari tal-UE.
- L-ilbies huwa primarjament rilevanti għan-nisa Musulmani fir-rigward tad-diskriminazzjoni fl-impjieg u fil-kura tas-saħħa. Pereżempju, 35 % tan-nisa Musulmani – meta mqabbel ma' 4 % tal-irġiel – jidentifikaw il-mod kif jilbsu bħala r-raġuni ewlenija għal diskriminazzjoni meta jkunu qed ifittxu xogħol; 22 % jidentifikaw dan bħala li jiskatta d-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol.
- Ir-rispondenti Musulmani li ħassewhom diskriminati rrappurtaw li, bħala medja, dan seħħ tal-inqas ħames drabi fis-sena, li juri li d-diskriminazzjoni hija esperjenza rikorrenti.
- B'mod simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I, li skontu 79 % tar-rispondenti Musulmani ma rrappurtawx l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni, ħafna mir-rispondenti Musulmani li sarilhom l-istħarriġ f'EU-MIDIS II ma rrappurtawx inċidenti bħal dawn lil xi awtorità. Bħala medja, 12 % biss tar-rispondenti li ħassewhom diskriminati rrappurtaw dan xi mkien. In-nisa jirrappurtaw inċidenti bħal dawn aktar ta' spiss (15 %) mill-irġiel (10 %).
- Il-minoranza ta' rispondenti li ma rrappurtawx inċidenti ta' diskriminazzjoni ħafna drabi indirizzaw l-impjegatur tagħhom (39 %), segwit mill-pulizija (17 %) u mit-trejdjunjins (16 %), peress li ħafna minn dawn l-inċidenti kienu relatati max-xogħol. 4 % biss tar-rispondenti Musulmani kollha li rrappurtaw diskriminazzjoni ressqu lment jew irrappurtaw l-inċident lil korp tal-ugwaljanza, li jista' jiġi spjegat mil-livell ta' għarfien baxx ħafna dwar l-eżistenza ta' dawn il-korpi.
- Bħala medja, 17 % tar-rispondenti Musulmani jaħsbu li l-ebda liġi ma tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, u 14 % ma jafux jekk teżistix leġiżlazzjoni bħal din. Dan ifisser li wieħed minn kull tlieta ma jafux jekk għandhomx, u jekk jistgħux jitolbu, dritt legali għan-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, u b'mod simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I, il-maġġoranza tar-rispondenti (72 %) ma jafux b'xi organizzazzjoni li toffri appoġġ jew pariri lil vittmi tad-diskriminazzjoni. Ħafna (65 %) ma rrikonoxxewx xi wieħed mill-korpi tal-ugwalità f'pajjiżhom.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali toffri protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini razzjali jew etnika, u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi toffri protezzjoni aktar limitata minħabba reliġjon jew twemmin. Madankollu, ir-riżultati juru li, fl-Istati Membri tal-UE koperti mill-istħarriġ, Musulmani bi sfondi etniċi u ta' migrazzjoni differenti għadhom jaffaċċjaw id-diskriminazzjoni f'numru ta' ambjenti, u bosta ma jafux id-drittijiet tagħhom u fejn għandhom imorru meta ma jiġux ittrattati b'mod ugwali.

Bosta jesperjenzaw ukoll diskriminazzjoni minħabba aktar minn raġuni waħda, dik imsejħa diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali.[24]

24 Għal aktar informazzjoni dwar id-diskriminazzjoni multipla, ara l-Kapitolu 2 tal-FRA (2017a).

## 2.2.1. Rati ta' diskriminazzjoni globali

### Dwar it-terminoloġija

*Il-kejl tad-diskriminazzjoni f'EU-MIDIS II*

L-istħarriġ staqsa lir-rispondenti jekk ħassewhomx id-diskriminati minħabba raġuni waħda jew aktar – il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, reliġjon jew twemmin reliġjuż, sess, età, diżabilità, orjentazzjoni sesswali, u raġunijiet "oħra" – f'dominji u attivitajiet differenti:

- meta jkunu qed ifittxu xogħol;
- fuq ix-xogħol;
- fl-edukazzjoni jew meta jiġu f'kuntatt mal-persunal tal-iskola tat-tfal;
- fl-aċċess għall-kura tas-saħħa
- fl-akkomodazzjoni;
- meta jużaw servizzi pubbliċi jew privati (bħal trasport pubbliku, uffiċċji amministrattivi, meta jidħlu f'diskoteka, ristorant jew lukanda, u meta jkunu jew jidħlu ġo ħanut).

Ir-rati ta' diskriminazzjoni ġew ikkalkulati għal kemm it-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ kif ukoll il-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ.

Ir-rispondenti li indikaw li kienu diskriminati fuq bażi ta' tal-inqas waħda mit-tliet raġunijiet speċifiċi – prinċipalment, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, u reliġjon jew twemmin reliġjuż – ġew mistoqsija aktar dettalji dwar l-inċident, b'applikazzjoni tat-terminu ġeneriku "sfond etniku jew ta' immigrant". Għalhekk, ir-riżultati abbażi tal-informazzjoni koperta f'dawn il-mistoqsijiet sussegwenti ma jistgħux jiġu aktar diżaggregati skont it-tliet raġunijiet individwali.

Barra minn hekk, ir-rispondenti ġew mistoqsija jekk, fl-aħħar ħames snin, esperjenzawx firxa ta' sitwazzjonijiet diskriminatorji minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fuq ix-xogħol, fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u meta ġew f'kuntatt ma' persunal tal-iskola bħala ġenituri jew gwardjani.

### Id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' raġunijiet differenti

Bħal f'EU-MIDIS I, dan l-istħarriġ staqsa lir-rispondenti dwar l-esperjenzi tagħhom bid-diskriminazzjoni, matul l-aħħar ħames snin, f'erba' oqsma tal-ħajja — meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u meta jiġu f'kuntatt mal-awtoritajiet tal-iskola (bħala ġenituri jew gwardjani).[25] Ir-Rispondenti jistgħu jindikaw mhux aktar minn tmien raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni.

F'EU-MIDIS I, 10 % tal-Musulmani indikaw li ħassewhom diskriminati fuq bażi ta' reliġjon matul il-ħames snin preċedenti ta' dan l-istħarriġ. Għall-kuntrarju, 17 % tar-rispondenti f'EU-MIDIS II irrappurtaw esperjenza ta' diskriminazzjoni reliġjuża. Bħala medja, 27 % tar-rispondenti Musulmani kollha li jgħidu li ltaqgħu mad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika jew sfond ta' immigrant, segwita minn reliġjon jew twemmin reliġjuż (17 %), kulur tal-ġilda (9 %), età (7 %), u sess/ġeneru (2 %) (Figura 6). Aktar nisa Musulmani minn irġiel jindikaw li esperjenzaw diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess/ġeneru (4 % u 1 %, rispettivament). Għal raġunijiet oħra, m'hemm l-ebda differenza sostanzjali bejn l-esperjenzi tal-irġiel u tan-nisa – ħlief li aktar Musulmani rġiel jindikaw li ltaqgħu ma' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-kulur tal-ġilda (11 % meta mqabbel ma' 7 %), u li aktar nisa Musulmani jsemmgħu li ġew diskriminati fuq il-bażi ta' reliġjon (19 % meta mqabbel ma' 16 %),

Hemm differenzi żgħar iżda notevoli bejn rispondenti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni f'termini li jħossuhom diskriminati minħabba r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, u l-età. Bħala medja, rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni jsemmu r-reliġjon aktar spiss bħala raġuni għad-diskriminazzjoni mir-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni (22 % kontra 15 %). Dan huwa l-istess għall-oriġini etnika (30 % kontra 25 %) u l-età (9 % kontra 5 %). Madankollu, ir-riżultati jvarjaw fost pajjiżi/reġjuni ta' oriġini u pajjiżi ta' residenza differenti.[26]

Meta wieħed iħares lejn id-diskriminazzjoni mill-perspettiva tal-pajjiżi/tar-reġjuni ta' oriġini tar-rispondenti (Figura 7), ir-riżultati aggregati juru li, għall-gruppi kollha minbarra l-Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant huma r-raġuni ewlenija għad-diskriminazzjoni, segwiti mir-reliġjon jew mit-twemmin reliġjuż. Il-Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana jindikaw li jesperjenzaw diskriminazzjoni l-aktar abbażi tal-kulur tal-ġilda (29 %).

25 Saru wkoll mistoqsijiet dwar raġunijiet multipli fil-qasam tas-saħħa, iżda, minħabba żball fir-rotot, dan id-dominju ma jistax jiġi kkunsidrat għal din l-analiżi. Ir-riżultati għal dan id-dominju huma kkunsidrati fir-rata globali ta' 12-il xahar ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant. Ma sarux mistoqsijiet dwar raġunijiet multipli għall-kategorija "servizzi pubbliċi jew privati oħra", li tinkludi l-edukazzjoni, it-trasport pubbliku, l-amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, u ħanut.

26 Bħala medja, ir-rispondenti Musulmani tat-tieni ġenerazzjoni huma iżgħar (maġġoranza: 16 sa 44 sena).

Figura 6: Raġunijiet għal diskriminazzjoni esperjenzata fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum (%) [a,b,ċ]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas qasam wieħed mill-erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 5 snin": n=9,240); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (bħala ġenituri jew gwardjani), akkomodazzjoni.*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Figura 7: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' tliet raġunijiet speċifiċi fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum, skont il-grupp fil-mira (%) [a,b,ċ,d]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas dominju wieħed mill-erba' dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 5 snin": n=9,240); riżultati ppeżati, organizzati skont ir-raġuni "oriġini etnika jew sfond ta' immigrant".*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (bħala ġenituri jew gwardjani), akkomodazzjoni.*

[d] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Figura 8 tħares lejn id-diskriminazzjoni mill-perspettiva tal-pajjiż ta' residenza tar-rispondenti. Din turi li r-rispondenti Musulmani fil-pajjiżi kollha ħlief f'Malta jidentifikaw l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant bħala r-raġuni ewlenija meta jiltaqgħu mad-diskriminazzjoni. F'Malta, 32 % jindikaw il-kulur tal-ġilda bħala r-raġuni ewlenija għad-diskriminazzjoni. Il-kulur tal-ġilda jissemma' wkoll minn 25 % tar-rispondenti fil-Greċja u minn 21 % fl-Italja – li huwa mistenni, peress li l-pajjiżi/r-reġjuni ta' oriġini ta' dawk li sarilhom l-istħarriġ f'dawn il-pajjiżi jinfluwenzaw ir-riżultati. Pereżempju, fl-Italja, 39 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana jindikaw il-kulur tal-ġilda bħala raġuni għad-diskriminazzjoni – kważi darbtejn aktar mill-medja tal-pajjiż abbażi ta' tweġibiet minn Musulmani minn tliet pajjiżi/reġjuni ta' oriġini differenti. Għall-kuntrarju, il-Musulmani fin-Netherlands (30 %) u fl-Italja (25 %) l-aktar isemmu r-raġuni reliġjon jew twemmin reliġjuż.

Fost ir-rispondenti kollha, rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq li qed jgħixu fin-Netherlands u fl-Italja jirrappurtaw l-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin reliġjuż matul il-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ (31 % fiż-żewġ pajjiżi). Dan huwa segwit minn 28 % tar-rispondenti Musulmani mit-Turkija fin-Netherlands u 27 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fid-Danimarka.

Ir-riżultati jindikaw intersezzjoni tar-raġunijiet reliġjon u oriġini etnika, peress li 70 % tar-rispondenti Musulmani kollha li jindikaw ir-reliġjon bħala raġuni għad-diskriminazzjoni ħassewhom ukoll diskriminati minħabba l-orġini etnika jew l-isfond ta' immigrant tagħhom. Għall-kuntrarju, 46 % biss tar-rispondenti Musulmani kollha li ħassewhom diskriminati minħabba l-orġini etnika jew l-isfond ta' immigrant tagħhom indikaw li esperjenzaw ukoll diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon — sejba li tista' tindika li l-maġġoranza tar-rispondenti Musulmani jqisu r-reliġjon bħala dimensjoni jew element tal-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom.

## Tqabbil tar-rati ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant

Din it-taqsima tiġbor fil-qosor riżultati ulterjuri relatati mal-aktar raġuni rilevanti għad-diskriminazzjoni għar-rispondenti Musulmani f'EU-MIDIS II – l-isfond etniku jew ta' immigrant. Kif ġie nnutat preċedentement, dan jinkorpora tliet raġunijiet: l-isfond etniku jew ta' immigrant, ir-reliġjon jew it-twemmin reliġuż u l-kulur

Figura 8: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' tliet raġunijiet speċifiċi fl-aħħar 5 snin f'erba' oqsma tal-ħajja ta' kuljum, skont l-Istat Membru tal-UE (%) [a,b,ċ]




Noti:
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas dominju wieħed mill-erba' dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 5 snin": n=9,240); riżultati ppeżati, organizzati skont ir-raġuni "oriġini etnika jew sfond ta' immigrant".*
[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*
[ċ] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (bħala ġenituri jew gwardjani), akkomodazzjoni.*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

tal-ġilda. L-istħarriġ ġabar informazzjoni aktar dettaljata dwar diskriminazzjoni bħal din f'sa 10 oqsma tal-ħajja.

Il-livell ta' diskriminazzjoni meqjusa abbażi l-isfond etniku jew ta' immigrant jibqa' għoli fost l-immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom. Ħarsa lejn id-diskriminazzjoni globali f'sa 10 oqsma tal-ħajja koperti minn EU-MIDIS II turi li, bħala medja, 39 % tar-rispondenti Musulmani kollha ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ; u 25 % ħassewhom hekk fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ (Figura 9). F'EU-MIDIS I, wieħed minn kull tliet rispondenti Musulmani (30 %) iddikjaraw li ħassewhom iddiskriminati minħabba l-etniċità tagħhom (fir-rigward ta' disa' oqsma tal-ħajja).

*Rati ta' diskriminazzjoni fost gruppi fil-mira*

Bħal f'EU-MIDIS I, rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq u mill-Afrika sub-Saħarjana jirrappurtaw l-ogħla livelli ta' diskriminazzjoni għaż-żewġ perjodi ta' referenza: għall-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ, 46 % u 45 %, rispettivament; u għat-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ, 30 % u 28 %, rispettivament (Figura 9).[27]

Madankollu, hemm differenzi notevoli bejn l-istess gruppi fil-mira f'pajjiżi differenti (Figura 10). Pereżempju, rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq għandhom aktar probabbiltà li jħossuhom diskriminati fin-Netherlands (49 %), fl-Italja (33 %) u fi Franza (31 %), u l-inqas probabbli fi Spanja (20 %). Hemm ukoll differenzi sostanzjali bejn rispondenti Musulmani minn pajjiżi/reġjuni differenti li jgħixu fl-istess pajjiż tal-UE, li jistgħu jiġu spjegati f'termini ta' differenzi fil-karatteristiċi – pereżempju, il-kulur tal-ġilda. L-aktar differenza impressjonanti fir-rata ta' 12-il xahar ta' diskriminazzjoni meqjusa hija osservata fil-Ġermanja bejn Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana u mit-Turkija: 18 % tar-rispondenti Musulmani mit-Turkija ħassewhom diskriminati fit-12-il xahar preċedenti, f'kuntrast ma' 50 % ta' dawk mill-Afrika sub-Saħarjana. Fin-Netherlands, ir-rata ta' diskriminazzjoni ta' 12-il xahar abbażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant tvarja b'10 punti perċentwali bejn Musulmani mit-Turkija u mill-Afrika ta' Fuq (39 % kontra 49 %, rispettivament).

Figura 9: Diskriminazzjoni globali abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 5 snin u fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp fil-mira tal-istħarriġ (%) [a,b,ċ,d,e]




*Noti:*

*a Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas dominju wieħed mill-erba' dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 5 snin": n=10,467; "l-aħħar 12-il xahar": n=10,498); riżultati ppeżati, irranġati skont rata ta' 12-il xahar.*

*b Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

*ċ Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (personali jew bħala ġenituri), saħħa, akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi jew privati oħrajn (amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut).*

*d Saru mistoqsijiet dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'"aċċess għall-kura tas-saħħa" għall-aħħar 12-il xahar biss, u dan jispjega d-daqsijiet differenti ta' kampjun (n) għaż-żewġ perjodi ta' referenza.*

*e L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sors: FRA, EU-MIDIS II 2016*

27 FRA (2009).

Figura 10: Diskriminazzjoni globali abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 5 snin u fl-aħħar 12-il xahar, skont il-grupp fil-mira tal-istħarriġ (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas dominju wieħed mill-erba' dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 5 snin": n=10,467; "l-aħħar 12-il xahar": n=10,498); riżultati ppeżati, irranġati skont rata ta' 12-il xahar.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (personali jew bħala ġenituri), saħħa, akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi jew privati oħra (amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut).*

[d] *Saru mistoqsijiet dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'"aċċess għall-kura tas-saħħa" għall-aħħar 12-il xahar biss, li jispjega d-daqsijiet ta' kampjun differenti (n) għaż-żewġ perjodi ta' referenza.*

[e] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Differenzi tas-sess fi u fost il-gruppi fil-mira

Bħala medja, m'hemm l-ebda differenza fid-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant meqjusa minn nisa Musulmani u rġiel matul it-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ (25 % u 24 %, rispettivament). Madankollu, hemm xi differenzi tas-sess sostanzjali fi u fost il-gruppi fil-mira. Pereżempju, ir-rata għal nisa Musulmani mit-Turkija fl-Awstrija hija aktar minn darbtejn ogħla minn dik għall-irġiel (38 % kontra 16 %). Nisa Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fil-Finlandja u fl-Italja jesperjenzaw ukoll din il-forma ta' diskriminazzjoni aktar mill-irġiel tal-istess grupp fil-mira (43 % kontra 33 % fil-Finlandja, u 31 % kontra 20 % fl-Italja). B'kuntrast, aktar irġiel Musulmani fin-Netherlands iħossuhom diskriminati milli jħossuhom nisa Musulmani, indipendentement mill-pajjiż ta' oriġini (mill-Afrika ta' Fuq: 54 % għall-irġiel u 44 % għan-nisa; mit-Turkija: 48 % għall-irġiel u 30 % għan-nisa). Fil-Belġju, irġiel Musulmani bi sfond mill-Afrika ta' Fuq jirrappurtaw rata ogħla ta' diskriminazzjoni meta mqabbel man-nisa (34 % kontra 26 %), iżda l-ebda differenza tas-sess sostanzjali mhi osservata għal Musulmani mit-Turkija (20 % u 22 %, rispettivament).

Ir-riżultati ma juru l-ebda differenza sostanzjali fid-diskriminazzjoni kontra nisa Musulmani li s-soltu jilbsu velu (jew niqab) barra mid-dar u dawk li ma jilbsux velu (jew niqab) – għal kull wieħed mill-perjodi ta' referenza (l-aħħar 12-il xahar: 26 % u 24 % rispettivament; l-aħħar 5 snin: 40 % u 39 %). Xi evidenza tissuġġerixxi li dan jista' jkun minħabba esponiment inqas għad-diskriminazzjoni bħala riżultat ta' interazzjoni soċjali aktar limitata, bħal meta jkunu qed jaħdmu jew ifittxu impjieg. Pereżempju, ir-riżultati juru li nisa Musulmani li s-soltu jilbsu velu (jew niqab (barra mid-dar) għandhom impjieg sa livell inqas minn nisa li ma jilbsux (29 % u 40 %, rispettivament, għal status ta' attività ewlenija ddikjarat minnhom stess "f'xogħol imħallas jew jaħdmu għal rashom").

Madankollu, ir-riżultati juru (Figura 11) li kemm rispondenti Musulmani rġiel u nisa li tal-inqas xi drabi jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjuż meta jkunu fil-pubbliku ħassewhom diskriminati xi ftit aktar ta' spiss fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fl-aħħar 12-il xahar qabel l-istħarriġ (28 % għall-irġiel; 27 % għan-nisa) minn rispondenti Musulmani li ma jilbsux ilbies bħal dan (22 % għall-irġiel; 23 % għan-nisa).

Figura 11: Diskriminazzjoni minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar, fost dawk li jilbsu/ma jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż, u skont is-sess (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet differenti f'tal-inqas dominju wieħed mill-erba' dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ (raġel: n=6,129; mara n=4,368); riżultati ppeżati.*

[b] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (huma jew bħala ġenituri), saħħa, akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi jew privati oħra (amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut).*

[ċ] *Mistoqsija: "Tilbes ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku li huwa differenti mit-tip ta' lbies li jintlibes tipikament f'[PAJJIŻ]? Dan jinkludi pereżempju, ilbies tradizzjonali jew reliġjuż speċifiku, simboli, veli jew turban".*

[d] *Mistoqsija li saret biss lil nisa Musulmani: "Is-soltu tilbes velu jew niqab barra mid-dar?.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

### 2.2.2. Esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant

L-ogħla rata ta' diskriminazzjoni ta' 5 snin abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant fost dominji differenti tinstab fl-impjieg u fl-aċċess għal servizzi pubbliċi u privati (Figura 12). 31 % tar-rispondenti Musulmani li fittxew impjieg fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ ħassewhom diskriminati fuq bażi ta' dan. Fost dawk li ħassewhom hekk, 13 % esperjenzaw dan fis-sena qabel l-istħarriġ. Meta ġew f'kuntatt ma' servizzi pubbliċi jew privati – bħal uffiċċji amministrattivi, trasport pubbliku jew fl-aċċess għal ħanut, ristorant jew bar – 23 % u 17 % tar-rispondenti Musulmani ħassewhom diskriminati matul il-ħames snin u 12-il xahar qabel l-istħarriġ, rispettivament.

Figura 12: Diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar u fl-aħħar 5 snin f'oqsma differenti tal-ħajja (%) [a,b]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fid-dominju partikolari; riżultati ppeżati, irranġati skont ir-rata ta' 12-il xahar.*

[b] *Dominji tal-ħajja ta' kuljum miġbura fil-qosor taħt "servizzi pubbliċi jew privati oħra": amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

### Sitwazzjonijiet diskriminatorji fuq ix-xogħol

L-istħarriġ staqsa wkoll lir-rispondenti jekk dawn esperjenzawx sitwazzjonijiet diskriminatorji fuq ix-xogħol minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom (Tabella 1). Xi wħud minn dawn huma marbutin ma' prattiki reliġjużi. Pereżempju, madwar 12 % tar-rispondenti Musulmani li kienu x-xogħol fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ jgħidu li ma tħallewx jieħdu l-liv għal festa, servizz jew ċerimonja reliġjuż/a importanti ħafna, u 9 % jinnutaw li ġew impeduti milli jesprimu jew iwettqu prattiki u tradizzjonijiet reliġjużi, bħat-talb jew l-ilbies ta' velu jew turban. Barra minn hekk, 7 % tar-rispondenti Musulmani jgħidu li ngħataw kompiti inqas mill-kwalifiki tagħhom, u 5 % jgħidu li ġew miċħuda promozzjoni minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom. 2 % tar-rispondenti Musulmani li sarilhom l-istħarriġ jindikaw li tkeċċew minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom matul il-ħames snin qabel l-istħarriġ, u 1 % ma tħallewx jissieħbu fi trejdjunjin.

Tabella 1: L-esperjenzi tar-rispondenti bi pratiki diskriminatorji speċifiċi fuq ix-xogħol minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fl-aħħar 5 snin (%)

| **Fuq ix-xogħol** | |
|---|---|
| Ma tħallewx jieħdu l-liv għal festa/servizz/ċerimonja reliġjuż/a importanti ħafna | **12** |
| Ġew ipprevjenuti milli jesprimu jew iwettqu prattiki u tradizzjonijiet reliġjużi, bħat-talb jew l-ilbies ta' velu jew turban | **9** |
| Ingħataw kompiti taħt il-kwalifiki tar-rispondent | **7** |
| Ġew miċħuda promozzjoni | **5** |
| Tkeċċew | **2** |
| Ma tħallewx jissieħbu fi trejdjunjin | **1** |

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## Raġunijiet ewlenin għal diskriminazzjoni f'dominji differenti

Meta r-rispondenti Musulmani ġew mistoqsijin dwar ir-raġuni ewlenija għall-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti li ltaqgħu miegħu minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom f'ħames dominji tal-ħajja, dawn setgħu jagħżlu minn tmien raġunijiet differenti (Figura 13). Ir-riżultati juru li tnejn huma partikolarment rilevanti għar-rispondenti Musulmani fid-dominji kollha – isimhom jew kunjomhom u l-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika tagħhom. L-ismijiet jew il-kunjomijiet kienu l-aktar rilevanti meta kienu qed ifittxu akkomodazzjoni (53 %) jew impjieg (44 %). Il-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika jissemmew bl-aktar mod frekwenti mir-rispondenti fir-rigward tal-użu ta' servizzi tal-kura tas-saħħa (46 %) u fuq il-post tax-xogħol (43 %). Fil-kuntest ta' meta jkunu qed ifittxu xogħol, it-tmien raġunijiet kollha għandhom rwol. Madankollu, kull disa' (12 %) rispondent Musulman li ħassu diskriminat minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu meta kien qed ifittex xogħol isemmi r-reputazzjoni tal-viċinat jew l-indirizz residenzjali tiegħu bħala raġuni għad-diskriminazzjoni – fattur indikat għal dan spiss f'dan id-dominju partikolari tal-ħajja biss. Iċ-ċittadinanza tar-rispondenti kklassifikat it-tielet fil-qasam tal-akkomodazzjoni, fejn issemmiet bħala raġuni għad-diskriminazzjoni minn kull raba' (25 %) rispondent Musulman. Kull ħames rispondent (21 %) isemmi ċ-ċittadinanza bħala bażi għad-diskriminazzjoni meta jkun qed ifittex xogħol. Iċ-ċittadinanza tissemma' wkoll bħala raġuni għad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol minn 17 % tar-rispondenti Musulmani.

Minħabba n-numri baxxi ħafna, tqabbil ibbażat fuq il-gruppi fil-mira huwa possibbli biss f'żewġ oqsma: meta jkunu qed ifittxu xogħol u fuq ix-xogħol. Għal rispondenti Musulmani bi sfond tal-Afrika sub-Saħarjana fid-Danimarka, fi Franza, fil-Finlandja, f'Malta, fl-Italja u fl-Iżvezja, il-kulur tal-ġilda jew id-dehra fiżika huma r-raġuni l-aktar rilevanti għad-diskriminazzjoni meta jfittxu impjieg u fuq il-post tax-xogħol. Musulmani mill-Asja t'Isfel fl-Italja u fil-Greċja, u Musulmani mit-Turkija fl-Awstrija u fil-Ġermanja, ukoll isemmgħu l-kulur tal-ġilda bħala r-raġuni ewlenija li ħassewhom diskriminati meta kienu qed ifittxu xogħol. B'kuntrast, immigranti Musulmani jew dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq fin-Nertherlands, fil-Belġju, u fi

Figura 13: Raġunijiet ewlenin għall-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant f'dominji tal-ħajja differenti (tweġiba multipla) (%) [a,b,ċ]




*Noti:*
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha li taw informazzjoni dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant f'tal-inqas wieħed minn ħames dominji tal-ħajja ta' kuljum ("meta nkun qed infittex impjieg": n=1,747; 'fuq il-post tax-xogħol': n=1,522; 'saħħa': n=329; 'akkomodazzjoni': n=750; 'awtoritajiet tal-iskola': n=245); riżultati ppeżati.*
[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*
[ċ] *Mistoqsija: "L-aħħar darba li ħassejtek diskriminat/a minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħek meta [DOMINJU], fl-opinjoni tiegħek x'kienet ir-raġuni ewlenija għal dan?"*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Franza li ħassewhom diskriminati meta kienu qed ifittxu xogħol jindikaw isimhom jew kunjomhom bħala r-raġuni ewlenija. Sadanittant, Musulmani mill-Afrika ta' Fuq li joqogħdu fl-Italja li ħassewhom iddiskriminati jsemmgħu l-pajjiż tat-twelid tagħhom bħala r-raġuni ewlenija fiż-żewġ oqsma ta' impjieg. Musulmani mit-Turkija fil-Ġermanja li ħassewhom diskriminati fuq il-post tax-xogħol u Musulmani mill-Afrika ta' Fuq fi Spanja li esperjenzaw diskriminazzjoni meta kienu qed ifittxu xogħol jindikaw iċ-ċittadinanza tagħhom bħala l-aktar raġuni importanti għad-diskriminazzjoni.

Meta wieħed iħares lejn id-differenzi bejn is-sessi f'termini ta' identifikazzjoni tar-raġunijiet ewlenin għad-diskriminazzjoni fiż-żewġ oqsma ta' impjieg – meta jkunu qed ifittxu xogħol u fuq ix-xogħol – joħroġ dan li ġej: Irġiel Musulmani jsemmu l-kulur tal-ġilda aktar ta' spiss (meta jkunu qed ifittxu xogħol: 51 % għall-irġiel u 26 % għan-nisa; fuq ix-xogħol: 49 % għall-irġiel u 36 % għan-nisa), l-isem jew il-kunjom (meta jkunu qed ifittxu xogħol: 50 % għall-irġiel u 37 % għan-nisa; fuq ix-xogħol: 36 % għall-irġiel u 23 % għan-nisa), u l-aċċent jew il-mod kif xi ħadd jitkellem il-lingwa nazzjonali tal-pajjiż (fuq ix-xogħol: 20 % u 9 %, rispettivament) milli jesperjenzaw in-nisa Musulmani. Madankollu, dawn ir-raġunijiet huma rilevanti għal kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa fil-ħames oqsma kollha. Għall-kuntrarju, l-ilbies huwa primarjament rilevanti għan-nisa Musulmani: fir-rigward tal-impjieg, pereżempju, din ir-raġuni tis-semma' sostanzjalment aktar spiss min-nisa Musulmani milli mill-irġiel (35 % kontra 4 % meta jkunu qed ifittxu xogħol, u 22 % kontra 7 % fuq ix-xogħol). Fir-rigward tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-ilbies jissemma biss minn nisa Musulmani.

## Il-frekwenza ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni

L-istħarriġ staqsa lir-rispondenti biex jindikaw kemm spiss fl-aħħar 12-il xahar ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fil-ħames dominji tal-ħajja (meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, saħħa, akkomodazzjoni u meta jiġu f'kuntatt mal-awtoritajiet tal-iskola). Bħala medja, ir-rispondenti Musulmani nnutaw tal-inqas ħames inċidenti fis-sena, u dan juri li d-diskriminazzjoni hija esperjenza rikorrenti għal bosta Musulmani (il-valuri medji jvarjaw – pereżempju, bejn 2.3 inċidenti għal immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Italja sa 6.2 inċidenti għal immigranti mill-Afrika ta' Fuq u d-dixxendenti tagħhom fil-Belġju). Il-frekwenza ta' inċidenti diskriminatorji tvarja fil-ħames oqsma tal-ħajja. B'mod l-aktar frekwenti, ir-rispondenti Musulmani jaffaċċjaw diskriminazzjoni fuq ix-xogħol u meta jkunu qed ifittxu xogħol (Figura 14 u Figura 15). 10 % tar-rispondenti Musulmani kollha jindikaw li ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fuq ix-xogħol fuq bażi ta' kuljum, u 17 % ħassewhom diskriminati aktar minn 10 darbiet (Figura 14) X'inhu dak li jwassal lil rispondent biex iqis esperjenza ta' diskriminazzjoni bħala esperjenza ta' kuljum jeħtieġ analiżi fil-fond, peress li dan jista' jirriżulta minn jew inċident wieħed li jaffettwa l-persuna kuljum jew minn numru ta' inċidenti li wasslu għal sentiment kostanti ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' kuljum.

**Figura 14: Numru ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar fuq ix-xogħol (%) [a,b,ċ]**




*Noti:*
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha li ħassewhom diskriminati fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar fuq ix-xogħol (n=739); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Kemm-il darba ġralek hekk fl-aħħar 12-il xahar fuq ix-xogħol?"*
[ċ] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

*Sors: FRA, EU-MIDIS II 2016*

**Figura 15: Numru ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar meta jkunu qed ifittxu xogħol (%)** [a,b,ċ]




*Noti:*
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha li ħassewhom diskriminati fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant fl-aħħar 12-il xahar meta jkunu qed ifittxu xogħol (n=829); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Kemm-il darba ġralek hekk fl-aħħar 12-il xahar meta kont qed tfittex impjieg?"*
[ċ] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## 2.2.3. Ir-rappurtar tad-diskriminazzjoni

### Ir-rappurtar ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni huwa pjuttost baxx, partikolarment fost irġiel Musulmani

Ir-rappurtar ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni għadu baxx fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom. EU-MIDIS I sab li 79 % tar-rispondenti Musulmani ma rrappurtawx l-inċidenti ta' diskriminazzjoni li ltaqgħu magħhom. Bħala medja, ir-riżultati ta' EU-MIDIS II jindikaw li 12 % biss tar-rispondenti Musulmani li ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fil-ħames snin qabel l-istħarriġ irrappurtaw l-aktar inċident riċenti jew ressqu lment ma' awtorità. Il-livell ta' rappurtar huwa saħanistra aktar baxx fost irġiel Musulmani; fost il-pajjiżi kollha u l-gruppi fil-mira, 10 % biss irrappurtaw l-aħħar inċident diskriminatorju. Għall-kuntrarju, 15 % tan-nisa Musulmani rrappurtaw jew ressqu lment dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti (Figura 16). Ma tista' tiġi osservata l-ebda differenza sostanzjali fir-rappurtar tal-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti bejn rispondenti Musulmani tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni.

F'termini ta' differenzi bejn l-Istati Membri (Figura 17), l-istħarriġ juri li r-rappurtar tal-aktar inċident diskriminatorju reċenti huwa l-ogħla fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom fil-Finlandja u fin-Netherlands, fejn kważi wieħed minn kull tliet jew erba' inċidenti jiġi rrappurtat (31 % u 25 %, rispettivament). Wieħed minn kull ħames inċidenti biss jiġi rrappurtat kemm fl-Iżvezja kif ukoll fid-Danimarka (19 % kull wieħed).

### L-aktar rapporti jew ilmenti li saru dwar l-aħħar inċident lill-impjegatur

Fost id-dominji kollha tal-ħajja ta' kuljum, kważi nofs ir-rapporti jew l-ilmenti kollha dwar l-aħħar inċident huma marbutin ma' inċident li seħħ fuq ix-xogħol (46 %). Kull wieħed minn ħames inċidenti rrappurtat sar meta kien hemm kuntatt ma' uffiċċji amministrattivi jew servizzi pubbliċi (20 %). 15 % tar-rapporti huma dwar inċident esperjenzat meta kien hemm kuntatt ma' awtoritajiet tal-iskola. Fost ir-rispondenti Musulmani li rrappurtaw l-aktar inċident riċenti ta' diskriminazzjoni fost id-dominji kollha tal-ħajja, l-aktar inċidenti ġew irrappurtati lil impjegatur (39 %), segwit mill-pulizija (17 %) u mit-tredjunjins, jew kumitati tal-persunal (16 %). Dawn ir-riżultati jirriflettu r-rati ta' rappurtar peress li ħafna mir-rapporti jsiru meta jseħħ inċident fuq ix-xogħol. Ir-rappurtar lil korpi tal-ugwaljanza jseħħ b'rata ħafna aktar baxxa: 4 % biss tar-rispondenti Musulmani li rrappurtaw inċident resqu lment ma', jew irrappurtaw l-inċident lil, entità bħal din. Madankollu, l-awtoritajiet/istituzzjonijiet li r-rispondenti jduru għalihom biex iressqu l-ilmenti jvarjaw fost id-dominji tal-ħajja differenti koperti mill-istħarriġ.

Figura 16: Immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom li rrappurtaw jew li ppreżentaw ilment dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, skont is-sess (%) [a,b,ċ]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant f'tal-inqas dominju wieħed tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwaru fl-istħarriġ ( n=4,881, li minnhom n= 3,025 raġel u n=1,856 mara); riżultati ppeżati.*

[b] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (personali jew bħala ġenituri), saħħa, akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi jew privati oħra (amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut).*

[ċ] *Mistoqsija: "L-aħħar darba li ħassejtek diskriminat/a minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħek f'[dominju], irrappurtajt jew għamilt ilment dwar l-inċident?*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Figura 17: Immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom li rrappurtaw jew ressqu lment dwar l-aktar inċident ta' diskriminazzjoni riċenti abbażi tal-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, skont l-Istat Membru tal-UE (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha li esperjenzaw diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sfond etniku jew ta' immigrant f'tal-inqas wieħed mid-dominji tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ ("l-aħħar 12-il xahar": n=698); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Id-dominji tal-ħajja ta' kuljum ikkunsidrati għall-analiżi: meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, edukazzjoni (huma jew bħala ġenituri), saħħa, akkomodazzjoni, u servizzi pubbliċi jew privati oħra (amministrazzjoni pubblika, ristorant jew bar, trasport pubbliku, ħanut).*

[d] *Mistoqsija: "L-aħħar darba li ħassejtek diskriminat/a minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħek f'[dominju], irrappurtajt jew għamilt ilment dwar l-inċident?*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Fiż-żewġ oqsma tal-impjieg (meta jkunu qed ifittxu xogħol u fuq ix-xogħol), ħafna mill-ilmenti jsiru lil impjegatur (meta jkunu qed ifittxu xogħol: 32%, fuq ix-xogħol: 67 %); il-kumitat tal-persunal (fuq ix-xogħol: 28%); il-pulizija (meta jkunu qed ifittxu xogħol: 17 % u fuq ix-xogħol: 11 %); u organizzazzjonijiet tal-komunità bħal gruppi ta' minoranza bbażati fuq il-knisja/fidi (meta jkunu qed ifittxu xogħol (15 %)).

Ir-rati ta' rappurtar baxxi jipprevjenu analiżi ddettaljata tal-livell ta' sodisfazzjon tar-rispondneti bil-mod kif jiġu mmaniġġjati l-ilmenti tagħhom. Madankollu, ta' min jinnota li, għalkemm l-ogħla rati ta' rappurtar jinsabu fl-impjieg, bħala medja, ir-rispondenti Musulmani jħossuhom xi ftit mhux issodisfati bil-mod kif l-ilment tagħhom ġie mmaniġġjat minn impjegatur, trejdjunjin/kumitat tal-persunal. Dan huwa wkoll il-każ għallimmaniġġjar mill-pulizija ta' lmenti li jinvolvu inċidenti relatati mad-dħul f'diskoteka, bar jew ristorant, jew fit-trasport pubbliku. B'mod simili, ir-rispondenti ma kinux sodisfatti bil-mod kif il-muniċipalitajiet immaniġġjaw l-ilmenti tagħhom meta ġiet esperjenzata diskriminazzjoni f'uffiċċji tal-amministrazzjoni jew fis-servizzi pubbliċi.

## Mhux effettiv u mhux ta' min tagħmlu: raġunijiet għala d-diskriminazzjoni ma tiġix irrappurtata

Fost id-dominji kollha tal-ħajja ta' kuljum li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ, u b'mod simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I,[28] ħafna mir-rispondenti Musulmani li ma rrappurtawx inċidenti ta' diskriminazzjoni lil xi organizzazzjoni jew awtorità m'għamlux hekk għax jaħsbu li xejn mhu se jiġri jew jinbidel (eż. akkomodazzjoni: 41 %; fl-edukazzjoni: 40 %; f'uffiċċji amministrattivi jew servizzi pubbliċi: 40 %), jew minħabba li l-inċident jarawh insinifikanti wisq jew li mhux ta' min jirrappurtah (eż. fl-edukazzjoni: 44 %; fit-trasport pubbliku: 42 %; f'diskoteka, bar jew ristorant: 34 %). It-tielet raġuni mogħtija mir-rispondenti – fid-dominji kollha – hija li dawn it-tipi ta' inċidenti jseħħu l-ħin kollu (eż. f'diskoteka/bar/ristorant, fit-trasport pubbliku, u f'ħanut jew meta jidħlu f'ħanut: 27 %). Iż-żewġ raġunijiet l-aktar komuni għala ma jirrappurtawx ivarjaw biss fil-kuntest tal-iskejjel tat-tfal: f'dan id-dominju, ir-rispondenti huma mħassba l-aktar dwar konsegwenzi negattivi (42 %) u, it-tieni nett, li ma jkunx hemm prova tal-inċident (27 %). Din tal-aħħar tirriżulta bħala r-raba' raġuni rilevanti fost bosta dominji. Raġuni oħra li jsemmu r-rispondenti bħala li żżommhom milli jirappurtaw l-aktar inċident riċenti hija x-xewqa li ma joħolqux inkwiet (eż. il-kura tas-saħħa: 21 %; akkomodazzjoni, u f'uffiċċji amministrattivi jew servizzi pubbliċi: 17 %).

28 FRA (2009), p. 8f.

### 2.2.4. Is-sensibilizzazzjoni dwar organizzazzjonijiet ta' appoġġ, korpi tal-ugwalità u liġijiet li jindirizzaw id-diskriminazzjoni

L-istħarriġ eżamina l-livell ta' sensibilizzazzjoni tar-rispondenti dwar organizzazzjonijiet li joffru appoġġ u pariri fil-każ ta' diskriminazzjoni billi staqsa dwar jekk jagħrfux korp ta' ugwaljanza magħżul minn qabel jew aktar sa tlieta (fil-Ġermanja, sa erba' korpi). Barra minn hekk, l-istħarriġ staqsa lir-rispondenti dwar is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar xi organizzazzjoni fil-pajjiż ta' residenza tagħhom li toffri appoġġ jew pariri lil nies li ġew diskriminati għal kwalunkwe raġuni.

Bħala medja, ħafna mir-rispondenti Musulmani (72 %) li sarilhom l-istħarriġ EU-MIDIS II ma jafux b'xi organizzazzjoni li toffri appoġġ jew pariri lil vittmi tad-diskriminazzjoni fil-pajjiż ta' residenza tagħhom (Figura 18).[29] Dan ir-riżultat huwa simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I,[30] li skonthom 80 % tar-rispondenti Musulmani ma kinux jafu b'organizzazzjoni bħal din. Dan jista' jispjega wkoll ir-rati ta' rappurtar baxxi. Madankollu, ir-riżultati jvarjaw fost il-gruppi fil-mira u pajjiżi – bejn 98 % fost immigranti Musulmani riċenti fis-Slovenja li ma kinux jafu b'organizzazzjonijiet bħal dawn, u 55 % tal-Musulmani bi sfond tal-Afrika sub-Saħarjana fl-Iżvezja li ma kinux jafu bihom. Fost il-Musulmani mill-Afrika ta' Fuq fi Spanja u immigranti riċenti fis-Slovenja, kważi l-ebda wieħed mir-rispondenti ma kien jaf b'servizz ta' appoġġ jew organizzazzjoni bħal din. B'kuntrast, rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Iżvezja (44 %) u immigranti Musulmani mill-Asja f'Ċipru (37 %) juru l-ogħla livelli ta' sensibilizzazzjoni dwar organizzazzjonijiet bħal dawn fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. Fil-Belġju, bħala medja, Musulmani bi sfond tal-Afrika ta' Fuq jidhru li jafu aktar b'organizzazzjonijiet ta' appoġġ minn dawk mit-Turkija (30 % u 21 %, rispettivament).

29 Ir-rata medja rrappurtata f'*2009 EU-MIDIS Data in Focus Report 2: Muslims* kienet 80 %. Għalkemm ma jista' jsir l-ebda tqabbil dirett u eżatt bejn iż-żewġ numri (minħabba l-kompożizzjonijiet ftit differenti tal-pajjiżi u l-gruppi fil-mira fiż-żewġ analiżijiet), dan ir-riżultat juri li, bħala medja, ħafna mir-rispondenti Musulmani għadhom ma jafux li hemm disponibbli organizzazzjonijiet ta' appoġġ f'każ ta' diskriminazzjoni fil-pajjiżi fejn jgħixu. Għal rispondenti ta' Roma, ir-riżultati ta' EU-MIDIS II urew li medja ta' 82 % ma kinux jafu b'dan – li juri li, bħala medja, ir-rispondenti Musulmani jafu ftit aktar b'organizzazzjonijiet bħal dawn mir-rispondenti ta' Roma. *Ara* FRA (2016), p. 41.

30 FRA (2009).

Figura 18: Sensibilizzazzjoni fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom dwar organizzazzjonijiet li joffru appoġġ jew pariri lil vittmi tad-diskriminazzjoni (irrispettivament mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni), skont il-grupp fil-mira (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati, irranġati skont "Iva".*

[b] *Mistoqsija: "Taf b'xi organizzazzjoni f'[PAJJIŻ] li toffri appoġġ jew pariri lil nies li ġew diskriminati – għal kwalunkwe raġuni?"*

[ċ] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[d] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

B'mod globali, il-maġġoranza (65%) tar-rispondenti Musulmani ma jafux b'xi korp ta' ugwaljanza f'pajjiżhom, għalkemm ir-riżultati jvarjaw skont il-pajjiż (Figura 19). Il-korpi tal-ugwaljanza l-aktar magħrufa jinsabu fid-Danimarka (64 %), f'Ċipru (61 %) u fir-Renju Unit (52 %), fejn aktar minn nofs ir-rispondenti jafu b'tal-inqas korp ta' ugwaljanza wieħed. Fil-Belġju (49%) u fil-Finlandja (47%), kważi nofs ir-rispondenti Musulmani jafu b'tal-inqas korp wieħed bħal dan. F'pajjiżi oħra, il-proporzjon ta' rispondenti li jafu l-korp ta' ugwaljanza huwa baxx – pereżempju, fl-Awstrija (21 %), f'Malta (8 %), fis-Slovenja (6 %) u fi Spanja (5 %).

Bħala medja, aktar irġiel (38 %) milli nisa (32 %) jafu b'tal-inqas korp ta' ugwaljanza wieħed, iżda d-differenzi bejn l-irġiel u n-nisa jvarjaw fuq il-livell ta' pajjiż individwali. Id-differenza bejn il-livelli ta' sensibilizzazzjoni fost l-irġiel (60 %) u n-nisa (45 %) Musulmani hija partikolarment prominenti fir-Renju Unit. B'kuntrast, fil-Belġju, fin-Netherlands u fl-Awstrija, notevolment aktar nisa Musulmani milli rġiel jafu b'tal-inqas korp ta' ugwaljanza ieħor.

Figura 19: Għarfien fost rispondenti Musulmani ta' tal-inqas korp ta' ugwaljanza wieħed (%) [a,b,ċ]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati, irranġati skont "Total".*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Mistoqsija: "Qatt smajt b'[isem ta' korp ta' ugwalità]?".*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Meta ġew mistoqsija dwar il-leġiżlazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni fil-pajjiżi ta' residenza tagħhom, bħala medja, ir-rispondenti Musulmani juru livell għoli ta' sensibilizzazzjoni, għalkemm ir-riżultati jvarjaw konsiderevolment fost il-gruppi fil-mira u l-pajjiżi (Figura 20). Bħala medja, ħafna mir-rispondenti Musulmani (69 %) jafu li diskriminazzjoni fuq bażi tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew ir-reliġjon hija illegali fil-pajjiż fejn jgħixu. 17 % tar-rispondenti Musulmani kollha jaħsbu li m'hemmx liġi bħal din, waqt li 14 % ma jafux jekk teżistix leġiżlazzjoni bħal din.

L-ogħla sensibilizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni tinstab fost ir-rispondenti mit-Turkija fl-Iżvezja (82 %), mill-Afrika sub-Saħarjana fi Franza (81 %), fir-Renju Unit (80 %) u fid-Danimarka (78 %), u għall-Afrikani ta' Fuq fi Franza (79 %) u fin-Netherlands (78 %). L-aktar livelli baxxi ta' sensibilizzazzjoni jinstabu fost il-Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana f'Malta (18 %), Musulmani mill-Asja tax-Xlokk fl-Italja (21 %), u immigranti Musulmani riċenti fis-Slovenja (29 %).

Figura 20: Sensibilizzazzjoni fost immigranti Musulmani u d-dixxendenti tagħhom dwar liġijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew ir-reliġjon (%) [a,b,ċ,d]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati, irranġati skont "Iva".*

[b] *Mistoqsija: "Sa fejn taf, hemm liġi f'[PAJJIŻ] li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew ir-reliġjon?"*

[ċ] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[d] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## 2.2.5. Diskriminazzjoni meqjusa għal raġunijiet tal-oriġini etnika, il-kulur tal-ġilda, u r-reliġjon jew twemmin reliġjuż

Ir-rispondenti ntalbu jivvalutaw kemm hija mifruxa d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika, u r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż fil-pajjiżi ta' residenza tagħhom. Aktar minn wieħed minn kull żewġ rispondenti Musulmani jikkunsidraw id-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe waħda minn dawn it-tliet raġunijiet bħala pjuttost mifruxa jew mifruxa ħafna (Figura 21). Bħala medja, id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew it-twemmin reliġjuż hija kkunsidrata li hija saħansitra aktar mifruxa (58 %). Madankollu, il-proporzjon ta' rispondenti Musulmani li esperjenzaw diskriminazzjoni fil-ħames snin qabel l-istħarriġ huwa konsiderevolment aktar baxx mill-proporzjon ta' dawk li jqisu lid-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon, l-oriġini etnika jew il-kulur tal-ġilda bħala mifruxa fis-soċjetà tagħhom.

Figura 21: Rispondenti Musulmani li jemmnu li d-diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon, l-oriġini etnika jew il-kulur tal-ġilda hija mifruxa ħafna jew pjuttost mifruxa f'pajjiżhom, skont l-Istat Membru tal-UE (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*
- [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
- [b] *Mistoqsija: "Għal kull wieħed mit-tipi ta' diskriminazzjoni li ġejjin, jekk jogħġbok għidli jekk, fl-opinjoni tiegħek, huwiex rari ħafna, pjuttost rari, pjuttost mifrux jew mifrux ħafna f'[PAJJIŻ]?*
- [ċ] *Il-kategoriji ta' tweġibiet "mifrux ħafna" u "pjuttost mifrux" huma miġbura flimkien għal din l-analiżi.*
- [d] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Ir-rispondenti Musulmani f'dan l-istħarriġ u l-popolazzjoni ġenerali għandhom perċezzjonijiet notevolment differenti ta' diskriminazzjoni bbażati fuq l-oriġini etnika jew ir-reliġjon. Abbażi ta' riżultati minn Ewrobarometru Speċjali 437 dwar id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2015,[31] il-proporzjon tal-popolazzjoni ġenerali li jaħsbu li d-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet tal-oriġini etnika hija mifruxa f'pajjiżhom huwa ogħla minn dak tar-rispondenti Musulmani fil-15-il Stat Membru tal-UE li sarilhom l-istħarriġ minn EU-MIDIS II. Jidher xenarju simili firrigward tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew it-twemmin reliġjuż. Il-proporzjon tal-popolazzjoni ġenerali fil-pajjiżi kollha li sarilhom l-istħarriġ li jikkunsidra diskriminazzjoni bħal din bħala mifruxa huwa l-istess jew saħansitra ogħla minn dak tar-rispondenti Musulmani f'EU-MIDIS II – ħlief fl-Awstrija (rispondenti Musulmani: 56 %; popolazzjoni ġenerali: 51 %) u l-Finlandja (rispondenti Musulmani: 38 %; popolazzjoni ġenerali: 35 %).

31 Il-Kummisjoni Ewropea (2015b).

## 2.3. Delitti ta' mibegħda – fastidju u vjolenza

**SEJBIET EWLENIN**

- Madwar 27 % tar-rispondenti Musulmani esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, u 45 % ta' dawk l-individwi esperjenzaw sitt inċidenti jew aktar matul dak il-perjodu. U 2 % tar-rispondenti jgħidu li ġew attakkati fiżikament minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom matul l-istess perjodu.
- Aktar rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni esperjenzaw fastidju motivat minn mibegħda fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (36 %) mir-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni (22 %).
- B'mod globali, nisa Musulmani li jilbsu l-veli (jew il-verament ftit li jilbsu n-niqabs) fil-pubbliku għandhom aktar probabbiltà li jesperjenzaw fastidju mmotivat minn preġudizzju minn dawk li ma jilbsux – 31 % meta mqabbel ma' 23 %.
- Madwar 39 % tan-nisa Musulmani li jilbsu velu jew niqab fil-pubbliku jgħidu li, fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, esperjenzaw xi ħadd jiċċassa lejhom b'mod mhux xieraq jew sinjali offensivi minħabba dan is-simbolu reliġjuż; 22 % esperjenzaw insulti verbali jew kummenti offensivi; u 2 % ġew attakkati fiżikament.
- F'disa' minn 10 każijiet (91 %), ir-rispondenti ma rrappurtawx l-aktar inċident riċenti ta' fastidju motivat minn preġudizzju lill-pulizija jew organizzazzjoni oħra; 43 % spjegaw li dan kien minħabba li "xejn mhu se jiġri jew jinbidel billi jirrappurtawh". Madwar 77 % tal-attakki fiżiċi motivati minn preġudizzju wkoll ma ġewx irrappurtati lill-pulizija jew organizzazzjoni oħra.
- 3 biss minn 3,763 rispondent Musulman li jindikaw li ngħataw fastidju rrappurtaw l-inċident lil korp ta' ugwaljanza, istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew istituzzjoni tal-ombudsperson.
- Il-maġġoranza kbira tar-rispondenti li rrappurtaw l-aktar attakk riċenti li esperjenzaw motivat minn preġudizzju lill-pulizija (81 %) jgħidu li jew ma kinux sodisfatti ħafna jew ma kinux pjuttost sodisfatti bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjat il-kwistjoni; 13 % jgħidu li kienu sodisfatti. Fl-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza fuq in-nisa fl-UE, 66 % tan-nisa indikaw li dawn kienu ssodisfati bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjaw l-aktar inċident serju ta' vjolenza fiżika li twettaq minn xi ħadd ieħor minbarra s-sieħeb attwali jew preċedenti tagħhom.
- L-atturi ta' kemm fastidju kif ukoll vjolenza mmotivati minn preġudizzju kien fil-maġġoranza tal-każi mhux magħrufa għall-vittma, u ma kellhomx sfond ta' minoranza etnika. Madwar 3 % sa 5 % tar-rispondenti jgħidu li l-atturi tal-inċidenti motivati minn preġudizzju li esperjenzaw setgħu kienu membri ta' grupp estremist jew razzist.
- Il-proporzjon ta' nisa li identifikaw l-attur tal-aktar inċident riċenti bħala li kien minn grupp ta' minoranza etnika ieħor kien ħafna aktar għoli minn dak għall-irġiel (48 % meta mqabbel ma' 26 %). B'mod simili, aktar rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni minn rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni jindikaw li l-attur kien minn grupp ta' minoranza etnika ieħor; speċifikament, 38 % tar-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni u 28 % tar-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni jagħmlu dan.
- Madwar 2 % tar-rispondenti Musulmani jgħidu li dawn esperjenzaw attakk fiżiku mill-pulizija minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ (1 % fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ). Il-maġġoranza ta' dawn l-inċidenti (70%) ma ġietx irrappurtata.
- Madwar nofs ir-rispondenti Musulmani ma jappoġġjawx l-użu tal-vjolenza fiżika biex jipprevjenu milli jweġġgħu lilhom infushom fiżikament jew biex jipprevjenu lil ħaddieħor milli jweġġa' fiżikament (53 % u 49 %, rispettivament). Il-maġġoranza kbira ssib li qatt mhu aċċettabbli li tintuża l-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultahom minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom jew ir-reliġjon tagħhom (86 % u 87 %, rispettivament).

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali[32] tirrikonoxxi l-fastidju bħala forma ta' diskriminazzjoni, billi tiddefinixxih bħala "att mhux mixtieq relatat ma' oriġini razzjali jew etnika [, li] isir bl-għan jew bl-effett li tinkiser id-dinjità ta' persuna u li jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv" (l-Artikolu 2). Id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija[33] tipprovdi protezzjoni kontra inċitament għal mibegħda u għal delitti ta' mibegħda li jimmiraw persuna jew persuni li jappartjenu għal grupp definit mir-referenza

32 Direttiva tal-Kunsill Nru 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, ĠU 2000 L 180 (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali).

33 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, ĠU 2008 L 328.

għal razza, kulur, reliġjon, dixxendent jew nazzjonal jew oriġini etnika. B'mod partikolari, l-Artikoli 4 u 8 tagħha jobbligaw lill-Istati Membri tal-UE biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex iressqu offiżi b'motivazzjoni razzista u/jew ksenofobika u li motivazzjoni bħal din tiġi kkunsidrata mill-qrati bħala ċirkostanza li tiggrava fid-determinazzjoni tal-pieni. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tippreskrivi li "vittmi li esperjenzaw delitt imwettaq b'motiv ta' preġudizzju jew diskriminatorju" jirċievu valutazzjoni individwali sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi li jista' jkollhom (l-Artikolu 22).[34] Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-etniċità, ir-razza u r-reliġjon ta' persuna.

F'Ġunju 2016, il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza sabiex iżżid l-azzjoni biex il-mibegħda u l-intolleranza jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. Il-FRA ġiet assenjata l-koordinazzjoni ta' sottogrupp speċifiku biex jassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' metodi effettivi għar-reġistrar u għall-ġbir ta' *data* dwar delitti ta' mibegħda. Il-leġiżlazzjoni rilevanti, inkluż id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija,[35] ma fihiex dispożizzjonijiet għall-ġbir u għall-ippubblikar ta' *data* bħal din. S'issa, *data* uffiċjali dwar inċidenti ta' vittimizzazzjoni kriminali motivata minn mibegħda kontra l-Musulmani ġiet ippubblikata minn disa' Stati Membri: l-Awstrija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja.[36]

Ir-rapport tal-FRA tal-2012 *Making hate crime visible in the European Union: acknowledging victims' rights*[37] enfasizza l-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' ġbir ta' *data* dwar delitti ta' mibegħda sabiex id-delitti ta' mibegħda jsiru viżibbli fl-UE, peress li ftit Stati Membri tal-UE biss jiġbru u jippubblikaw *data* li tkopri medda ta' motivazzjonijiet ta' preġudizzju. Ir-rapport innota wkoll id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jesprimu l-ħtieġa li l-istati jikxfu l-motivazzjoni ta' offiżi razzisti kif ukoll delitti mwettqa minħabba t-twemmin reliġjuż tal-vittma.

## 2.3.1. Esperjenzi ta' fastidju motivat minn mibegħda

Ir-riżultati tal-istħarriġ ippreżentati f'dan ir-rapport jirreferu għal fastidju esperjenzat minn gruppi magħżula ta' rispondenti Musulmani minħabba l-"isfond etniku jew ta' immigrant" tagħhom; dan jintuża bħala terminu ġeneriku u jinkludi riżultati għal tliet indikaturi ta' preġudizzju li saru mistoqsijiet dwarhom separatament fl-istħarriġ: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, u r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż. Ir-rispondenti ġew mistoqsijin dwar ħames forom ta' fastidju: kummenti offensivi jew ta' theddida wiċċ imb'wiċċ; theddid ta' vjolenza wiċċ imb'wiċċ; sinjali offensivi jew xi ħadd jiċċassa lejhom b'mod mhux xieraq; ittri elettroniċi jew messaġġi (SMS) offensivi jew ta' theddida; u kummenti offensivi li jsiru dwarhom online.

### Il-prevalenza u l-frekwenza ta' fastidju motivat minn mibegħda

B'mod globali, madwar wieħed minn kull erba' rispondenti Musulmani (27 %) irrappurtaw li esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom tal-inqas darba fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ. Dan ivarja minn kważi nofs ir-rispondenti Musulmani kollha mill-Afrika sub-Saħarjana fil-Ġermanja (48 %) u l-Finlandja (45 %), sa 13 % sa 14 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fir-Renju Unit u f'Malta, rispettivament (Figura 22).

Fir-rigward tal-frekwenza ta' dawn l-esperjenzi, l-istħarriġ isib li, b'mod globali, 45 % esperjenzaw sitt inċidenti jew aktar; 36 % esperjenzaw żewġ sa ħames inċidenti; u 19 % esperjenzaw wieħed. Ir-riżultati jvarjaw fost il-pajjiżi/ir-reġjuni ta' oriġini u pajjiżi ta' residenza differenti. Il-maġġoranza tal-vittmi ta' fastidju motivat minn preġudizzju fost rispondenti Musulmani mit-Turkija li jgħixu fin-Netherlands (60 %) u dawk mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Iżvezja (58 %), kif ukoll dawk mill-Afrika ta' Fuq fil-Belġju (58 %), esperjenzaw sitt inċidenti jew aktar f'sena. B'mod globali, m'hemm l-ebda differenza notevoli bejn il-perċentwali ta' rġiel u nisa Musulmani li esperjenzaw sitt inċidenti jew aktar ta' fastidju mmotivat minn preġudizzju fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ.

34 Direttiva Nru 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L-315 (Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi)

35 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008), Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, ĠU 2008 L 328..

36 Ara l-Kapitolu 3 dwar ir-Razziżmu, il-ksenofobija u intolleranza relatata fil-FRA (2017a).

37 FRA (2012).

Figura 22: Il-prevalenza ta' fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) [a,b,ċ]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq inqas minn 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati fi grupp totali jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata fi grupp totali mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## Il-prevalenza ta' fastidju motivat minn mibegħda għal gruppi ta' rispondenti speċiiċi

Fost il-gruppi differenti ta' rispondenti Musulmani, l-ogħla proporzjon ta' individwi li jindikaw li, fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom huma immigranti Musulmani jew dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq (32 %), segwiti minn Musulmani mill-Asja (28 %) (Figura 23).

Ħarsa lejn ir-riżultati għal kull grupp ta' rispondenti turi li, fid-Danimarka, nisa Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana rrappurtaw rati ogħla mill-irġiel (nisa – 46 %, irġiel – 27 %), waqt li għal rispondenti Musulmani mit-Turkija, mhi osservata l-ebda differenza fil-pajjiż bejn in-nisa u l-irġiel. Min-naħa l-oħra, irġiel Musulmani mit-Turkija fin-Netherlands, mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Iżvezja, u mill-Afrika ta' Fuq u mill-Asja t'Isfel fl-Italja jirrappurtaw rati ogħla ta' fastidju motivat minn preġudizzju min-nisa. Dawn id-differenzi jindikaw il-ħtieġa għal riċerka aktar fil-fond biex jiġi esplorat kif l-irġiel u n-nisa Musulmani jiġu affettwati minn fastidju b'modi differenti.

Aktar rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni (36 %) jirrappurtaw fastidju motivat minn preġudizzju fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ milli jagħmlu rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni (22 %). Dan jista' jiġi spjegat parzjalment mill-età iżgħar tar-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni meta mqabbla mal-ewwel ġenerazzjoni, peress li esperjenzi ta' fastidju għandhom tendenza li jkunu aktar komuni fost nies iżgħar fl-età. Ir-rati jonqsu mal-età – forsi jirriflettu sitwazzjonijiet differenti li n-nies jaffaċċjaw f'diversi stadji ta' ħajjithom. Immigranti tat-tieni ġenerazzjoni jistgħu wkoll jifhmu aħjar kif jirrikonoxxu l-fastidju – pereżempju, bis-saħħa ta' għarfien aħjar tal-lingwa lokali.

Figura 23: Il-prevalenza ta' fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq inqas minn 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati fi grupp totali jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata fi grupp totali mhumiex ippubblikati.*
[ċ] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*
[d] *Tnejn mill-gruppi ppreżentati fiċ-ċart bar, huma rispettivament, ibbażati fuq intervisti minn pajjiż wieħed biss: "Immigranti riċenti" (intervisti mis-Slovenja) u "Asjatiċi u d-dixxendenti tagħhom" (intervisti minn Ċipru).*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## L-impatt tal-ilbies tradizzjonali jew reliġjuż

Ir-rispondenti rġiel u nisa ġew mistoqsija jekk jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku (ara wkoll Taqsima 2.2.1 dwar differenzi tas-sess fil-prevalenza tad-diskriminazzjoni). Barra minn hekk, in-nisa ġew mistoqsija jekk jilbsux velu jew niqab,[38] u jekk esperjenzawx tliet tipi partikolari ta' fastidju jew vjolenza minħabba li għamlu dan.

Kważi terz tar-rispondenti Musulmani (29 % tal-irġiel u 31 % tan-nisa) li tal-inqas jilbsu ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku rrappurtaw li esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (Figura 24).

Madwar 39 % tar-rispondenti Musulmani nisa li jindikaw li jilbsu velu jew niqab barra mid-dar jgħidu li, fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, esperjenzaw xi ħadd jiċċassa lejhom b'mod mhux xieraq jew sinjali offensivi minħabba li għamlu dan. Għall-istess raġuni, 22 % esperjenzaw insulti verbali jew kummenti offensivi; u 2 % ġew attakkati fiżikament.

38 Niqab huwa velu li jgħatti l-wiċċ, iżda mhux l-għajnejn.

Figura 24: Rispondenti li tal-inqas xi drabi jilbsu ilbies tradizzjonali jew reliġjuż (inkluż velu jew niqab għan-nisa) fil-pubbliku u li esperjenzaw fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:* [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n = 10,527); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq inqas minn 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati fi grupp totali jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata fi grupp totali mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Mistoqsija: "Tilbes ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku li huwa differenti mit-tip ta' lbies li jintlibes tipikament f'[PAJJIŻ]? Dan jinkludi pereżempju, ilbies tradizzjonali jew reliġjuż speċifiku, simboli, veli jew turban".*

[d] *Mistoqsija li saret biss lil nisa Musulmani: "Is-soltu tilbes velu jew niqab barra mid-dar?.*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## It-tip ta' fastidju esperjenzat

L-aktar forom komuni ta' fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant huma mossi offensivi jew xi ħadd jiċċassa b'mod mhux xieraq, b'21 % li esperjenzaw dan fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ. Dan huwa segwit minn kummenti offensivi jew ta' theddida wiċċ imb wiċċ (18 %). Forom oħra ta' fastidju – bħal theddid ta' vjolenza u fastidju ċibernetiku – huma inqas komuni. Rispondenti iżgħar jesperjenzaw kemm fastidju wiċċ imb'wiċċ, bħal kummenti, sinjali offensivi jew ta' theddida jew theddid ta' vjolenza, kif ukoll fastidju ċibernetiku aktar ta' spiss minn Musulmani ikbar.

## L-atturi ta' fastidju motivat minn mibegħda

Meta ġew mistoqsija biex jidentifikaw l-attur(i), tlieta minn erba' rispondenti li esperjenzaw fastidju motivat minn preġudizzju jgħidu li l-attur tal-aktar inċident riċenti kien xi ħadd li huma ma kinux jafu (75 %); 14 % jgħidu li kien xi ħadd fuq ix-xogħol jew f'ambjent edukattiv; u 3 % jgħidu li kien membru ta' grupp estermist/razzist tan-naħa tal-lemin. F'EU-MIDIS I, ħafna mir-rispondenti identifikaw ukoll l-atturi tal-fastidju bħala individwi li ma kinux jafu preċedentement.

L-istħarriġ staqsa wkoll lill-vittmi tal-fastidju jekk l-attur tal-aktar inċident riċenti kellux l-istess sfond etniku jew ta' immigrant bħal tagħhom, sfond ta' minoranza etnika ieħor, jew jekk l-attur kienx xi ħadd li jappartjeni għall-popolazzjoni tal-maġġoranza. F'ħafna mill-każi (75 %), ir-rispondenti qiesu lill-attur bħala xi ħadd mingħajr sfond ta' minoranza etnika; 21 % identifikaw lill-attur bħala xi ħadd minn grupp ta' minoranza etnika ieħor; u għal 6 %, l-attur kien xi ħadd mill-istess grupp ta' minoranza etnika bħal tagħhom. (Ir-rispondenti setgħu jindikaw dak kollu li applika – għalhekk it-total tal-perċentwali għat-tliet kategoriji jaqbeż 100 %). Dawn ir-riżultati li jikkonċernaw l-isfond tal-attur(i) huma simili għal dawk ta' EUMIDIS I.

Ir-riżultati jvarjaw fost l-Istati Membri tal-UE differenti. Pereżempju, fl-Iżvezja, 53 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana u 40 % tar-rispondenti Musulmani mit-Turkija li esperjenzaw fastidju jindikaw li l-attur tal-aktar inċident riċenti kellu sfond ta' minoranza etnika differenti minn tagħhom. Fid-Danimarka u fil-Finlandja, 90 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana li esperjenzaw fastidju jindikaw li l-attur tal-aktar inċident riċenti ma kellux sfond ta' minoranza etnika. Meta jiġu interpretati dawn ir-riżultati, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Istati Membri tal-UE huma

differenti f'termini tad-daqs u tan-numru ta' gruppi ta' minoranza etnika fil-pajjiż, li jista' jiġi rifless fl-esperjenzi tar-rispondenti ta' fastidju u l-livell li bih persuni bi sfond ta' minoranza etnika ieħor jiġu identifikati bħala atturi.

### Ir-rappurtar ta' fastidju motivat minn mibegħda u r-raġunijiet għar-rappurtar

B'mod globali, disa' minn kull 10 rispondenti Musulmani (91 %) ma rrappurtawx l-aktar inċident riċenti ta' fastidju li esperjenzaw lil jew il-pulizija jew lil xi organizzazzjoni oħra jew servizz ieħor. In-nisa Musulmani għandhom ftit aktar probabbiltà li rrappurtaw l-inċident (11 %) mill-irġiel Musulmani (6 %). M'hemm l-ebda differenza f'termini ta' età jew bejn ir-rispondenti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni fir-rigward tar-rappurtar ta' fastidju.

Barra mill-pulizija, l-Istati Membri tal-UE għandhom korpi tal-ugwaljanza li jistgħu jimmaniġġjaw ilmenti relatati ma' fastidju, sa fejn dan ir-rekwiżit tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jkun ġie traspost fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-riżultati juru li, fost it-3,763 Musulman li fl-istħarriġ irrappurtaw dettalji tal-aktar esperjenza riċenti tagħhom ta' fastidju motivat minn preġudizzju, tlieta biss ikkuntattjaw korp tal-ugwaljanza, istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew istituzzjoni ombuds rilevanti oħra biex jirrappurtaw l-inċident.

L-aktar raġuni li tissemma' għala ma jsirx rappurtar tal-aktar inċident riċenti ta' fastidju motivat minn preġudizzju hija li xejn mhu se jiġri jew jinbidel billi jirrappurtawh (43 %). 41 % tar-rispondenti li esperjenzaw fastidju motivat minn preġudizzju ma rrappurtaw l-inċident imkien minħabba li ħasbu li huwa żgħir; 13 % qalu li r-rappurtar kien se jkun wisq burokratiku; 9 % li kienu kapaċi jindirizzaw il-problema huma stess; u 8 % li ma kinux se jiġu mitwemmna jew mhumiex sejrin jittieħdu bis-serjetà.

Minn dawk li rrappurtaw l-aktar inċident riċenti ta' fastidju lill-pulizija, 62 % ma kinux sodisfatti ħafna jew xi ftit bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjat il-kwistjoni. L-irġiel li rrappurtaw fastidju lill-pulizija għandhom aktar probabbiltà li ma jħossuhomx sodisfatti meta mqabbla man-nisa (76 % meta mqabbel ma' 53 %).

## 2.3.2. L-esperjenzi ta' vjolenza fiżika motivata minn mibegħda

F'EU-MIDIS II, ir-rispondenti ġew mistoqsija jekk dawn esperjenzawx attakk fiżiku, bħal xi ħadd tahom daqqa, imbuttahom, tahom bis-sieq jew ġibidhom. Ir-riżultati li ġejjin dwar vjolenza fiżika jirreferu għall-inċidenti li r-rispondenti qiesu li saru minħabba l-"isfond etniku jew ta' immigrant" tagħhom, li jintuża bħala terminu umbrella biex jinkludi preġudizzju relatat mal-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrant, u r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż.

### Il-prevalenza u l-frekwenza ta' vjolenza motivata minn mibegħda

B'mod globali, 2 % tar-rispondenti Musulmani esperjenzaw vjolenza fiżika minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, u 5 % għamlu dan fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ – b'varjazzjonijiet importanti li jiddependu fuq il-pajjiż/ir-reġjun ta' oriġini u l-pajjiż ta' residenza involut. Ir-rispondenti Musulmani mill-Asja f'Ċipru u mill-Asja t'Isfel fl-Italja jirrappurtaw l-aktar rati baxxi għat-12-il xahar qabel l-istħarriġ – kważi żero – waqt li l-ogħla rati huma rrappurtati mir-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fil-Ġermanja (8 %), fid-Danimarka (7 %) u f'Malta (7 %).

Il-proporzjon medju ta' rġiel Musulmani li esperjenzaw attakk fiżiku fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom huwa 6 %, meta mqabbel ma' 3 % għan-nisa Musulmani. M'hemm l-ebda differenza fil-prevalenzi ta' vjolenza mmotivata minn preġudizzju lejn individwi li jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku (inkluż nisa li jilbsu veli jew niqabs). Għad-differenzi bejn il-gruppi ta' età u l-membri tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni, jista' jidher xenarju simili għall-fastidju motivat minn preġudizzju – li huwa, li r-rati huma ogħla għal rispondenti iżgħar milli għal dawk ikbar, u ogħla għat-tieni ġenerazzjoni.

Bħala medja, fil-ħames snin qabel l-istħarriġ, 2 % (n=197) tar-rispondenti Musulmani kollha esperjenzaw attakk fiżiku minn uffiċjal tal-pulizija li huwa jattribwixxu għal sfond etniku jew ta' immigrant. Terz ta' dawn il-każi seħħew fit-12-il xahar qabel l-intervista (1 %). Il-maġġoranza ta' dawn l-inċidenti (70%) ma ġietx irrappurtata lil xi awtorità. L-aktar raġunijiet li jissemmew għala ma jsirx rappurtar ta' attakk fiżiku diskriminatorju mill-pulizija huma li xejn mhu se jiġri jew jinbidel billi jirrappurtawh (52 %), li r-rispondenti ma jafdawx lill-pulizija jew jibżgħu minnhom (37 %), li jqisu l-proċeduri bħala burokratiċi wisq u li jieħdu ż-żmien (21 %), jew li jibżgħu minn ritaljazzjoni jew li jiġu ttrattati ħażin (21 %).

### L-atturi ta' vjolenza motivata minn mibegħda

L-istħarriġ ippermetta lir-rispondenti biex jindikaw diversi kategoriji ta' atturi – pereżempju, f'każi fejn żewġ atturi jew aktar kienu involuti fl-aktar inċident riċenti. Nofs il-vittmi ta' vjolenza motivata minn preġudizzju ma jafux l-atturi, waqt li 16 % jgħidu li l-attur kien xi ħadd fuq ix-xogħol jew f'ambjent edukattiv. Ir-rispondenti identifikaw ukoll atturi oħra: 9 % indikaw uffiċjal tal-pulizija jew gwardjan tal-fruntieri; 8 % konoxxent, ħabib jew qarib; 7 % ġar; u 8 % jgħidu li kienet "persuna oħra". Madwar 5 % tar-rispondenti jgħidu li l-attur kien membru ta' grupp estermist/razzist tan-naħa tal-lemin.

Fir-rigward tal-isfond etniku tal-atturi, 64 % tar-rispondenti Musulmani, bħala medja, jgħidu li l-attur tal-aktar inċident riċenti ta' attakk fiżiku li esperjenzaw ma kellux sfond ta' minoranza etnika (Figura 25). Wieħed minn kull tliet vittmi ta' attakk fiżiku (33 %) jgħidu li l-attur kellu sfond ta' minoranza etnika differenti minn tagħhom; u 10 % jindikaw li l-attur kellu l-istess sfond ta' minoranza bħal tagħhom.[39]

Il-proporzjon ta' nisa Musulmani li identifikaw l-attur tal-aktar inċident riċenti bħala li kien minn grupp ta' minoranza etnika ieħor kien ħafna aktar għoli minn dak għall-irġiel (48 % meta mqabbel ma' 26 %). Dan kien ukoll il-każ għar-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni: 38 % tar-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni jindikaw li l-attur kien minn grupp ta' minoranza etnika ieħor – meta mqabbel ma' 28 % tar-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni.

## Ir-rappurtar ta' vjolenza motivata minn mibegħda u r-raġunijiet għar-rappurtar

B'mod globali, minoranza biss (23%) tar-rispondenti rrappurtat l-aktar inċident riċenti lil xi organizzazzjoni jew servizz, inkluż il-pulizija (14 %), waqt li 77 % ma rrappurtaw l-inċident imkien. Stħarriġ ieħor tal-FRA li staqsa lir-rispondenti dwar ir-rappurtar ta' inċidenti ta' vjolenza lill-pulizija jipprovdi evidenza ta' livelli għoljin b'mod simili ta' nuqqas ta' rappurtar. Pereżempju, l-istħarriġ tal-aġenzija dwar il-vjolenza fuq in-nisa[40] juru li 13 % biss tan-nisa li kkuntattjaw il-pulizija wara l-aktar inċident serju ta' vjolenza fiżika li involva attur ieħor minbarra s-sieħeb tagħhom.

Huwa impressjonanti li mill-534 immigrant Musulman u dixxendenti ta' immigranti li fl-istħarriġ iddeskrivew l-aktar inċident riċenti ta' vjolenza motivata minn preġudizzju li esperjenzaw, ħadd ma kkuntattja lil jew korp tal-ugwaljanza nazzjonali, istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jew ombudsperson biex jirrappurtaw l-inċident.

Figura 25: Sfond ta' atturi tal-aktar inċidenti riċenti ta' vjolenza fiżika bbażata fuq l-isfond etniku jew ta' immigrant tar-rispondenti %) [a,b,ċ,d]




*Noti:*
- [a] *Rispondenti Musulmani li esperejnzaw vjolenza fiżika minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom (n = 515); riżultati ppeżati.*
- [b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq inqas minn 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati fi grupp totali jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata fi grupp totali mhumiex ippubblikati.*
- [ċ] *Il-kategoriji ma jammontawx għal 100 % għax ir-rispondenti setgħu jagħżlu l-kategoriji kollha li japplikaw – pereżempju, biex jiddeskrivu inċidenti b'atturi multipli ta' sfond etniku differenti.*
- [d] *Mistoqsija: "Aħseb dwar il-persuna(i) li għamlitlek (għamlulek) dan. Kienu tal-istess sfond etniku jew ta' immigrant bħal tiegħek? Kienu ta' sfond ta' minoranza etnika differenti minn tiegħek? Kien xi ħadd li m'għandux sfond ta' minoranza etnika?".*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

39 It-total huwa ogħla minn 100 % għax ir-rispondenti setgħu jagħżlu aktar minn kategorija waħda; dan juri li xi inċidenti setgħu involvu diversi atturi.

40 FRA (2014), p. 59.

In-nisa u l-irġiel Musulmani għandhom probabbiltà indaqs li jirappurtaw inċidenti ta' vjolenza motivata minn preġudizzju lill-pulizija jew organizzazzjoni oħra jew servizz ieħor. Għall-kuntrarju, waqt li 29 % tal-vittmi ta' vjolenza motivata minn preġudizzju fost immigranti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni jgħidu li rrappurtaw l-aktar inċident riċenti, ir-rata ta' rappurtar fost immigranti tat-tieni ġenerazzjoni hija 18 %. Analiżi ulterjuri li tikkunsidra l-grupp ta' età tar-rispondeni hija mxekkla min-numru baxx ta' każi disponibbli għall-analiżi.

Fost dawk li ma rrappurtawx l-aktar inċident riċenti ta' attakk fiżiku lill-pulizija jew organizzazzjoni oħra, 43 % jgħidu li ma rrapportawx għax xejn ma kien se jiġri jew jinbidel billi jirrappurtawh; 23 % għax kienu kapaċi jindirizzawh huma stess jew bl-għajnuna tal-familja jew ħbieb; u 18 % ma kkunsidrawx l-inċident sinifikanti biżżejjed jew qiesu li ma kienx ta' min jirrappurtah minħabba li inċidenti bħal dawn jiġru l-ħin kollu.

Minn dawk li ma rrappurtawx l-inċident, 11 % jindikaw li nuqqas ta' fiduċja fil-pulizija kien fattur fid-deċiżjoni biex ma jagħmlux dan. Ir-raġunijiet li jagħtu l-Musulmani għala ma jirrappurawx l-inċidenti lill-pulizija huma fil-parti l-kbira tagħhom simili għal dawk indikati mir-rispondenti Musulmani f'EU-MIDIS I – iżda wkoll minn rispondenti oħrajn fl-istħarriġ tal-FRA, inkluż nisa, Lhud u persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneri (LGBT) li ġew intervistati dwar l-esperjenzi tagħhom mal-vjolenza. Dawn ir-riżultati jirriflettu konvinzjoni mifruxa fost dawk li ma jirrappurtawx inċidenti vjolenti li r-rappurtar tagħhom lill-pulizija ma jipprovdix neċessarjament benefiċċju immedjat, u li jsibu modi oħra, informali ta' kif jindirizzaw dak li jkun ġara. Ir-riżultati juru li l-vittmi jiżnu wkoll il-benefiċċji probabbli li jirrappurtaw maż-żmien li jieħdu biex jirrappurtaw, kif ukoll il-battikati u l-inkonvenjenza involuti.

Il-maġġoranza kbira tar-rispondenti li rrappurtaw l-aktar attakk riċenti ta' attakk fiżiku motivat minn preġudizzju lill-pulizija (81 %) jgħidu li jew ma kinux sodisfatti ħafna jew kienu pjuttost mhux sodisfatti bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjat il-kwistjoni; 13 % jgħidu li kienu sodisfatti (Figura 26). Biex dan jitpoġġa f'kuntest, fl-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza fuq in-nisa fl-UE, 66 % tan-nisa indikaw li kienu sodisfatti bil-mod kif il-pulizija mmaniġġjaw l-aktar inċident serju ta' vjolenza fiżika li involva attur minbarra s-sieħeb attwali jew preċedenti tagħhom.

Figura 26: Sodisfazzjon bil-mod ta' kif il-pulizija mmaniġġjat l-aktar inċident riċenti ta' vjolenza motivat mill-isfond etniku jew ta' immigrant tar-rispondenti wara r-rappurtar tal-inċident lill-pulizija (%) [a,b,ċ]




*Noti:*
[a] *Rispondenti Musulmani li rrappurtaw lill-pulizija l-aktar inċident riċenti ta' attakk fiżiku motivat minn preġudizzju (n = 82); riżultati ppeżati.*
[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq inqas minn 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati fi grupp totali jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżata fi grupp totali mhumiex ippubblikati.*
[ċ] *Mistoqsija: Semmejt li kkuntattjajt lill-pulizija. Sa liema punt kont sodisfatt/a b'kif il-pulizija mmaniġġjat ir-rapport jew l-ilment tiegħek?".*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

### 2.3.3. Il-fastidju u l-vjolenza fiżika kontra l-familja jew il-ħbieb tar-rispondenti – inċidenti motivati minn mibegħda

L-esperjenza personali taffettwa s-sentimenti ta' sigurtà u appartenanza ta' dak li jkun, iżda dawk jistgħu wkoll jiġu influwenzati minn meta wieħed jisma' dwar l-esperjenzi ta' ħaddieħor, speċjalment membri tal-familja jew ħbieb mill-qrib. B'mod globali, 27 % tar-rispondenti Musulmani jafu b'membru tal-familja jew ħabib li, fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, ġie insultat jew tgħajjar minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom. L-ogħla proporzjon huwa fin-Netherlands: 52 % għar-rispondenti Musulmani mit-Turkija u 50 % mill-Afrika ta' Fuq.

Ħarsa lejn is-sensibilizzazzjoni tar-rispondenti tal-membri tal-familja jew ħbieb li jiġu insultati jew mgħajrin meta mqabbel mal-esperjenzi tagħhom stess turi xi differenzi notevoli. Pereżempju, fin-Netherlands, 18 % tar-rispondenti Musulmani mit-Turkija personalment esperjenzaw kummenti offensivi jew ta' theddida minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ – iżda 52 % jgħidu li jafu membru tal-familja jew ħabib li ġie insultat jew mgħajjar għal dawn ir-raġuni matul dak il-perjodu ta' żmien. Differenzi bejn l-esperjenzi personali u s-sensibilizzazzjoni ta' esperjenzi ta' nies oħra jinsabu fost rispondenti mill-Afrika ta' Fuq fil-Belġju u fin-Netherlands; rispondenti mit-Turkija fil-Belġju, fid-Danimarka u fil-Ġermanja; u rispondenti mill-Asja t'Isfel fil-Greċja.

### 2.3.4. L-attitudnijiet lejn il-vjolenza

EU-MIDIS II staqsa lir-rispondenti dwar l-attitudnijiet tagħhom lejn il-vjolenza fiżika. Waqt li m'hemm l-ebda rabta diretta bejn l-attitudnijiet li jappoġġjaw il-vjolenza u l-inganaġġ attwali fil-vjolenza, l-istħarriġ kellu impenn li jidentifika xi xejriet fir-rigward tal-appoġġ tal-vjolenza fiżika f'varjetà ta' sitwazzjonijiet billi staqsa erba' mistoqsijiet (ara Figuri 27 sa 30):

- Huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu nnifsu milli jweġġgħu' fiżikament?
- Huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu ħaddieħor milli jweġġa' fiżikament?
- Huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika għax xi ħadd ikun insultah minħabba l-isfond etniku jew immigrant tiegħu?
- Huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika għax xi ħadd ikun insultah minħabba r-reliġjon tiegħu?

L-istħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali li jintuża biex iqabbel ċerti aspetti koperti f'dan ir-rapport, bħall-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi jew l-aċċettazzjoni ta' gruppi oħra, ma jinkludix mistoqsijiet dwar l-attitudnijiet lejn il-vjolenza. F'dan ir-rigward, dan ir-rapport għalhekk iqabbel ir-riżultati għar-rispondenti Musulmani mar-riżultati għal dawk ir-rispondenti ta' EU-MIDIS II li ma identifikawx bħala Musulmani fil-15-il Stat Membru tal-UE koperti.

Ir-riżultati juru li 45 % tar-rispondenti Musulmani ma jikkunsidrawx il-vjolenza fiżika aċċettabbli biex jevitaw milli jweġġgħu fiżikament, meta mqabbel ma' 41 % ta' rispondenti mhux Musulmani. Sadanittant, 49 % tar-rispondenti Musulmani ma jikkunsidrawx li huwa aċċettabbli li tintuża l-vjolenza fiżika biex jipprevjenu lil ħaddieħor milli jweġġa' fiżikament, meta mqabbel ma' 44 % ta' rispondenti mhux Musulmani. Il-maġġoranza l-kbira kemm ta' rispondenti Musulmani kif ukoll mhux Musulmani issib li qatt mhu aċċettabbli li tintuża l-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultahom minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom (86 % u 89 % rispettivament) jew ir-reliġjon tagħhom (87 % u 94 %). Bħala medja, l-użu tal-vjolenza fiżika huwa aktar aċċettabbli għall-irġiel Musulmani milli għan-nisa Musulmani, u aktar għat-tieni ġenerazzjoni – u għalhekk rispondenti Musulmani iżgħar – minn dawk mill-ewwel ġenerazzjoni, speċjalment meta tintuża bħala awtodifiża.

Is-sejbiet ta' EU-MIDIS II juru li l-unika differenza statistikament sinifikanti bejn rispondenti Musulmani u mhux Musulmani tikkonċerna l-aċċettazzjoni tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd ikun insulta r-reliġjon tagħhom: 11 % tar-rispondenti Musulmani jikkunsidraw il-vjolenza "xi drabi jew dejjem" aċċettabbli f'dan il-kuntest, meta mqabbel ma' 4 % ta' rispondenti mhux Musulmani. Analiżi aktar avvanzata turi li r-rispondenti Musulmani li kienu vittmi ta' vjolenza motivata minn mibegħda fit-12-il xahar preċedenti għall-istħarriġ kellhom ferm aktar probabbiltà li jqisu l-vjolenza fiżika aċċettabbli, dejjem jew xi drabi, għax xi ħadd ikun insulta r-reliġjon tagħhom. Madankollu, kemm rispondenti Musulmani kif ukoll mhux Musulmani li esperjenzaw diskriminazzjoni jew fastidju minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar preċedenti għall-istħarriġ għandhom aktar probabbiltà li jqisu l-vjolenza fiżika aċċettabbli, dejjem jew xi drabi, minħabba li xi ħadd ikun insulta r-reliġjon tagħhom.

## Figura 27: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza għall-awtodifiża (%) [a,b]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Taħseb li huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika fis-sitwazzjonijiet li ġejjin? (1) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu nnifsu milli jweġġa' fiżikament, (2) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lil xi ħadd ieħor milli jweġġa' fiżikament, (3) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultah minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu, (4) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insulta r-reliġjon tiegħu."*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## Figura 28: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza biex jiddefendu lil xi ħaddieħor (%) [a,b]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Taħseb li huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika fis-sitwazzjonijiet li ġejjin? (1) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu nnifsu milli jweġġa' fiżikament, (2) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lil xi ħadd ieħor milli jweġġa' fiżikament, (3) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultah minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu, (4) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insulta r-reliġjon tiegħu."*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## Figura 29: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza meta jiġu insultati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom (%) [a, b]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Taħseb li huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika fis-sitwazzjonijiet li ġejjin? (1) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu nnifsu milli jweġġa' fiżikament, (2) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lil xi ħadd ieħor milli jweġġa' fiżikament, (3) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultah minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu, (4) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insulta r-reliġjon tiegħu."*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## Figura 30: L-aċċettazzjoni ta' tweġiba bil-vjolenza meta tiġi insultata r-reliġjon tagħhom (%) [a,b]




Noti: [a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Mistoqsija: "Taħseb li huwa aċċettabbli li xi ħadd juża l-vjolenza fiżika fis-sitwazzjonijiet li ġejjin? (1) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lilu nnifsu milli jweġġa' fiżikament, (2) L-użu tal-vjolenza fiżika biex iwaqqaf lil xi ħadd ieħor milli jweġġa' fiżikament, (3) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insultah minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu, (4) L-użu tal-vjolenza fiżika għax xi ħadd insulta r-reliġjon tiegħu."*

Sors: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## 2.4. Waqfien mill-pulizija

### SEJBIET EWLENIN

- Mir-rispondenti Musulmani kollha, 16 % twaqqfu mill-pulizija fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ u 7 % jgħidu li dan kien minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom.
- Minn dawn ir-rispondenti Musulmani li twaqqfu mill-pulizija fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ, 42 % jgħidu li dan ġara minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom – għalkemm ir-riżultati jvarjaw fost l-Istati Membri tal-UE.
- Fil-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ, 29 % tar-rispondenti Musulmani kollha twaqqfu mill-pulizija u 9 % jgħidu li dan kien minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom.
- Minn dawk li waqqfu l-pulizija fl-aħħar ħames snin, 32 % jemmnu li dan seħħ minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom – għal darb'oħra b'varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri tal-UE.
- Rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq u sub-Saħarjana jindikaw li jitwaqqfu mill-pulizija b'mod aktar frekwenti minn gruppi Musulmani oħra li sarilhom l-istħarriġ.
- Bħala medja, rispondenti Musulmani iżgħar jindikaw li jitwaqqfu mill-pulizija aktar ta' spiss minn dawk li huma ikbar; u rġiel Musulmani jitwaqqfu ħafna aktar ta' spiss minn nisa Musulmani.
- Irġiel u nisa Musulmani li tal-inqas xi drabi jilbsu lbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku jgħidu aktar ta' spiss li l-pulizija waqqfuhom minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom matul il-ħames snin qabel l-istħarriġ (39 %) minn dawk li ma jilbsux ilbies bħal dan (29 %).

Il-prattiki tal-pulizija madwar l-Unjoni Ewropea jvarjaw – kemm f'termini tal-frekwenza ta' waqfien mill-pulizija kif ukoll mill-imġiba tal-pulizija waqt waqfien bħal dan. Il-perċezzjonijiet ta' imġiba ta' disrispett jew trattament diskriminatorju jistgħu jimminaw il-leġittimità tal-pulizija u għalhekk l-effettività tagħha. Huwa importanti li jiġu ssorveljati u vvalutati l-prattiċi, bħal waqfien mill-pulizija, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji jkunu ikbar mir-riskji għar-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-komunità. Madankollu, numru żgħir biss ta' Stati Memri tal-UE[41] jiġbru *data* bħal din b'mod sistematiku jew jagħmlu xi livell ta' riċerka dwar il-prattiċi tal-infurzar tal-liġi, inkluż waqfien mill-pulizija, u kif dawn jaffettwaw gruppi differenti. Kif indikat il-FRA fl-2010,[42] dawn it-tipi ta' *data*, miġburin b'mod anonimu, jipprovdu evidenza essenzjali għall-identifikazzjoni ta' prattiċi potenzjalment diskriminatorji.

Il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fost l-Istati Membri tal-UE riċentement issaħħet biex twettaq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, li tirrikonoxxi li s-sigurtà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali huma objettivi tal-politika kumplimentarji.[43] F'dan ir-rigward, l-Aġenzija enfasizzat li l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fit-tfassil ta' miżuri ta' sigurtà tista' tgħin tillimita l-effetti potenzjalment negattivi tagħhom fuq id-drittijiet tal-individwi, billi tnaqqas ir-riskju ta' komunitajiet aljenati b'miżuri li jistgħu jiġu perċeputi bħala diskriminatorji.[44]

41 Ir-Renju Unit huwa eċċezzjoni; fl-Ingilterra u f'Wales – taħt Taqsimiet 5, 50 u 55 tal-Att tal-Pulizija u tal-Evidenza Kriminali (PACE) tal-1984 – hemm rekwiżiti statutorju għal Kapijiet Uffiċjali tal-Pulizija biex jiġbru u jippubblikaw statistika. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru waqfien u tfittxija ta' persuni jew vetturi, verifiki fit-toroq, id-detezzjoni ta' persuni, u tfittxiji intimi ta' persuni. Fl-Iskozja, bħala parti mill-Pjan ta' Waqfien u Titjib ta' Tfittxija tal-Pulizija tal-Iskozja, fl-1 ta' Ġunju 2015 tnediet bażi ta' *data* nazzjonali mtejba.

42 FRA (2010).

### 24.1. It-tlaqqigħ mal-infurzar tal-liġi

Ir-riżultati li jikkonċernaw il-waqfien mill-pulizija jirreferu għal kuntatti bejn l-infurzar tal-liġi u l-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ EU-MIDIS II. Ir-rispondenti ġew mistoqsija wkoll jekk ħasbux li twaqqfu mill-pulizija minħabba l-isfond ta' immigrant jew minoranza etnika tagħhom u dwar il-mod ta' kif ġew ittrattati mill-pulizija, inkluż kwalunkwe esperjenza ta' attakk fiżiku mill-pulizija.

Bħala medja, madwar terz tal-Musulmani kollha li ġew intervistati (29 %) twaqqfu mill-pulizija fil-ħames snin qabel l-istħarriġ, b'varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri tal-UE. Bħala medja, madwar wieħed minn kull għaxra tal-Musulmani kollha li ġew intervistati (9 %) jgħidu li dan ġara minħabba l-isfond ta' immigrant jew minoranza etnika tagħhom (Figura 31). Minn dawk li twaqqfu, 32 % jemmnu li dan seħħ minħabba l-isfond ta' immigrant jew minoranza etnika tagħhom – iżda, għal darb'oħra, b'varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri (Figura 32).

43 Il-Kummissjoni Ewropea (2015a) u l-Kummissjoni Ewropea (2016a).

44 FRA (2015).

**Figura 31: Il-prevalenza ta' waqfien mill-pulizija fl-aħħar ħames snin, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (%)** [a,b,ċ,d,e,f]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*

[b] *Il-perċentwal totali ta' rispondenti li twaqqfu mill-pulizija fl-aħħar 5 snin jiġi kkalkulat billi jingħaddu flimkien iż-żewġ figuri: il-figura perċentwali ta' dawk li twaqqfu mill-pulizija fl-aħħar 5 snin u qiesu li dan seħħ minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom, u l-figura perċentwali ta' dawk li twaqqfu mill-pulizija fl-aħħar 5 snin, iżda ma kkunsidrawx li dan seħħ minħabba l-isfond ta' immigrant jew ta' minoranza etnika tagħhom.*

[ċ] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[d] *Mistoqsija: "Fl-aħħar 5 snin f'[PAJJIŻ] (jew kemm ilek f'[PAJJIŻ]), qatt twaqqaft, ġejt imfittex jew interrogat mill-pulizija?"*

[e] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

[f] *Xi bars ma jammontawx għal 100 %; dan minħabba li n-numri ġew arrotondati.*

*Sorsi:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Meta ġew mistoqsija dwar it-12-il xahar preċedenti għall-istħarriġ, 16 % tar-rispondenti Musulmani kollha jgħidu li dawn twaqqfu mill-pulizija matul dan iż-żmien; minn dawk li twaqqfu, 42 % jgħidu li dan seħħ minħabba l-isfond ta' immigrant jew minoranza etnika tagħhom. Iż-żieda fil-proporzjon ta' individwi li jemmnu li l-waqfien mill-pulizija kien diskriminatorju jista' jiġi attribwit għall-fatt li inċidenti riċenti huma aktar faċli li tiftakarhom. Madankollu, dan jista' jirrifletti wkoll il-prattiki li jinbidlu fil-waqfien mill-pulizija, possibbilment relatati mal-fokus miżjud fuq is-sigurtà fl-UE.

Ir-riżultati jissuġġerixxu li inqas Musulmani twaqqfu matul is-sena preċedenti EU-MIDIS II (16 %) milli mis-sena qabel EU MIDIS I; f'dan l-ewwel stħarriġ, bħala medja, 25 % tar-rispondent Musulmani kollha rrappurtaw li twaqqfu mill-pulizija matul dak iż-żmien. Minn dawk li twaqqfu, 40 % emmnu li dan ġara minħabba l-istatus ta' immigrant jew ta' minoranza tagħhom – sehem simili ta' dawk li f'EU-MIDIS II jindikaw li jemmnu li twaqqfu għal din ir-raġuni (42 %).[45]

45 FRA (2009), p. 13.

Figura 32: L-aktar waqfa riċenti mill-pulizija li titqies bħala tfassil ta' profil etniku fost dawk li twaqqfu fil-5 snin qabel l-istħarriġ, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (%) [a,b,ċ,d]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani li twaqqfu mill-pulizija fil-5 snin qabel l-istħarriġ (n=3,140); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Mistoqsijiet: "Fl-aħħar 5 snin f'[PAJJIŻ] (jew kemm ilek f'[PAJJIŻ]), qatt twaqqaft, ġejt imfittex jew interrogat mill-pulizija?"; "Taħseb li L-AĦĦAR DARBA li twaqqaft kienet minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħek?"*

[d] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

*Sorsi:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

Bħala medja – u b'mod simili għas-sejbiet ta' EU-MIDIS I – ir-rispondenti Musulmani mill-Afrika ta' Fuq u sub-Saħarjana jindikaw li twaqqfu aktar ta' spiss, u dawn iqisu dan il-waqfien bħala diskriminatorju aktar ta' spiss. Minn dawk ir-rispondenti Musulmani mwaqqfa mill-pulizija, 73 % u 69 % mill-Afrika ta' Fuq u sub-Saħarjana fl-Italja, rispettivament u 64 % mill-Afrika ta' Fuq fin-Netherlands jemmnu li twaqqfu minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom. B'kuntrast, dan il-proporzjon huwa ħafna aktar baxx fost rispondenti Musulmani mit-Turkija (pereżempju, 21 % fil-Belġju, 16 % fil-Ġermanja u 14 % fl-Awstrija).

### 2.4.2. Id-differenzi fil-waqfien mill-pulizija skont is-sess u l-età

Ħarsa lejn id-differenzi bejn is-sessi juri li l-pulizija twaqqaf irġiel Musulmani aktar ta' spiss minn nisa Musulmani (45 % tal-irġiel twaqqfu fil-ħames snin qabel l-istħarriġ, meta mqabbel ma' 12 % tan-nisa). Minn dawk li twaqqfu, bħala medja, 37 % tal-irġiel Musulmani u 15 % tan-nisa Musulmani jemmnu li l-aħħar waqfa mill-pulizija kienet ta' natura diskriminatorja.

L-istħarriġ staqsa lir-rispondenti jekk dawn jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku li huwa differenti mit-tip ta' lbies li jintlibes tipikament fil-pajjiżi fejn joqogħdu. Ir-rispondenti Musulmani nisa ġew mistoqsija wkoll jekk normalment jilbsux velu (jew niqab) barra mid-dar. Fost ir-rispondenti Musulmani nisa kollha, 41 % jilbsu velu barra mid-dar, iżda 1 % biss jilbsu niqab. In-numru żgħir ta' nisa Musulmani li jilbsu niqab jipprevjeni kwalunkwe tqassim ulterjuri fost gruppi fil-mira.

Fir-rigward ta' waqfien mill-pulizija, l-ilbies tradizzjonali jew reliġjuż tal-inqas xi drabi fil-pubbliku jaffettwa lill-irġiel Musulmani aktar min-nisa Musulmani (Figura 33). Madwar nofs l-irġiel Musulmani (47 %) li jilbsu lbies bħal dan jemmnu li twaqqfu minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom, meta mqabbel ma' 20 % tan-nisa li jagħmlu dan.

Ir-rispondenti iżgħar jitwaqqfu b'mod aktar frekwenti mill-pulizija. Fil-ħames snin qabel l-istħarriġ, il-pulizija waqqfet 36 % ta' rispondenti Musulmani żgħażagħ li kellhom 16 sa 24 sena u 35 % ta' dawk li kellhom 25 sa 34 sena. Il-waqfien kien inqas frekwenti għal gruppi ta' età ikbar. Il-perċezzjonijiet dwar il-livell ta' tfassil ta' profil etniku fl-aħħar waqfa mill-pulizija mhumiex differenti b'mod sinifikanti fost il-gruppi ta' età jew bejn rispondenti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni.

Figura 33: L-aktar waqfa riċenti mill-pulizija fl-aħħar ħames snin li titqies bħala li seħħet minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant, (a) fost dawk li jilbsu/ma jilbsux ilbies tradizzjonali jew reliġjuż u (b) skont is-sess (%) [a,b,ċ,d,e]




*Noti:*

[a] *Mir-rispondenti Musulmani li twaqqfu mill-pulizija fl-aħħar 5 snin (n=3,140; differenza fis-sess: raġel: n=2,603; mara n=537); riżultati ppeżati.*

[b] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

[ċ] *Mistoqsija: "Fl-aħħar 5 snin f'[PAJJIŻ] (jew kemm ilek f'[PAJJIŻ]), qatt twaqqaft, ġejt imfittex jew interrogat mill-pulizija?"; "Taħseb li L-AĦĦAR DARBA li twaqqaft kienet minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħek?"*

[d] *Mistoqsija: "Tilbes ilbies tradizzjonali jew reliġjuż fil-pubbliku li huwa differenti mit-tip ta' lbies li jintlibes tipikament f'[PAJJIŻ]? Dan jinkludi pereżempju, ilbies tradizzjonali jew reliġjuż speċifiku, simboli, veli jew turban".*

[e] *Mistoqsija li saret biss lil nisa Musulmani: "Is-soltu tilbes velu jew niqab barra mid-dar?*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## 2.4.3. Iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-aktar waqfa riċenti mill-pulizija

L-intervisti tal-istħarriġ saru matul perjodu ta' żmien li inkluda attakki terroristi kbar fil-Belġju u Franza,[46] li skattaw żieda fis-sorveljanza tal-pulizija u fil-kontrolli tal-identità. B'mod simili, il-flussi tal-migrazzjoni fil-Greċja u fl-Italja ukoll xprunaw żieda fil-pulizija u fil-verifiki fuq il-fruntiera.

Matul il-ħames snin qabel l-istħarriġ, maġġoranza (63 %) ta' kemm rispondenti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni kif ukoll tat-tieni ġenerazzjoni twaqqfu waqt li kienu f'karozza privata; inċidenti bħal dawn setgħu involvew waqfien mill-pulizija relatat mal-vettura, peress li 56 % intalbu l-liċenzja tas-sewqan tagħhom jew id-dokumenti tal-vettura. Madankollu, kważi wieħed minn kull ħamsa (22 %) twaqqfu mill-pulizija fit-triq waqt li kienu mixjin, u 5 % jgħidu li twaqqfu waqt li kienu qed jivvjaġġaw bit-trasport pubbliku.[47]

Ir-riżultati jindikaw li ċerti gruppi jitwaqqfu fit-triq aktar ta' spiss minn oħrajn. Nofs kemm tar-rispondenti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni kif ukoll tat-tieni ġenerazzjoni mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Italja (53 %), u kważi nofs mill-Afrika ta' Fuq fin-Netherlands, fil-Belġju, fl-Italja u Spanja ftakru li l-aħħar twaqqfu mill-pulizija fit-triq (40-42 %). Dan il-proporzjon jogħla għal 80 % tar-rispondenti Musulmani mill-Asja t'Isfel fil-Greċja, li jista' jiġi relatat ma' verifiki tal-immigrazzjoni intensivi.

Ir-riżultati juru li, meta twaqqfu mill-pulizija, ħafna mir-rispondenti Musulmani ntalbu l-karti tal-identità tagħhom, (67 %), il-liċenzja tas-sewqan jew dokumenti tal-vettura (56 %), jew mistoqsijiet oħra (49 %). Kwart ta' dawk li twaqqfu (24 %) jgħidu li l-pulizija fittxew fuqhom jew fil-karozza tagħhom. 14 % tar-rispondenti Musulmani kollha li twaqqfu rċievew multa waqt l-aktar waqfa riċenti mill-pulizija, 12 % irċivew xi forma ta' parir jew twissija mill-pulizija, u 5 % jgħidu li ġew arrestati jew ittieħdu l-għassa tal-pulizija.

Fir-rigward tal-verifiki tal-identità, kważi l-immigranti Musulmani kollha mill-Asja t'Isfel fil-Greċja (96 %) u immigranti mill-Afrika ta' Fuq u sub-Saħarjana u d-dixxendenti tagħhom fl-Italja (94 % u 98 %, rispettivament) intalbu l-karti tal-identità, il-passaporti jew il-permessi tar-residenza waqt l-aħħar waqfa mill-pulizija, li jista' jiġi spjegat mill-flussi ta' migrazzjoni matul dak il-perjodu fiż-żewġ pajjiżi. Aktar minn tmienja minn kull 10 immigranti Musulmani u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq u mit-Turkija li jgħixu fil-Belġju (83 % u 86 %, rispettivament) intalbu jipprovdu l-karti tal-identità tagħhom waqt l-aħħar waqfa mill-pulizija. Għal darb'oħra, dan ir-riżultat għandu jidher fid-dawl tas-sorveljanza miżjuda tal-pulizija wara l-attakki terroristiċi fi Brussell.

Analiżi tad-*data* tal-istħarriġ dwar l-aktar waqfien riċenti mill-pulizija turi l-ogħla hekk imsejjaħ "livell ta' suċċess" li rriżulta mill-waqfien mill-pulizija – jiġifieri, il-proporzjon ta' waqfien u tfittxija li rriżultaw f'sanzjonijiet tal-infurzar tal-liġi, bħal multa, arrest, jew ċitazzjoni – fost rispondenti Musulmani ta' oriġini Torka fl-Awstrija: nofs (50 %) ġew irrappurtati li tħarrku, waqt li l-maġġoranza ntalbu l-liċenzja tas-sewqan tagħhom jew dokumenti tal-vettura (84 %) jew karti tal-identità (54 %). Madankollu, għalkemm bosta rispondenti Musulmani mit-Turkija ġew sanzjonati bħala riżultat tal-aktar waqfien riċenti tagħhom fl-Awstrija, 14 % biss ikkunsidraw il-waqfa li kienet diskriminatorja.

## 2.4.4. It-trattament mill-pulizija

Maġġoranza (60 %) ta' rispondenti Musulmani li twaqqfu mill-pulizija matul l-aħħar ħames snin preċedenti tal-istħarriġ, maġġoranza (60 %) innutat li ġew ittrattati b'rispett (26 % "b'rispett kbir", 34 % "pjuttost b'rispett"). Wieħed minn kull erba' (24 %) rispondenti qalu li l-mod ta' kif il-pulizija ttrattawhom kien "la b'rispett, u lanqas disrispettuż". Sadanittant, 16 % qalu li l-pulzija ttrattawhom b'mod disrispettuż (7 % "pjuttost b'mod disrispettuż"u 9 % "b'mod disrispettuż ħafna").

Kif juru r-riżultati ppreżentati f'Taqsima 2.1.3 bħala medja, ir-rispondenti Musulmani għandhom it-tendenza li jafdaw l-aktar lill-pulizija u lis-sistema legali tal-pajjiż, meta mqabbel ma' istituzzjonijiet oħra li saru mistoqsijiet dwarhom fl-istħarriġ. Figura 34 turi li l-livelli ta' fiduċja fil-pulizija jvarjaw fost il-gruppi fil-mira Musulmani differenti u fl-Istati Membri tal-UE. Pereżempju, l-aktar livelli baxxi ta' fiduċja fil-pulizija jiġu osservati fost rispondenti Musulmani fin-Netherlands u fl-Italja. Fiż-żewġ pajjiżi, ir-rispondenti Musulmani ta' oriġini mill-Afrika ta' Fuq jesprimu livelli aktar baxxi ta' fiduċja fil-pulizija (valuri medji ta' 4.9 u 5.3, rispettivament), kif jagħmlu l-Musulmani b'oriġini Torka fin-Netherlands (valur medju ta' 5.1) u rispondenti Musulmani ta' oriġini mill-Afrika sub-Saħarjana fl-Italja (valur medju ta' 5.3). Il-Musulmani li sarilhom l-istħarriġ fi Franza u fil-Belġju wkoll għandhom tendenza li juru livelli aktar baxxi ta' fiduċja fil-pulizija mill-medja fl-Istati Membri tal-UE magħżula. B'kuntrast, ir-rispondenti Musulmani bi sfond Afrikan Sub-Saħarjan fil-Finlandja u immigranti Musulmani riċenti fis-Slovenja jesprimu l-ogħla livell ta' fiduċja fil-pulizija (valuri medji ta' 8.4 u 7.8, rispettivament).

46 Fit-22 ta' Marzu 2016, tliet bombi suwiċidi fi Brussell, il-Belġju – fl-ajruport u fl-istazzjoni tal-metro – irriżultaw fi 32 mewta u aktar minn 300 korriment. Fl-14 ta' Lulju 2016, trakk baqa' dieħel ġo folla f'Nizza, Franza, li rriżulta f'86 mewta u 434 korriment.

47 Mhu possibbli l-ebda tqassim ulterjuri skont il-grupp fil-mira dwar il-waqfien fit-trasport pubbliku minħabba inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati għal kull ċellula.

Figura 34: Fiduċja fil-pulziiaj, skont l-Istat Membru tal-UE u l-grupp fil-mira (medja, fuq skala ta' 0-10, fejn 0 ifisser "l-ebda fiduċja" u 10 ifisser "fiduċja sħiħa") [a,b,c]




Noti:
[a] *Mir-rispondenti Musulmani kollha (n=10,527); riżultati ppeżati.*
[b] *Xi bars għandhom l-istess valur iżda jidhru ftit differenti; dan minħabba l-arrondatament tan-numri.*
[c] *L-akronimi għal gruppi fil-mira jirreferu għall-immigranti minn [pajjiż/reġjun] u d-dixxendenti tagħhom: TUR = it-Turkija, SSAFR = l-Afrika sub-Saħarjana, NOAFR = l-Afrika ta' Fuq, SASIA = l-Asja t'Isfel, ASIA = l-Asja, RIMGR = immigranti riċenti minn pajjiżi mhux tal-UE.*

Sorsi: *FRA, EU-MIDIS II 2016*

## 2.5. L-effett tad-diskriminazzjoni u l-vittimizzazzjoni fuq is-sens ta' appartenenza u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi

### SEJBIET EWLENIN

- Ir-rispondenti li ħassewhom diskriminati u/jew li esperjenzaw fastidju jew vjolenza minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom juru livelli aktar baxxi ta' fiduċja fis-sistema legali u fil-pulziija, kif ukoll livell aktar baxx ta' rbit mal-pajjiż ta' residenza.
- Ir-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni juru livelli aktar baxxi ta' fiduċja fil-pulziija u fis-sistema legali milli juru r-rispondenti tal-ewwel ġenerazzjoni.

Kif ġie nnutat preċedentement, is-sentimenti ta' appartenenza u rbit huma relatati mal-kuntest u ma jistgħux jidhru bħala statiċi jew stabbli; dawn huma multidimensjonali u jinbidlu maż-żmien. Is-sentimenti ta' esklużjoni jew aljenazzjoni jistgħu jiġu bbażati fuq perċezzjonijiet suġġettivi dwar il-proċess tal-migrazzjoni, iżda wkoll jiġu żviluppati f'reazzjoni għall-esperjenzi mal-esklużjoni.

Ir-rispondenti li jindikaw li sfaw vittmi ta' diskriminazzjoni, fastidju jew vjolenza minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom juru livelli konsiderevolment aktar baxxi ta' rbit fil-pajjiż tal-istħarriġ minn dawk li ma esperjenzawx trattament ħażin bħal dan. Fost dawk li esperjenzaw diskriminazzjoni, fastidju jew vjolenza matul il-ħames snin preċedenti tal-istħarriġ, 71 % għandhom it-tendenza li jħossuhom marbutin (ħafna) mal-pajjiż tal-istħarriġ – meta mqabbel ma' 81 % ta'

dawk mingħajr esperjenzi bħal dawn.[48] Fost persuni li esperjenzaw diskriminazzjoni, fastidju jew vjolenza minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tagħhom fit-12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ, il-perċentwal ta' dawk li jħossuhom marbutin (ħafna) mal-pajjiż ta' residenza huwa aktar minn 10 punti inqas minn dak għal dawk mingħajr ebda esperjenza ta' vittimizzazzjoni (68 % kontra 81 %).

L-assoċjazzjoni negattiva bejn l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant u l-livell ta' rbit tar-rispondenti għall-pajjiż ta' residenza tagħhom ma titlaqx meta jiġu kkunsidrati karatteristiċi oħra potenzjalment relatati tar-rispondenti. Meta tiġi inkluża informazzjoni dwar is-sess, l-età, il-pajjiż ta' residenza, il-grupp fi-mira u ċ-ċittadinanza fil-kalkoli statistiċi, l-impatt negattiv tal-esperjenzi ta' vittimizzazzjoni jibqa' hemm, li jenfasizza r-robustezza tas-sejbiet.[49]

B'mod simili, esperjenzi ta' diskriminazzjoni, fastidju u vittimizzazzjoni għandhom effett qawwi fuq il-livell ta' fiduċja fis-sistema legali tal-pajjiż u fil-pulizija. Kif ġie nnutat hawn fuq, il-livell ta' fiduċja tar-rispondenti tkejlu fuq skala minn 0 sa 10, fejn 10 ifisser fiduċja sħiħa. Individwi li esperjenzaw xi forma ta' diskriminazzjoni, fastidju jew vjolenza b'mod konsistenti wrew livelli ta' fiduċja aktar baxxi fis-sistema legali u fil-pulizija. Figura 35 turi l-livelli medji ta' fiduċja fil-pulizija u fis-sistema legali fost ir-rispondenti b'esperjenzi ta' vittimizzazzjoni, imqassmin skont it-tip ta vittimizzazzjoni li ltaqgħu magħha matul it-12-il xahar preċedenti

**Figura 35: Il-fiduċja fis-sistema legali u fil-pulizija, skont l-esperjenza ta' vittimizzazzjoni fl-aħħar 12-il xahar (valur medju fuq skala minn 0 sa 10, it-triangoli jindikaw xi forma ta' esperjenzi ta' vittimizzazzjoni, it-tikek ma jindikaw l-ebda esperjenza bħal din)** [a,b]




*Noti:* [a] *Ibbażat fuq ir-risponenti Musulmani kollha (n = 10,498 għal diskriminazzjoni, u n=10,527 għal fastidju u vjolenza).*

[b] *Mistoqsija: "Fuq skala ta' 0-10, jekk jogħġbok, għidli kemm personalment tafda lil kull waħda mill-istituzzjonijiet ta' [PAJJIŻ] li naqra. 0 ifisser li bl-ebda mod ma tafda istituzzjoni, u 10 ifisser li għandek fiduċja sħiħa."*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

48 Il-perċentwali jinkludu lil dawk ir-rispondenti li indikaw il-valuri 4 jew 5 fuq l-iskala ta' 5 punti, fejn 5 ifisser "marbutin ħafna" u 1 "l-ebda rbit".

49 Dan ir-riżultat ġie ttestjat billi ġie analizzat il-livell ta' rbit f'analiżi ta' rigressjoni multivarjata.

tal-istħarriġ. Meta ġie ttestjat f'analiżi ta' rigressjoni multivarjata, l-effett li għandhom l-esperjenzi ta' vittimizzazzjoni fuq il-livell ta' fiduċja huwa minnu wkoll meta tiġi kkunsidrata informazzjoni dwar karatteristiċi oħrajn, inkluż l-età, iċ-ċittadinanza, il-pajjiż ta' residenza, is-sess, il-ġenerazzjoni u l-gruppi fil-mira. Fost dawn il-karatteristiċi, li wieħed ikun immigrant tat-tieni ġenerazjzoni, bħala medja, ukoll jirriżulta f'livelli ta' fiduċja aktar baxxi.

# Anness: Metodoloġija ta' EU-MIDIS II

Is-sejbiet ippreżentati f'dan ir-rapport huma bbażati fuq intervisti, fi 15-il Stat Membru tal-UE, b'immigranti u dixxendenti ta' immigranti li indikaw li huma Musulmani meta ġew mistoqsija dwar ir-reliġjon tagħhom. Is-sottokampjun tal-Musulmani huwa parti mill-istħarriġ EU-MIDIS II tal-FRA, li ġabar *data* dwar esperjenzi u opinjonijiet tal-immigranti u tal-minoranzi etniċi fir-rigward tad-diskriminazzjoni, il-vittimizzazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fit-28 Stat Membru tal-UE kollha.

Il-gruppi fil-mira ta' immigranti u dixxendenti ta' immigranti (li spiss saret referenza għalihom bħala immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni) ġew identifikati billi r-rispondenti potenzjali ġew mistoqsija dwar il-pajjiż tat-twelid tagħhom u l-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri tagħhom. Pajjiżi u reġjuni ta' oriġini definiti b'mod ċar intużaw għall-gruppi differenti koperti f'kull wieħed mill-pajjiżi. Sabiex jiġu kkunsidrati bħala membru ta' wieħed mill-gruppi fil-mira ta' immigranti u dixxendenti ta' immigranti, ir-rispondenti jew kellhom ikunu twieldu f'pajjiż minn dawk magħżula ta' oriġini ("l-ewwel ġenerazzjoni") jew wieħed mill-ġenituri tagħhom jew it-tnejn li huma kellhom ikunu minn wieħed minn dawn il-pajjiżi ("it-tieni ġenerazzjoni").

Il-gruppi li kellhom jiġu mistħarrġa f'kull wieħed mill-pajjiżi ntgħażlu abbażi ta' kriterji multipli, inkluż id-daqs tal-popolazzjoni fil-mira, il-fattibbiltà li jitwettaq l-istħarriġ bil-popolazzjoni fil-mira rispettiva, ir-riskju tal-grupp li jesperjenza diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni motivati "razzjalment", "etnikament" jew "reliġjożament", il-vulnerabbiltà tagħhom li jkunu f'riskju ta' esklużjoni soċjali, u t-tqabbil ma' stħarriġ preċedenti tal-FRA.

Għall-iskopijiet tal-istħarriġ, immigranti u dixxendenti ta' immigranti jinkludu li ġej:

- **"Immigranti"** tinkludi persuni li **ma twildux** fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE/tal-EFTA (Liechtenstein, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera); għandhom il-post tar-residenza tas-soltu tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE fejn twettaq l-istħarriġ; u kienu ilhom jgħixu fil-pajjiż tal-istħarriġ għal tal-inqas 12-il xahar preċedenti tal-istħarriġ.
- **"Dixxendenti ta' immigranti"** huma persuni li twieldu f'wieħed mit-28 Stat Membru attwali tal-UE jew mill-pajjiżi taż-ŻEE/tal-EFTA; li l-post tar-residenza tas-soltu tagħhom kien fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE fejn twettaq l-istħarriġ; u li kellhom tal-inqas ġenitur wieħed li **ma twilidx** fl-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE/tal-EFTA (Liechtenstein, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera).
- F'xi Stati Membri tal-UE, EU-MIDIS II għamel stħarriġ fuq **"Immigranti riċenti"** – prinċipalment persuni li emigraw għal Stat Membru tal-UE fl-10 snin qabel l-istħarriġ (jiġifieri **wara** l-2004), li l-post tar-residenza tas-soltu tagħhom huwa fit-territorju tal-Istat Membru tal-UE fejn twettaq l-istħarriġ, u li kienu ilhom jgħixu fil-pajjiż tal-istħarriġ għal tal-inqas 12-il xahar qabel l-intervista. Il-pajjiż tat-twelid ta' "immigranti riċenti" jista' jkun kwalunkwe pajjiż ħlief l-UE-28 u pajjiżi taż-ŻEE/tal-EFTA.

EU-MIDIS II kopra l-gruppi li ġejjin taħt il-kunċett "immigranti u dixxendenti ta' immigranti":

- Immigranti mit-Turkija u d-dixxendenti tagħhom (f'6 Stati Membri tal-UE);
- Immigranti mill-Afrika ta' Fuq u d-dixxendenti tagħhom (f'5 Stati Membri tal-UE);
- Immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana u d-dixxendenti tagħhom (fi 12-il Stat Membru tal-UE);
- Immigranti mill-Asja t'Isfel u d-dixxendenti tagħhom (f'4 Stati Membri tal-UE);
- Immigranti riċenti minn pajjiżi oħra li mhumiex tal-UE/EFTA (f'2 Stati Membri tal-UE);

Għal dan ir-rapport, ir-riżultati ġew analizzati għal persuni li kellhom 16-il sena jew aktar, li identifikaw lilhom infushom bħala ma' wieħed mill-ħames gruppi elenkati hawn fuq u:

- li huma ta' reliġjon Musulmana;
- li l-post tar-residenza tas-soltu tagħhom huwa fl-Istat Membru tal-UE li ġie mistħarreġ;
- li kienu ilhom jgħixu f'unitajiet domestiċi privati fl-Istat Membru tal-UE li ġie mistħarreġ għal tal-inqas it-12-il xahar preċedenti.[50]

EU-MIDIS II ġabar informazzjoni minn 25,515 rispondent li kienu qed jgħixu fi 22,690 unità domestika. Fost dawn, 11,220 rispondent indikaw li huma Musulmani. Għall-iskop tal-analiżi ddettaljata tal-Musulmani skont il-pajjiż u l-grupp fil-mira, ir-rispondenti minn dawn

50 F'numru żgħir ta' pajjiżi, persuni li ma kinux qed jgħixu f'unitajiet domestiċi privati wkoll ġew inklużi fil-kampjun. Pereżempju, f'Malta, il-popolazzjoni fil-mira (immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana u d-dixxendenti tagħhom) kienet żgħira ħafna; mingħajr ma inkludiet persuni li kienu qed jgħixu fi djar istituzzjonali, il-koperta ta' din il-popolazzjoni ma kinitx se tkun sħiħa.

il-pajjiżi u l-gruppi fil-mira ntgħażlu fejn tal-inqas 100 rispodnenti ġew inklużi fil-kampjun. Dan wassal għal kampjun finali ta' 10,527 rispondent għal dan ir-rapport, minn sitt gruppi ta' oriġini differenti fi 15-il Stat Membru tal-UE – l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, Malta, in-Netherlands, l-Iżvezja, is-Slovenja u r-Renju Unit. Id-daqsijiet tal-kampjun iddettaljati tar-rispondenti Musulmani jidhru f'Tabella 1, li jvarjaw minn 101 immigrant u dixxendent ta' immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana fil-Ġermanja għal 839 immigrant u dixxendent ta' immigranti mit-Turkija fil-Ġermanja.[51]

Il-perċentwali tal-Musulmani jvarja fil-gruppi koperti. Fl-24 grupp fil-mira kollha u kombinazzjonijiet tal-pajjiż, il-perċentwali ta' Musulmani huwa 74 %. Fi 11 mill-24 grupp fil-mira tal-pajjiż, il-perċentwal ta' Musulmani huwa aktar minn 90 % – sa 98 % għal immigranti u dixxendenti ta' immigranti mit-Turkija fl-Awstrija, mill-Afrika ta' Fuq fi Spanja, u mit-Turkija fin-Netherlands. Jistgħu jinstabu perċentwali aktar baxxi ta' Musulmani fost immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika Sub-Sħarjana fir-Renju Unit u fil-Ġermanja – ta' 16 % u 20 %, rispettivament.

Ipsos MORI, kumpanija tal-istħarriġ internazzjonali kbira bbażata fir-Renju Unit, ħadet ħsieb il-fieldwork għal EU-MIDIS II taħt is-superviżjoni tal-persunal tal-FRA, li ssorvelja l-konformità bi proċeduri stretti tal-kontroll tal-kwalità.

Il-mod ewlieni tal-intervista għal EU-MIDIS II kien Intervistar Personali Assistit minn Kompjuter (CAPI) – jiġifieri intervisti wiċċ imb'wiċċ li jiġu amministrati minn intervistaturi permezz ta' kwestjonarju kompjuterizzat. Il-kwestjonarju tas-sors Ingliż, li ġie żviluppat mill-FRA, ġie tradott għal 22 lingwa tal-UE kif ukoll l-Għarbi, il-Kurd, ir-Russu, is-Somali, it-Tamazight u t-Tork.

L-intervistaturi ġew imħarrġa b'mod speċjali għall-istħarriġ, inkluż taħriġ kulturali u etniku. Kull meta kien possibbli jew meħtieġ, intervistaturi bl-istess sfond etniku u/jew sess wettqu l-intervisti biex iżidu r-rispons fost il-gruppi fil-mira.

## Kampjunar

Ħafna mill-gruppi fil-mira f'EU-MIDIS II jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li "diffiċli jintlaħqu" għar-riċerka tal-istħarriġ – f'termini li huma relattivament żgħar fid-daqs u/jew imferrxa – u minħabba n-nuqqas ta' oqfsa tal-kampjunar tal-gruppi fil-mira. Kull meta kien possibbli, instilet kampjun minn qafas tal-kampjunar li jkopri l-popolazzjoni fil-mira. Madankollu, l-opportunitajiet biex isir kampjun tal-popolazzjoni fil-mira huma differenti ħafna fost l-Istati Membri minħabba d-disponibbiltà differenti tal-oqfsa tal-kampjunar u d-distribuzzjoni tal-grupp fil-mira fil-pajjiżi (jiġifieri lista ta' persuni li jistgħu jintużaw biex issir għażla rappreżentattiva kkontrollata tal-grupp fil-mira).

F'ħafna mill-pajjiżi, kellhom jiġu żviluppati u jitħaddmu metodoloġiji tal-kampjunar avvanzati u ġodda, u ntgħażel l-aħjar disinn possibbli għal kull grupp fil-mira f'kull wieħed mill-pajjiżi. Għal xi gruppi fil-mira f'xi pajjiżi, intużat taħlita ta' metodi differenti sabiex tiġi żgurata kopertura aħjar tal-popolazzjoni fil-mira. Fir-rapport tekniku tal-istħarriġ se tiġi ppubblikata deskrizzjoni ddettaljata tal-metodi tal-kampjunar li ntużaw.

B'mod ġenerali, f'xi pajjiżi, il-kopertura nazzjonali kellha titnaqqas għal raġunijiet ta' effiċjenza. Dan ifisser li f'kampjunar ta' diversi stadji, żoni b'densitajiet aktar baxxi tal-popolazzjoni fil-mira ta' immigranti u dixxendenti ta' immigranti (jiġifieri mhux Musulmani biss) ġew esklużi minħabba li l-iskrinjar tal-popolazzjoni fil-mira ma kienx se jkun possibbli. F'ħafna mill-pajjiżi, żoni b'densitajiet taħt ċertu limitu kellhom jiġu esklużi. Dawn il-limiti jvarjaw minn żoni b'inqas minn 2.7 % f'Ċipru sa 10 % fi Franza.

## Ippeżar

Ir-riżultati tal-istħarriġ ippreżentati f'dan ir-rapport huma bbażati fuq *data* ppeżata sabiex jiġu riflessi l-probabbiltajiet tal-għażla ta' kull unità domestika u individwu abbażi tad-disinn tal-kampjunar. Il-peżati jammontaw ukoll għad-differenzi fid-daqs (stmat) tal-popolazzjoni fil-mira f'kull wieħed mill-pajjiżi.

Fejn possibbli, il-kampjun ġie post-stratifikat għad-distribuzzjoni reġjonali u għall-karatteristiċi tal-popolazzjoni tal-popolazzjoni fil-mira koperta.[52] Fil-Finlandja u fin-Netherlands, il-kampjun ġie aġġustat ukoll għad-distribuzzjoni bejn is-sessi u l-età. Il-kampjun fin-Netherlands ġie aġġustat aktar skont il-ġenerazzjoni (l-ewwel jew it-tieni ġenerazzjoni), il-pajjiż ta' oriġini għal immigranti u dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq, u l-età.

51 Il-kampjun totali ta' Afrikani Sub-Saħarjani fil-Ġermanja kien ħafna ogħla, iżda l-esklużjoni tar-rispondenti kollha mhux Musulmani wasslet għal kampjun aktar baxx ta' 101 rispondent Musulman biss.

52 Informazzjoni esterna u sorsi tad-*data* għall-poststratifikazzjoni huma limitati. Għalhekk, f'bosta pajjiżi ntużaw biss ir-reġjun u l-urbanità għall-poststratifikazzjoni. Pereżempju, f'Malta, hemm perċentwali verament baxx ta' nisa fost il-grupp fil-mira. Fin-nuqqas ta' statistika tal-popolazzjoni ddettaljata dwar il-grupp fil-mira f'Malta, xorta huwa preżunt li n-nisa kienu xi ftit sottorappreżentati fil-kampjun, iżda ma jistax isir aġġustament għalihom.

## Errur ta' kampjunar

L-istħarriġ kampjunarju kollu jiġi affettwat minn errur ta' kampjunar, minħabba li l-istħarriġ jintervista frazzjoni biss tal-popolazzjoni totali. Għalhekk, ir-riżultati kolha ppreżentati huma stimi ta' punt li huma l-bażi ta' varjazzjoni statistika. Differenzi żgħar ta' ftit punti perċentwali bejn il-gruppi ta' rispondenti għandhom jiġu interpretati fi ħdan il-medda ta' varjazzjoni statistika u d-differenzi aktar sostanzjali bejn il-gruppi ta' popolazzjoni biss għandhom jiġu kkunsidrati bħala differenzi attwali fil-popolazzjoni totali. Ir-riżultati bbażati fuq daqsijiet tal-kampjun iżgħar huma statistikament inqas affidabbli u huma mmarkati fil-graffs u fit-tabelli – pereżempju, in-numri murija fil-graffs huma mqiegħda fil-parentesi – u mhumiex interpretati sostanzjalment. Dawn jinkludu statistika bbażata fuq kampjuni bejn total ta' 20 u 49 rispondent. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 rispondent mhumiex murija. Ir-riżultati bbażati fuq daqsijiet taċ-ċelluli b'inqas minn 20 persuna huma mmarkati wkoll.

## Il-Musulmani fl-istħarriġ EU-MIDIS II

Skont stimi għall-2010 miċ-Ċentru ta' Riċerka Pew, fl-UE jgħixu madwar 20 miljun Musulman– irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni u ċittadinanza tagħhom u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom – li jikkorrispondi għal madwar 4 % tal-popolazzjoni totali tal-UE. Ħafna mill-Musulmani fl-UE jgħixu fi Franza u fil-Ġermanja, b'madwar 4.7 miljun f'kull wieħed miż-żewġ pajjiżi li jammontaw għal ftit aktar minn 46 % tal-Musulmani kollha fl-UE. Pajjiżi oħra b'numri sinifikanti ta' Musulmani huma r-Renju Unit u l-Italja (bi 3 u 2.2 miljun, rispettivament); kif ukoll il-Bulgarija, in-Netherlands u Spanja (kollha madwar miljun 1).

Meta jitqabbel id-daqs stmat tal-Musulmani koperti f'EU-MIDIS II mal-istima ġenerali għall-Musulmani kollha, is-sehem ta' Musulmani koperti f'din l-analiżi huwa kważi nofs (45 %) il-Musulmani kollha f'dawn il-pajjiżi u madwar 42 % tal-Musulmani kollha fl-UE. Madankollu, il-perċentwali ta' Musulmani koperti minn EU-MIDIS II fil-pajjiżi jvarja u huwa partikolarment għoli fi Franza (75 %), fil-Belġju (56 %) u fil-Ġermanja (54 %).

L-età medja tar-rispondenti Musulmani hija 38 sena; 50 % huma nisa u 50 % huma rġiel, u ftit aktar minn 50 % tar-rispondenti Musulmani koperti f'din l-analiżi għandhom ċittadinanza tal-Istat Membru fejn jgħixu. Madwar żewġ terzi tar-rispondenti Musulmani huma immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li għexu fil-pajjiż bħala medja għal 24 sena. Madankollu, Tabella 2 turi li l-karatteristiċi soċjodemografiċi magħżula tar-rispondenti Musulmani jvarjaw konsiderevolment fost il-pajjiżi u l-gruppi fil-mira kkunsidrati f'din l-analiżi.

Il-varjazzjoni fl-età medja hija indikattiva tat-tul ta' residenza tar-rispondenti fil-pajjiż tal-istħarriġ (l-ewwel ġenerazzjoni biss) u l-akkwist taċ-ċittadinanza tiegħu. Fin-Netherlands, aktar minn 80 % tal-immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni mill-Afrika ta' Fuq u mit-Turkija huma ċittadini Olandiżi. Dan huwa l-istess għal immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni mit-Turkija fl-Iżvezja u fil-Belġju. Fost l-immigranti Musulmani mill-Asja t'Isfel fil-Greċja, mill-Afrika sub-Saħarjana f'Malta, u immigranti riċenti fis-Slovenja, is-sehem ta' ċittadini nazzjonali huwa l-aktar baxx – li jvarja minn 0.2 % sa 2 %.

Aktar minn terz (36.5 %) tar-rispondenti Musulmani li huma immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni jindikaw li emigraw lejn l-UE għal raġunijiet tal-familja, bħal biex jingħaqdu ma' membru tal-familja jew biex jiżżewġu. Madwar terz (29 %) ġew biex jaħdmu. Kwart tar-rispondenti Musulmani kollha jgħidu li emigraw meta kienu tfal mal-ġenituri tagħhom (26 %). Madwar 7 % ġew biex jistudjaw u 5 % kienu talbu l-ażil.

Il-proporzjon ta' nisa fost ir-rispondenti Musulmani jvarja konsiderevolment fil-gruppi fil-mira u fost il-pajjiżi, u dan jikkostitiwixxi proporzjon baxx ħafna fost immigranti mill-Asja t'Isfel (4 %) fil-Greċja u mill-Afrika sub-Saħarjana f'Malta (6 %) – iżda li jammontaw għal kważi 58 % tar-rispondenti Musulmani mill-Afrika sub-Saħarjana fir-Renju Unit.

Tabella 2: Il-karatteristiċi demografiċi tar-rispondenti Musulmani

| Pajjiż – grupp fil-mira | Età medja (snin) | Nisa (%) | Ċittadinanza tal-pajjiż (%) | Immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni (%) | Snin medji ta' res-idenza tal-ewwel ġenerazzjoni | Numru ta' rispondenti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AT - TUR | 36 | 51 | 63 | 66 | 22 | 564 |
| BE - NOAFR | 37 | 46 | 76 | 52 | 24 | 680 |
| BE - TUR | 36 | 45 | 83 | 51 | 27 | 602 |
| CY - ASJA | 36 | 38 | 28 | 86 | 12 | 104 |
| DE - SSAFR | 36 | 36 | 37 | 89 | 16 | 101 |
| DE - TUR | 39 | 48 | 38 | 63 | 31 | 839 |
| DK - SSAFR | 34 | 30 | 62 | 86 | 18 | 428 |
| DK - TUR | 39 | 52 | 60 | 62 | 30 | 369 |
| EL - SASIA | 35 | 4 | 0 | 99 | 12 | 467 |
| ES - NOAFR | 35 | 55 | 19 | 96 | 14 | 771 |
| FI - SSAFR | 30 | 42 | 66 | 85 | 14 | 198 |
| FR - NOAFR | 40 | 51 | 60 | 66 | 25 | 749 |
| FR - SSAFR | 34 | 52 | 59 | 68 | 16 | 308 |
| IT - NOAFR | 35 | 42 | 14 | 98 | 13 | 777 |
| IT - SASIA | 34 | 39 | 9 | 100 | 9 | 301 |
| IT - SSAFR | 36 | 42 | 19 | 95 | 13 | 192 |
| MT - SSAFR | 28 | 6 | 2 | 100 | 5 | 353 |
| NL - NOAFR | 38 | 49 | 90 | 60 | 29 | 641 |
| NL - TUR | 37 | 49 | 89 | 60 | 30 | 604 |
| SE - SSAFR | 32 | 46 | 60 | 86 | 12 | 221 |
| SE - TUR | 36 | 46 | 84 | 63 | 22 | 322 |
| SI - RIMGR | 33 | 45 | 2 | 100 | 6 | 226 |
| UK - SASIA | 38 | 51 | 81 | 68 | 21 | 595 |
| UK - SSAFR | 35 | 58 | 77 | 76 | 17 | 115 |
| **Medja** | **38** | **50** | **53** | **68** | **24** | **Total 10,527** |

*Sors: FRA, EU-MIDIS II 2016*

Tabella 3: Il-pajjiżi ewlenin tat-twelid ta’ immigranti Musulmani tal-ewwel ġenerazzjoni, skont il-grupp fil-mira u l-pajjiż ta’ residenza

| Grupp fil-mira tal-pajjiż | Pajjiż tat-twelid | n | % |
|---|---|---|---|
| CY - ASJA | Oħra | 62 | 63.3 |
| CY - ASJA | Ir-Repubblika Għarbija Sirjana | 36 | 36.7 |
| BE - NOAFR | Il-Marokk | 397 | 91.1 |
| BE - NOAFR | Oħra | 39 | 8.9 |
| ES - NOAFR | Il-Marokk | 721 | 97.2 |
| ES - NOAFR | L-Alġerija | 21 | 2.8 |
| FR - NOAFR | L-Alġerija | 220 | 43.9 |
| FR - NOAFR | Il-Marokk | 214 | 42.7 |
| FR - NOAFR | It-Tuneżija | 63 | 12.6 |
| FR - NOAFR | Oħra | 4 | 0.8 |
| IT - NOAFR | Il-Marokk | 529 | 69.2 |
| IT - NOAFR | It-Tuneżija | 107 | 14 |
| IT - NOAFR | L-Eġittu | 83 | 10.8 |
| IT - NOAFR | L-Alġerija | 34 | 4.4 |
| IT - NOAFR | Oħra | 12 | 1.6 |
| NL - NOAFR | Il-Marokk | 272 | 94.4 |
| NL - NOAFR | Oħra | 16 | 5.6 |
| AT - TUR | It-Turkija | 400 | 100 |
| BE - TUR | It-Turkija | 316 | 100 |
| DE - TUR | It-Turkija | 556 | 100 |
| DK - TUR | It-Turkija | 239 | 100 |
| NL - TUR | It-Turkija | 259 | 100 |
| SE - TUR | It-Turkija | 213 | 100 |
| SI - RIMGR | Il-Bożnija-Ħerzegovina | 144 | 63.7 |
| SI - RIMGR | Il-Kosovo | 42 | 18.6 |
| SI - RIMGR | L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 25 | 11.1 |
| SI - RIMGR | Oħra | 15 | 6.6 |
| EL - SASIA | Il-Pakistan | 297 | 64 |
| EL - SASIA | Il-Bangladesh | 165 | 35.6 |
| EL - SASIA | Oħra | 2 | 0.4 |
| IT - SASIA | Il-Bangladesh | 181 | 60.9 |
| IT - SASIA | Il-Pakistan | 101 | 34 |
| IT - SASIA | Oħra | 15 | 5.1 |

| Grupp fil-mira tal-pajjiż | Pajjiż tat-twelid | n | % |
|---|---|---|---|
| UK - SASIA | Il-Pakistan | 265 | 64.5 |
| UK - SASIA | Il-Bangladesh | 143 | 34.8 |
| UK - SASIA | Oħra | 3 | 0.7 |
| DE - SSAFR | Oħra | 90 | 100 |
| DK - SSAFR | Is-Somalja | 353 | 95.7 |
| DK - SSAFR | Oħra | 16 | 4.3 |
| FI - SSAFR | Is-Somalja | 128 | 74.9 |
| FI - SSAFR | Oħra | 43 | 25.1 |
| FR - SSAFR | Oħra | 89 | 41.2 |
| FR - SSAFR | Is-Senegal | 54 | 25 |
| FR - SSAFR | Il-Mali | 41 | 19 |
| FR - SSAFR | Comoros | 32 | 14.8 |
| IT - SSAFR | Is-Senegal | 114 | 60.6 |
| IT - SSAFR | Oħra | 74 | 39.4 |
| MT - SSAFR | Is-Somalja | 297 | 84.1 |
| MT - SSAFR | Oħra | 56 | 15.9 |
| SE - SSAFR | Is-Somalja | 131 | 66.8 |
| SE - SSAFR | Oħra | 65 | 33.2 |
| UK - SSAFR | Is-Somalja | 49 | 52.7 |
| UK - SSAFR | Oħra | 44 | 47.3 |

*Nota:* [a] *Pajjiżi tat-twelid b'inqas minn 20 osservazzjoni għal kull pajjiż ta' residenza u grupp fil-mira huma miġbura fil-qosor bħala "oħrajn".*

*Sors:* *FRA, EU-MIDIS II 2016*

# Referenzi


Il-Kunsill tal-Ewropa (2010), *Declaration of the European ministerial conference on integration*, Zaragoza, 15 -16 ta' April 2010.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2015), *Declaration on promoting citizenship and the common values of freedom, tolerance and non-discrimination through education* – Laqgħa informali tal-Ministri tal-Edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea, Pariġi, 17 ta' Marzu 2015.

Is-7 Rawnd ta' ESS (2014), *European Social Survey Round 7 Data: Data file edition 2.1. NSD - Norwegian Centre for Research Data, Norway - Data Archive and distributor of ESS data for ESS ERIC.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2015a), *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà*, COM(2015) 185 final, Brussell, 28 ta' April 2015.

Il-Kummissjoni Ewropea (2015b), "*Ewrobarometru Speċjali 437: Id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2015*".

Il-Kummissjoni Ewropea (2016a), *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina,* COM(2016) 230 final, 20 ta' April 2016.

Il-Kummissjoni Ewropea (2016b), *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi*, COM(2016) 377 final, Strasburgu, 7 ta' Ġunju 2016.

Il-Parlament Ewropew (2016), Riżoluzzjoni tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015 (Resolution of 13 December 2016 on the situation of fundamental rights in the European Union in 2015) (2016/2009(INI)), P8_TA-PROV(2016)0485, Strasburgu, 13 ta' Diċembru 2016.

European Values Study (EVS) (2016), *European Values Study 2008: Integrated Dataset (EVS 2008), GESIS Data Archive, Cologne. ZA4800 Data file Version 4.0.0, doi:10.4232/1.12458*.

FRA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali) (2009), *EU-MIDIS, European Union Minorities and Discrimination Survey*: *Muslims*, Data f'rapport ta' fokus, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet).

FRA (2010), *EU-MIDIS, European Union Minorities and Discrimination Survey*: *Police stops and minorities*, Data f'rapport ta' fokus, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

FRA (2012), *Making hate crime visible in the European Union: acknowledging victims' rights*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

FRA (2014), *Violence against women: an EU-wide survey: Comparative Report*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

FRA (2015), *Embedding fundamental rights in the security agenda*, FRA Focus 01.

FRA (2016), *Second European Union Minorities and Discrimination Survey*: *Roma–Selected findings*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

FRA (2017a), *Fundamental Rights Report 2017*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

FRA (2017b), *Together in the EU: Promoting the participation of migrants and their descendants*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

Huddleston, T., Niessen, J., Tjaden, J. D. (2013), '*Using EU indicators of immigrant integration: Final report for Directorate-General for Home Affairs*', Brussell.

Ara wkoll pubblikazzjonijiet oħrajn tal-FRA f'dan il-qasam:

- http://fra.europa.eu/en/publication/2017/eumidis-ii-main-results
- http://fra.europa.eu/en/publication/2018/roma-education-to-employment
- http://fra.europa.eu/en/publication/2016/eumidis-ii-roma-selected-findings (disponibbli fil-lingwi tal-UE)
- http://fra.europa.eu/en/publication/2017/eumidis-ii-technical-report

Ara wkoll online data explorer tal-FRA: http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/data-and-maps/


**KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

## Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);

- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

## Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

**HELPING TO MAKE FUNDAMENTAL RIGHTS A REALITY FOR EVERYONE IN THE EUROPEAN UNION**

Il-Musulmani li jgħixu fl-UE jaffaċċjaw diskriminazzjoni f'medda wiesgħa ta' ambjenti – u partikolarment meta jkunu qed ifittxu xogħol, fuq ix-xogħol, u meta jippruvaw jaċċessaw servizzi pubbliċi jew privati. Ir-rapport jeżamina kif karatteristiċi – bħall-isem u l-kunjom tal-individwu, il-kulur tal-ġilda u l-ilbies ta' simboli reliġjużi viżibbli bħal velu, pereżempju – jistgħu jiskattaw trattament diskriminatorju u fastidju.

Dawn huma biss ftit mis-sejbiet deskritti f'dan ir-rapport, li jeżamina l-esperjenzi ta' aktar minn 10,500 immigrant Musulman u dixxendent ta' immigranti Musulmani fi 15-il Stat Membru tal-UE. Barra mid-diskriminazzjoni – inkluż waqfien mill-pulizija bbażat fuq l-isfond etniku – dan jesplora kwistjonijiet li jvarjaw miċ-ċittadinanza, il-fiduċja u t-tolleranza, permezz ta' fastidju, vjolenza u delitti ta' mibegħda, għas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet.

Ir-rapport huwa bbażat fuq data miġbura fit-tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni tal-FRA, li stħarreġ madwar 26,000 persuna bi sfond ta' immigrant jew minoranza etnika li jgħixu fl-UE. Dan jipprovdi perspettiva unika tal-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tat-tieni l-akbar grupp reliġjuż fl-UE, li jirrappreżenta madwar 4 % tal-popolazzjoni totali tal-UE. Meħudin flimkien, is-sejbiet tal-istħarriġ u r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jipprovdu bażi tajba biex tappoġġja l-effettività ta' medda wiesgħa ta' miżuri fl-oqsma tal-integrazzjoni u tan-nondiskriminazzjoni kif ukoll tal-politika ta' sigurtà interna.


**FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Awstrija
tel +43 158030-0 – fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet